**Qorti tal-Appell-Kriminali**

Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

Appell-Nru. 32/2018

**Il-Pulizija**

**Spettur Maurice Curmi**

**Vs**

**Arnold Farrugia**

Illum, 17 ta' Jannar, 2019

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Arnold Farrugia detentur tal-karta ta' l-identita' numru 471569M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta), bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

(1) F'Novembru, 2012, u fix-xhur u s-snin ta' qabel, sar kompliċi fir-reat ta' frodi magħmula minn Martin Degabriele detentur tal-karta tal-identità numu 226254M, billi għamel użu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq ieħor, ingann jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex jġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex jqanqal tama jew biża dwar ġrajja kimerika, għamel qliegħ ta' aktar minn elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) għad-detriment tas-soċjetà Gasan Enterprises Limited ai termini tal-artikoli 42, 308, 309 u 310 tal-Kodiċi Kriminali, Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

(2) Fl-istess żmien, lok u ċirkostanzi ta xhieda falza f'materja ċivili jew għamel affidavit falz waqt li kien jaf li dak l-affidavit kien meħtieġ jew maħsub għal proċeduri ċivili f'Malta, ai termini tal-artikolu 106 tal-Kodiċi Kriminali, Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

(3) Fl-istess data, lok u ċirkostanzi ħalef falz quddiem uffiċjal li kellu s-setgħa b'ligi li jagħti l-ġurament, ai termini tal-artikolu 108 tal-Kodiċi Kriminali, Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

(4) Fl-istess żmien, lok u ċirkostanzi sabiex jikseb xi vantaġġ jew benefiċċju għalih nnifsu jew għal ħadideħor, f'dokument maħsub għal awtorità pubblika, xjentament għamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta tagħrif falz, ai termini tal-artikoli 188 u 189 tal-Kodiċi Kriminali tal-Liġijiet ta' Malta; u

(5) Sar reċediv b'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) datata 23.01.2008, liema sentenza hija definittiva u ma tistax tiġi mibdula, ai termini tal-artikoli 49 u 20 tal-Kodiċi Kriminali tal-Liġijiet ta' Malta

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, taplika l-provvedimenti tal-artikolu 109 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet ukoll gentilment mitluba sabiex barra milli taplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, ai termini tal-artikolu 532A, 532B u 533 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-23 ta' Jannar, 2018 fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 17, 31, 41(1)(a), 42(1)(d), 49, 50, 308 u 310(1)(a) tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, filwaqt li sabet lill-imputat Arnold Farrugia hati tal-ewwel

imputazzjoni limitatament fit-tentattiv tal-frodi, illiberatu mill-akkuzi l-ohra kollha, u ikkundannatu ghal ghaxar xhur prigunerija.

Il-Qorti astjeniet milli tiehu konjizzjoni tat-talba ghall-hlaas tal-esperti billi ma jirrizultax li kien hemm tali hlas involut.

Illi fid-dawl tal-provi li gew prodotti f'dawn il-proceduri, il-Qorti ordnat lill-Kummissarju tal-Pulizia sabiex jinvestiga jekk f'dana il-kaz jezistux l-estremi legali li jsawwru r-reati kkontemplati fl-artikoli 103,106, 111, 308, 309 u 310, tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, u dan senjatament fil-konfront ta' Martin Degabriele, detentur tal-karta tal-identita' numru 226254M.

Il-Qorti ordnat li kopja tax-xhieda tal-imputat fil-proceduri civili flimkien mal-istqarrija tieghu kif ukoll tas-sentenza jintbaghtu lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jaghmel l-investigazjonijiet kif ordnat.

Rat ir-rikors tal-appellanti Arnold Farrugia minnu pprezentat fl-1 ta' Frar, 2018 fejn talab lil din il-Qorti joghgobha **tibdel** s-sentenza appellata billi: filwaqt li tirrevoka s-sejbien ta' htija tal-ewwel imputazzjoni limitatament fit-tentattiv tal-frodi; tikkonfermaha fil-parti fejn illiberat lill-esponenti mill-akkuzi l-ohra kollha; u subordinatament, u minghajr pregudizzju ghall-aggravji dwar il-mertu, f'kaz li dina l-Onorabbli Qorti tikkonferma l-htija, illi tvajra u timmodifika s-sentenza appellata kwantu piena billi tinfliggi piena aktar miti u gusta skond il-kaz.

Rat l-aggravji tal-appellanti u cioe':-

Illi ghall-ahjar kjarezza ta' hsieb l-esponenti qieghed jappella limitatament minn dik il-parti fid-decizzjoni fejn l-esponenti gie misjub hati tal-ewwel imputazzjoni bhala komplici limitatament fit-tentattiv tal-frodi skond l-artikoli 308 u 310(1)(a) tal-Kodici

Kriminali, u mhux qed jintavola l-ebda appella minn dik il-parti tas-sentenza fejn l-esponenti gie liberat mill-akkuzi l-ohra kollha.

Illi l-esponenti sejjer jaqsam dan l-umili appell billi **fl-ewwel lok**, jqajjem eccezzjoni dwar l-istqarrija tal-imputat u jitlob l-isfilz taghha, kif ukoll jitlob ukoll illi minhabba ragunijiet marbuta mal-istess eccezzjoni, ma jittehidx lanqas kaz tat-testimonjanza li ta Arnold Farrugia fil-proceduri civili liema testimonjanza giet esebita wkoll fil-proceduri kriminali. **Fit-tieni lok**, l-esponenti sejjer juri kif in *ogni caso* ma jirrizultawx pruvati l-elementi kollha tar-reat tal-frodi ai termini tal-artikolu 308 tal-Kodici Kriminali u kwindi kellu jkun hemm liberazzjoni anke tat-tentattiv tal-frodi. **Fit-tielet lok**, u minghajr pregudizzju ghall-premess, huwa sejjer juri kif il-valur tal-allegat tentattiv ta' frodi ma giex pruvat u kwindi qatt ma seta' jkun hemm htija bl-aggravanti taht l-artikolu 310(1)(a) tal-Kodici Kriminali. **Fir-raba' lok**, u minghajr pregudizzju ghall-aggravji kollha supra, l-esponenti sejjer juri kif, b'mod specjali, tenut kont li l-esponenti gie liberat mill-imputazzjoni ta' gurament falz propju minhabba d-difiza tar-*retraction*, t-tentattiv tal-frodi ma jistax jirrizulta minhabba li kien l-esponenti stess li ddezista u volontarjament irtira dak li kien hemm fl-affidavit li skond l-Ewwel Qorti seta' jwassal ghal frodi. L-esponenti sejjer juri wkoll taht din it-taqsima, kif dikjarazzjoni ta' htija u l-konsegwenti piena ta' 10 xhur prigunerija hija bir-rispett l-anti-tezi tal-ispritu u l-iskop wara d-difiza tar-retraction. **Fil-hames u l-ahhar lok**, l-esponenti sejjer jissottometti bir-rispett illi minghajr pregudizzju dwar il-mertu, tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, il-piena kienet wahda ferm eccessiva. Dan specjalment tenut kont il-fatt li minghajr pregudizzju, l-parte civile iddikjarat illi ma kien fadlilha l-ebda interess fil-proceduri odjerni. Apparti min hekk, jekk dina l-Qorti joghgobha tikkonferma l-ezistenza tal-frodi, l-istess frodi fil-kaz odjern kien intrinsikament marbut mar-reat ta' gurament falz li tieghu ma wehel l-ebda piena u minflok gie liberat minhabba d-difiza tar-*retraction*.

1. <u>**L-Istqarrija tal-Esponenti u t-Testimonjanza tieghu li nghatat fil-proceduri civili**</u>

Illi l-esponenti umilment jissottomett illi l-istqarrija tieghu rilaxxata minnu fit-28 ta' Settembru 2012 (folio 25 sa 27 tal-process) ghandha tigi dikjarata inammissibli ghaliex meta tali stqarrija giet rilaxxata l-akkuzat ma kellux dritt li l-avukat tieghu jkun preżenti u jipparteċipa b'mod effettiv fl-interrogazzjoni.

Illi din l-eccezzjoni qeghda tingieb il-quddiem fid-dawl tal-interpretazzjoni tad-decizzjonijiet tal-gurisprudenza l-aktar ricenti tal-ECHR u tal-Qrati taghna fejn inghad kjarament li d-dritt ta' l-akkuzat jigi rrimedjabbilment ippregudikat meta hu jirrilaxxa stqarrijiet waqt l-interrogazzjoni meta jkunx moghti d-dritt li jkun assistit minn avukat u in segwitu dawk l-istqarrijiet jintuzaw kontra tieghu. Din l-eccezzjoni qed issir ukoll fid-dawl ta' dak li jiddisponu *inter alia* l-artikoli 355AT u 355AUA tal-Kodici Kriminali u l-Avviz Legali 102 tal-2017 liema artikoli rrendew applikabbli d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2013/48/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2013. B'mod specjali issir referenza ghall-artikolu 355AUA(8)(c) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jistipola li:

> *"Il-persuna suspettata jew akkużata għandu jkollha d-dritt li l-avukat tagħha jkun preżenti u jipparteċipa b'mod effettiv fl-interrogazzjoni. Dik il-parteċipazzjoni tista' tiġi regolata skont proċeduri li l-Ministru responsabbli għall-Ġustizzja jista' jistabbilixxi permezz ta' regolamenti, hekk iżda li dawk il-proċeduri ma jippreġudikawx l-eżerċizzju effettiv u l-essenza ta' dak id-dritt konċernat."*

Illi dawn is-sottomissjonijiet li qed jaghmel l-esponenti isibu l-konfort mhux biss fil-ligi supra citata, izda wkoll fis-sentenzi li inghataw ricentament mill-Qorti Kriminali u mill-Qrati Civili fejn filwaqt li ghamlu referenza ghall-gurisprudenza u l-izviluppi

ricenti fid-decizzjonijiet tal-ECHR iddikjaraw car u tond li stqarrija li tkun inghatat minn persuna suspettata u/jew arrestata hija inammissibli.

Illi fis-sentenza ***ir-Repubblika ta' Malta vs Martino Aiello***, deciza mill-Qorti Kriminali nhar id-9 ta' Mejju 2017 il-Qorti qalet testwalment li:

> *"….li anki jekk r-rikorrenti rrifjuta d-dritt li jikkonsulta avukat ma jfissirx li hu kien ser jirrifjuta l-prezenza ta' avukat flistess kamra ta' l-interrogatorju, tenut kont tal-fatt li l-artikolu fuq citat isemmi li l-avukat prezenti ghall-interrogatorju "...jippartecipa b'mod effettiv fl-interrogazzjoni...". Kif wiehed jista' japprezza din hi sitwazzjoni kompletament differenti. Logikament, ma tistax tipenalizza persuna li ghamel ghazla fuq parametri kompletament differenti minn dawk li huma in vigore llum.*
>
> *Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet din il-Qorti tilqa l-eccezzjoni tar-rikorrenti. Tiddikjara l-istqarrija tad-19 ta' Ottubru, 2014 rilaxxat mir-rikorrenti bhala nammissibbli. Tali stqarrija ma tistax tigi prodotta waqt il-guri jew kopja taghha moghtija lill-gurati."*

L-esponenti jzid ukoll ma' din id-decizzjoni li kif jirrizulta mill-parti preliminari tal-istqarrija tal-esponenti, meta giet rilaxxata l-istqarrija f'Settembru 2012 kienet ukoll tapplika l-kwistjoni tal-inferenza ta' korroborazzjoni ta' htija jekk matul il-process titressaq xi difiza li tkun ibbazata fuq xi haga li ma jkunx semma matul l-interrogazzjoni.

Illi fil-kawza ***il-Pulizija vs Aldo Pistella*** deciza mill-Qorti Civili Prim'Awla (Gurisdizzjoni Kostituzzjonali) nhar is-27 ta' Gunju 2017 il-Qorti iddikjarat li *"m`ghandu jsir ebda uzu mill-istqarrija ta` Aldo Pistella fil-process kriminali"* u dan wara li qalet testwalment li:

> *"…….ghall-kaz odjern ghandha tapplika l-gurisprudenza l-aktar ricenti tal-ECHR u tal-qrati taghna fejn inghad kjarament li d-dritt ta` l-applikant jigi rrimedjabbilment ippregudikat meta hu jirrilaxxa stqarrijiet waqt l-interrogazzjoni meta ma kienx assistit minn avukat u in segwitu dawk l-istqarrijiet jintuzaw kontra tieghu."*

Fl-ahhar lok, issir referenza wkoll ghall-kawza ***Christopher Bartolo vs Avukat Generali Kummissarju tal-Pulizija***, deciza fit-23 ta' Novembru 2017 mill-Qorti Civili Prim'Awla (Gurisdizzjoni Kostituzzjonali). Hawhekk mhux biss il-Qorti, similarment ghaz-zewgt decizzjonijiet precedenti iddikjarat inamissibli l-istqarrija li rrilixxa Bartolo waqt li kien arrestat minhabba li waqt li kien qed jigi interrogat huwa ma nghatax dritt li jkollu l-avukat tieghu jkun preżenti u jipparteċipa b'mod effettiv fl-interrogazzjoni, izda sahansitra marret oltre u ordnat ukoll illi r-rikorrent jinghata l-possibilità li jirtira jew jikkonferma l-ammissjoni maghmula minnu quddiem il-Qorti meta hemmhekk kien debitament assistit minn avukat di fiducja tieghu.

Illi fid-dawl tal-premess, l-esponenti apparti li qieghed jitlob li l-istqarrija rilaxxata minnu fit-28 ta' Settembru 2012[1] tigi dikjarata inammissibli u dan flimkien ma' kwalunwke xhieda tal-pulizija li taghmel referenza ghal kontenut ta' dawn l-istqarrija, qieghed jitlob ukoll li jinghata l-opportunità li jirtira dak kollu li segwa b'rizultat ta' din l-istqarrija b'mod partikolari t-testimonjanza moghtija mill-esponenti fil-proceduri civili u li giet esebita fil-proceduri kriminali[2].

Illi din l-umili talba qed issir a bazi tal-istess ragunament li ghamlet l-Qorti Civili fil-proceduri ***Christopher Bartolo vs Avukat Generali*** fejn r-rikorrenti inghata t-tieni rimedju dwar l-opportunità li r-rikorrenti jirtira l-ammissjoni tieghu quddiem il-Qorti Kriminali. Illi dan ir-rimedju inghata minhabba li l-Qorti irriteniet li:

---

[1] Folio 25 sa 27 tal-process.
[2] DOK EF a folio 101 et seq. tal-process.

> *"Meta r-rikorrent ammetta l-akkuzi migjuba kontrih quddiem il-Qorti, hu kien rinfaccjat b'sitwazzjoni fejn in atti kien diga' hemm il-konfessjoni li huwa ta lil pulizija filistqarrijiet impunjati f'dawn il-proceduri. Ghalhekk f'dak il-mument ir-rikorrent kellha zewg opzjonijiet:*
>
> *1. Jiddikjara li mhux hati, fi process fejn bhala prova kontra tieghu kienet ser tintuza konfessjoni li huwa kien ta lil pulizija, u fi process li skont il-ligi, fil-kaz ta' sejbien ta' htija seta' jwassal ghal imposizzjoni ta' piena karcerja severa;*
> *2. Jew, in vista tal-istqarrijiet li huwa ta lil pulizija, jammetti l-akkuza migjuba kontra tieghu, biex b'hekk ikun f'posizzjoni li jippattegja dwar il-piena, u forsi jehel piena anqas severa.*
>
> *Meta wiehed iqis x'kienet l-ghazla li kellu quddiemu r-rikorrent, f'mument fejn kien kompletament vulnerabbli ghall-poter tal-Istat waqt li kien qed jissielet ma' kondizzjoni medika severa u terminali, huwa facli jifhem il-ghaliex ghazel li jammetti l-akkuzi migjuba kontra tieghu. Il-Qorti zgur ma tistghax tqis illi dan it-tip ta' Hobson's choice jista' jissarraf f'ghazla libera ghar-rikorrent sabiex jammetta lakkuzi kontra tieghu. Hu proprju ghal din ir-raguni li skont il-gurisprudenza tal-Qorti ta' Strasbourg, in-nuqqas ta' assistenza legali fl-istadju tal-pre-trial, twassal sabiex id-dritt tal-akkuzat ghal smiegh xieraq ikun irretrievably prejudiced. Ikkonsidrat illi l-konfessjoni li ta lil pulizija necessarjament ghandha rwol centrali fl-ghazla tieghu li jammetti, minhabba r-riperkussjonijiet reali u severi li seta' jkollha din il-konfessjoni, il-Qorti tqis li l-ammissjoni tieghu quddiem il-Qorti Kriminali u l-istqarrijiet li huwa rrilaxxa lil pulizija huma intrinsikament konnessi."*

Illi fil-kaz odjern, ghandu jirrizulta car daqs il-kristall illi li kieku ma kinitx ghall-istqarrija li rrilaxxja l-esponenti meta gie interrogat kieku lanqas biss ma kienu

jinbdew dawn il-proceduri kriminali kontra tieghu. Dan ghaliex anke minn natura tal-kaz stess u c-cirkostanzi kollha partikolari relatati mal-imputazzjoni principali ta' gurament falz, il-prosekuzzjoni kien ikollha necessarjament tipproduci evidenza ohra biex tinstab htija – haga li f'dan il-kaz giet kompletament sostitwità bl-istqarrija tal-esponenti.

Isegwi ukoll illi l-linji difensjonali li ttiehdu fil-proceduri odjerni kienu b'rizultat tal-istess stqarrija, u kwindi similarment ghal kaz ta' Bartolo l-esponenti ghandu jinghata wkoll l-opportunità li jirtira / jew li jitlob li ma tigix ikkunsidrata, jekk ikun il-kaz, it-testimonjanza li huwa ta fil-proceduri civili li tinsab esbita f'dawn il-proceduri kriminali. Dan flimkien ma' kwalsiasi referenza ghall-istess testimonjanza li tirrizulta fl-atti.

**2. <u>Ma jirrizultawx pruvati l-elementi kollha tar-reat tal-frodi ai termini tal-artikolu 308 tal-Kodici Kriminali</u>**

Illi sabiex jigi evitat kwalsiasi malintiz jinghad bir-rispett illi dan l-aggravju qed jingieb il-quddiem minghajr pregudizzju ghall-ewwel aggravju.

Illi jidher mid-decide tas-sentenza appellata illi l-Ewwel Onorabbi Qorti sabet htija taht l-artikolu 308 tal-Kodici Kriminali (bl-aggravanti tal-valur izda limitatament fit-tentattiv tal-istess reat). Kwindi ghandu jirrizulta car li l-esponenti ma giex misjub hati tal-frodi innominat kontemplat taht l-artikolu 309 tal-Kodici Kriminali. Kif digà gie dikjarat iktar kmieni f'dan l-appell, l-appell qed jigi interpost limitatament mid-dikjarazzjoni ta' htija tal-artikolu 308 u 310(1)(a) tal-Kodici Kriminali limitatament fit-tentattiv, u kwindi ovvjament l-esponenti mhux qed jikkontesta n-nuqqas ta' htija taht l-artikolu 309 tal-Kodici Kriminali (li jitratta l-frodi innominat).

Illi maghmula din il-parentezi, l-esponenti umilment jissottometti illi anke jekk wiehed ikollu ghall-grazzja tal-argument, u ghall-grazzja tal-argument biss, jikkonsidra l-istqarrija tal-esponenti flimkien mat-testimonjanza tieghu li nghatat fil-proceduri civili, flimkien mal-bqija tal-provi, minn imkien ma jistghu jirrizultaw pruvati minghajr dubju dettat mir-raguni l-elementi kollha ghar-reat ta' frodi taht l-artikolu 308 tal-Kodici Kriminali.

Illi *dato ma non concesso* li wiehed jkollu jikkunsidra l-provi kollha li tressqu in atti, jirrizulta li huwa minnu li Arnold Farrugia ghal xi xhur ghamel xi xoghol lil Martin Degabriele bil-mini buses. Dan sar sabiex jghin lil Martin Degabriele ilahhaq ix-xoghol li kellu digà konfermat ma' terzi, liema xoghol, Degabriele ma setax jaghmel minhabba li kellu l-minibus bil-hsarat ghal xi zmien. Din il-minibus hija l-van mertu tal-proceduri civili kontra Gasan Enterprises Ltd., li digà saret referenza ghalihom taht l-esposizzjoni tal-fatti. Kwindi ma hemm l-ebda *messa in scena* f'din id-dikjarazzjoni. U iktar minn hekk il-prosekuzzjoni ma gabet l-ebda prova zghira kemm hi zghira Ii b'xi mod remot tista' turi li mhuwiex minnu li l-esponenti lahhaq ix-xoghol ghal Degabriele meta kellu l-van bil-hsara.

L-unika haga li tirrizulta mill-istqarrija tal-esponenti u mit-testimonjanza li nghatat fil-proceduri civili hija li filwaqt li saru l-vjaggi u x-xoghol in kwistjoni, l-ammont dovut lill-esponenti ghal dan ix-xoghol kien inqas minn dak dikjarat fl-affidavit.

Il-bqija tal-affidavit però kien korrett u veritjier, u kwindi ma jistax jinghad li l-affidavit kien il-*messa in scena* biex isir l-allegat frodi ai termini tal-artikolu 308 tal-Kodici Kriminali. L-Ewwel Onorabbli Qorti sabet li:

> *"Dan l-affidavit, kontenenti dikjarazzjoni inveritjiera, serva ta' artifizju, ta' "apparat estern li jirrivesti bi kredibilità l-affermazzjonijiet menzjonieri tal-frodatur", f'dan il-kaz Degabriele."*

L-esponenti però b'kull dovut rispett ma taqbilx mal-premess. L-affidavit in kwistjoni sar sabiex l-esponenti jikkonferma li huwa kien ghamel xoghol lil Degabriele fuq medda ta' xhur. Dan il-fatt ma huwiex ikkontestat u kwindi ma jistax jinghad li l-affidavit sar biex iservi ta' apparat estern biex jirrivesti bi kredibilità l-allegazzjoni. F'kawza civili, il-provi jistghu jkunu jew dokumenti jew altrimenti testimonjanzi bil-gurament li jistghu jsiru ukoll permezz ta' affidavit. Kwindi huwa naturali li persuna li trid li tikkonferma xi haga f'kawza civili tressaq ix-xhieda taghha in sostenn tal-premess. Dikjarazzjoni falza jew le, l-affidavit bil-fors ried isir biex jigi konfermat li l-esponenti ghamel xi xogholijiet ghal Degabriele. Dan però ma jikkostitwixxix l-apparat estern konsistenti fl-aritifizju u r-raggiri li jirrekjedi *sine quo non* l-artikolu 308 tal-Kodici Kriminali.

In oltre, bir-rispett kienet skorretta l-Ewwel Qorti meta iddikjarat li "*Id-dokumentazzjoni esebita turi li sussegwentament ghall-ghemil ta' dan l-affidavit gew istitwiti proceduri civili kontra l-parti lesa, Gasan Enterprises Ltd.*"[3]

Jekk wiehed jara d-dokumentazzjoni esebita mir-rapprezentant tal-Qorti il-kawza civili giet istitwita fis-27 ta' Novembru 2009[4] u l-affidavit huwa datat 12 ta' Lulju 2012[5]. Dan l-izball tal-Ewwel Qorti huwa bir-rispett zball li kkontribwixxa biex l-Qorti erronjament kkonludiet li l-affidavit serva ta' artifizju ghall-kawza civili – meta fil-fatt però mhux hekk kien lanqas f'termini ta' kronologija tal-fatti!

In sostenn tal-fatt li ma jezistu l-ebda artifizji jew raggiri, ta' min jsemmi wkoll illi f'dan il-kaz affidavit biss gie prezentat, u ma hemm l-ebda dokument kwalsiasi esebit in konnessjoni mal-istess fil-proceduri kriminali. Ghall-korrettezza, ghalkemm

---

[3] Sottolinear tal-Ewwel Qorti – pagna 5 tas-sentenza.
[4] Folio 44 tal-process.
[5] Folio 21 tal-process.

fl-affidavit jissemma xi rendikont (li ma hemm l-ebda informazzjoni dwaru, u min suppost ghamlu), dan ir-rendikont però ma huwiex esebit fl-atti, u kwindi japplika necessarjament l-insenjament *quod non est in actis non est in mundo*. Apparti minn hekk jirrizulta wkoll mill-istess kwerela a folio 19 tal-process *"the affidavit is not substantiated by any fiscal receipts"*. Dan fl-umili fehma ma jfisser xejn ghajr konferma ulterjuri li ma kien hemm l-ebda *messa in scena* fil-prezentazzjoni tal-istess affidavit, tant li l-istess parte civile fil-kwerela taghha sahansitra ilmentat dwar dan in-nuqqas ta' dokumentazzjoni!

Dan il-fatt jirrizulta wkoll mit-testimonjanza tal-parte civile stess li jikkonferma li l-crux principali kien fuq l-ammont mhux li l-incident *as such* ma sehhx, izda biss li l-ammont huwa differenti minn dak li hemm fl-affidavit.[6]

Kwindi jirrizulta bic-car li l-kwistjoni kollha hija fl-aghar ipotezi dwar gidba dwar l-ammont.

Mill-banda l-ohra però, kif dejjem gie ritenut mill-Qrati taghna, is-semplici gidba ma hijiex bizzejjex biex jirrizulta r-reat kontemplat fl-artikolu 308 tal-Kodici Kriminali.

Biex jirrizulta r-reat taht l-artikolu 308 tal-Kodici Kriminali, kuntrarjament ghall-artikolu 309, irid jirrizulta necessarjament l-artifizi jew raggiri. Gidba wehidha ma hijiex bizzejjed. L-elementi tal-frodi gew trattati diversi drabi mill-Qrati taghna fejn dahlu wkoll fid-distinzjoni bejn il-frodi taht l-artikolu 308 u l-frodi innominat taht l-artikolu 309 tal-Kodici Kriminali. Fil-kawza ***il-Pulizija vs Raymond Ferris***, deciza mill-Qorti tal-Magistrati nahr il-21 ta' Mejju 2015 il-Qorti meta kienet qed titratta l-elementi materjali ghar-reat kontemplat taht l-artiklu 308 irritentiet li:

---

[6] Vide pagna 4 tat-testimonjanza ta' Dr. L Bianchi tal-10 ta' April 2017.

*Illum, ghalhekk, huwa assodat fil-gurisprudenza taghna illi biex ikun hemm ir-reat tat-truffa, ghal dawk li huma artifizi,* ***ma hix bizzejjed is-semplici gidba****, izda jinhtieg li jkun hemm ukoll l-apparat estern li jaghti fidi lil dik il-gidba. Irid ikun hemm dik il-"magna callidibus ad decipiendum aliquam addibite"; irid ikun hemm dik l-impostura li tikkonstringi lil dak li jkun li jemmen, li tnehhi kull suspett u li tipparilizza d-diligenza tal-iffordat u tissorprendilu il-bwona fede tieghu.*

Illi l-istess sentenza kwotat ukoll is-sentenza fl-ismijiet il-***Pulizija vs Emanuel Tabone*** deciza mill-Qorti ta l-Appell Kriminali fit-8 ta' Marzu 1995 fejn kien dikjarat li:

*".... r-reat tat-truffa* ***jirrikjedi li jkun hemm mhux biss is-semplici kliem menzonjer****, imma anke l-"mise-en-scene" li taghti kreditu lil dak il-kliem ta' ngann".*

Illi is-sentenza fl-ismijiet ***il-Pulizija vs George Manicolo*** deciza mill-Qorti tal-Appell nahr il-31 ta' Lulju 1998 ukoll dahlet fuq il-kwistjoni jekk gidba tammontax jew le ghall-elementi materjali rikjesti taht l-artikolu 308 tal-Kodici Kriminali u rriteniet li:

*"Sabiex jissussisti r-reat ta' truffa* ***mhijiex bizzejjed is-semplici gidba****, il-kliem menzjonier, izda hu necessarju u essenzjali li jkun hemm ukoll l-apparat estern li jaghti fidi u kredibilita' lil dik il-gidba. Dan l-att estern jista' jiehu diversi forom, kultant anke att teatrali. Irid ikun att, jew atti, li jimpressjonaw bniedem ta' intelligenza u prudenza ordinarja u normali, ghandhom ikunu atti frawdolenti li necessarjament iqajmu sentimenti kif indikat fl-artikolu 308 tal-Kodici Kriminali. Minbarra l-gideb irid ikun*

*hemm l-ingann, ir-raggiri jew is-simulazzjoni li jwasslu sabiex il-vittma jemmen jew ikollu fidi f'dak li qed jigi lilu mwieghed mill-frodatur. Dan l-ingann, ghalhekk, ghandu jkun akkumpanjat b'artifizji. kwazi teatrali, u mhux semplicement weghdiet, promessi u kliem semplici."*

Illi fl-ahhar lok, b'referenza ghall-gurisprudenza kwotata mill-Ewwel Onorabbli Qorti jirrizulta illi l-gideb jista' se mai jammonta ghal frodi innominat taht l-artikolu 309 tal-Kodici Kriminali[7] izda mhux taht l-artikolu 308 tal-Kodici Kriminali. Illi infatti f'pagna 10 tas-sentenza jirrizulta li s-sentenza ***il-Pulizija vs Carmela German***[8] kienet qed tirreferi ghall-artikolu 309 u mhux l-artikolu 308.

Illi fil-kaz odjern, dak li jirrizulta mill-istqarrija tal-imputat huwa semplicement li l-ammont in kwistjoni kien zbaljat stante li kien ghola minn dak li effettivament kien. Konsegwentament, fid-dawl ta' dawn l-umili sottomissjonijiet supra l-esponenti umilment jissottometti illi bis-semplici "gidba" konsistenti f'dikjarazzjoni skorretta dwar l-ammont li kien dovut lilu ma jistghux jirrizultaw sodisfacentament pruvati l-elementi kollha ghar-reat tal-frodi kif kontemplat fl-artikolu 308 tal-Kodici Kriminali. Ghalkemm il-"gidba" kienet f'affidavit, l-affidavit per se kien korrett u ma kien fih l-ebda att teatrali. Biex jigi pruvat li l-esponenti veru ghamel x-xoghol lil Degabriele ghal xi xhur, l-affidavit kien wiehed mill-metodi li bih Degabriele seta' jressaq il-provi tieghu fil-kawza.

In oltre, apparti minn hekk, hemm ukoll nuqqas dwar l-element formali tar-reat kif ukoll dwar l-elementi necessarji biex tigi pruvat l-komplicità. L-esponenti spjega kif dan kollu gara tort tal-fatt li huwa kien afda lil Degabriele li kien lesta l-affidavit minn qabel tramite l-avukati tieghu, u l-esponenti kemm qabad u iffirmah. L-

---

[7] Artikolu tal-ligi li tieghu ma nstabx hati l-esponenti.
[8] Deciza mill-Qorti tal-Appell nhar it-30 ta' Dicembru 2004.

esponenti jispjega ukoll illi huwa kien staqsa dwar ic-cifra izda dan kien qallu biex ihalli f'idu - haga li l-esponenti ghamel. Dan sar ukoll ghaliex il-ktieb li fuqu l-esponenti kien izomm rendikont tal-vjaggi li ghamel ghal Degabriele kien ghand Degabriele stess u kwindi l-esponenti ma setax jikkonferma o meno l-ammonti. L-esponenti jghid ukoll li huwa semplicement afda f'Degabriele u qabad u ikkonferma l-istess affidavit. Dawn ic-cirkostanzi digà fl-umili fehma tal-esponenti juru li l-esponenti qatt ma kellu l-ebda intenzjoni li jghin lil Degabriele f'xi frodi, izda jista' fl-aghar ipotezi iwieged ghall-traskuragni u nuqqas ta' hsieb minhabba li qabad u iffirma minghajr ma talab spjegazzjoni u konferma ulterjuri tal-ammonti.

Dan ifisser ukoll li kuntrarjament ghal dak li qalet l-Ewwel Qorti lanqas ma jista' jirrizulta li l-esponenti kien komplici ma' Degabriele. L-esponenti infatti jiddikjara li ma hemm l-ebda prova li tipprova sal-grad rikjest mill-prosekuzzjoni li l-esponenti xjentament ghen u assista lil Degabriele. Apparti li Degabriele ma xehedx f'dawn il-proceduri, u ma tressqet l-ebda prova in sostenn tal-concursus delinquentium rikjest mill-ligi sine qua non sabiex tigi pruvata l-komplicità.

L-Ewwel Onorabbli Qorti, bir-rispett, erronjament, tiddikjara li l-esponenti huwa hati ta' komplicità ghaliex xjentament ghen u assista lil Degabriele fl-att kriminali intiz biex jiffroda lil Gasan Enterprises Ltd. Biex tasal ghal din il-konkluzzjoni, l-Ewwel Qorti tikkwota parti mill-istqarrija tal-esponenti fejn huwa jiddikjara li Degabriele kien weghdu li una volta kien ser jithallas minghand Gasan, Degabriele kien ser ihallas lill-esponenti ghal dak li kien dovut lilu ghall-vjaggi li ghamel. Dan però b'kull dovut rispett ma jfissirx li allura huwa kellu l-*common design* ma' Degabriele. Anzi jekk wiehed ikollu iqis din l-istess stqarrija li kwotat l-Ewwel Qorti jirrizulta li qabel din id-dikjarazzjoni hemm miktub li l-esponenti kien staqsa lil Degabriele dwar id-diskrepanza li huwa beda jissuspetta li hemm fl-ammonti, izda Degabriele "***baqa jinsisti li sar kollu dan ix-xoghol***" u li "***Martin baqa' jinsisti biex inhalli f'idu***

***<u>ghax kien jaf x'inhu jaghmel"</u>***[9] – dan zgur però ma jista' qatt jfisser bhala xi prova minghajr dubju dettat mir-raguni li Farrugia kellu xi *common design* biex jigi kommess il-frodi! Wiehed ma jridx jinsa li l-kaz kollu tal-prosekuzzjoni izomm fuq din l-istqarrija, u kwindi fin-nuqqas ta' prova zghira kemm hi zghira dwar xi komplott li kellhom l-esponenti u Degabriele dwar il-frodi lil Gasan ma tista' qatt tirrizulta l-komplicità f'dan ir-reat – anzi d-dikjarazzjonijiet fl-istqarrija juru l-kontra!

Maghmula dan is-sottomissjonijiet jigi rilevat bir-rispett illi la l-elementi ma jirrizultawx, *multo magis* allura ma jistax lanqas jirrizulta t-tentattiv ta' l-istess reat. Ghaldaqstant, l-esponenti umilment jissottometti illi huwa ghandu jigi liberat minn sejbien ta' htija ghar-reat ta' frodi fit-tentattiv tieghu.

**3. <u>Il-valur tal-allegat tentattiv ta' frodi ma giex pruvat u kwindi qatt ma seta' jkun htija taht l-artikoli 310(1)(a) tal-Kodici Kriminali</u>**

Mid-decide tas-sentenza tal-Ewwel Onorabbi Qorti jirrizulta li l-esponenti instab hati tat-truffa bl-aggravanti tal-valur. Madanakollu ma jirrizultax a bazi ta' xhiex l-Ewwel Qorti ikkonkludiet li jirrizulta dan l-aggravanti.

L-esponenti umilment jissottometti illi mhux biss dan l-aggravanti ma giex pruvat, talli lanqas il-valur tal-allegat frodi ma gie pruvat. Jekk wiehed joqghod fuq l-istqarrija huwa minnu li d-differenza bejn s-somma indikata fl-affidavit u dik indikata fl-istqarrija hija hija iktar minn Euro 2329.37. Madanakollu, b'kull dovut rispett, din id-differenza ma hijiex is-somma li Gasan kienu ser jkollhom ihallsu a bazi tal-istess affidavit.

---

[9] Pagna 11 tas-sentenza; folio 26 tal-process.

Jekk wiehed jara c-citazzjoni tal-kawza civili, l-allegazzjonijiet u t-talbiet ta' Degabriele kienu bazati fuq l-ispejjez li ghamel Degabriele meta sewwa l-hsarat tal-van a spejjez tieghu (minflok ghand Gasan), kif ukoll minhabba li huwa kellu jingagga servizzi ta' terzi biex "*jonoraw is-servizzi ta' transport li huwa kien kkommetta ruhu li jaghti permezz tal-van in kwistjoni*". Degabriele ma kienx qed jallega li huwa tilef x-xoghol ta' terzi u kwindi kellu jithallas tieghu minghand Gasan. Huwa kien qed jallega li sabiex ma jitilfux kellu jqabbad lil terzi. Mela dak li kienu ser ihallsu Gasan f'kaz li dak allegat jirrizulta kien id-differenza (jekk kien hemm) bejn dak li kien ser jiswa' x-xoghol lil Degabriele li kieku ghamlu bil-van tieghu, u dak li effettivament swieh meta hadem bl-esponenti.

Jibqa' l-fatt però li skond kif dikjarat fil-kawza civili u fl-affdavit ta' Degabriele stess[10], ix-xoghol Degabriele ma tilfux. Dan fil-prattika ifisser li dak dovut lilu minghand terzi (klijenti) ghas-servizzi li kien digà intrabat li jaghmel maghhom, kien ghadu dovut lilu u huwa kellu jithallas taghhom minghand dawn l-istess terzi (klijenti). Dan ghaliex ix-xoghol effettivament sar ghalkemm Degabriele kellu jaghmel speci ta' *sub-contracting*. Kwindi fl-aghar ipotezi li seta' gara kien li jekk forsi qabel kien jaghmel tant persentagg qligh meta kien jahdem bil-van tieghu, issa ghamel persentagg inqas qligh meta ghammillu x-xoghol l-esponenti. Iffiser ukoll illi jekk kien dan il-kaz, u l-Qorti Civili tiddeciedi kontra Gasan[11], allura, anke jekk ghall-grazzja tal-argument u ghall-grazzja tal-argument biss, kellu jsehh dan l-allegat frodi, Gasan kien ikollhom ihallsu din id-differenza fil-qligh biss jekk kien hemm differenza. Frodi jew mhux, Gasan ma kienux ser ihallsu ghall-ammont ta' vjaggi li ghamel l-esponenti ghal Degabriele ghax ta' dawn il-vjaggi Degabriele kien ser jithallas mill-klijenti stess la x-xoghol huwa ghamilulhom[12]. L-eventwali danni li kien qed jallega Degabriele in konnessjoni ma' din il-bicca ta' xoghol kienet biss id-

---

[10] Folio 47-48 tal-process.
[11] Fis-sens li Gasan kienu obbligati minhabba l-garanzija internazzjonali.
[12] Anke jekk tramite 'sub-contracting'.

diskrepanza – jekk kien hemm – fil-qligh li kieku kien jaghmel kieku ghamel ix-xoghol Degabriele bil-van tieghu.

Mill-atti mertu tal-kawza kriminali però ma nafux jekk kienx hemm diskrepanza o meno, *multo magis* allura kemm kienet id-disprekanza u l-eventwali telf ghal Degabriele. Martin Degabriele ma xehedx f'dawn il-proceduri u kull ma gie prezentat mill-kawzi civili kienu ic-citazzjoni u dikjarazzjoni ta' Martin Degabriele. Din id-dikjrazzjoni tikkonferma li t-talba tieghu minghand Gasan ma kinitx ghal kumpens shih tal-ammont ta' vjaggi li ghamel l-esponenti, izda biss l-eventwali danni li jirrizultaw mill-fatt li Degarbiele kellu jqabbad lil l-esponenti jghammillu x-xoghol li kellu digà konfermat mal-klijenti.

lmkien però ma tirrizulta prova zghira kemm hi zghira ta' kemm kien ser jithallas Degabriele minghand il-klijenti li maghhom kien intrabat li jaghmel ix-xoghol. La dan ma giex pruvat, allura jsegwi naturalment li ma jistax jigi stabbilit kemm kienet id-differenza (jekk kien hemm) bejn li kieku ghamlu hu x-xoghol bil van tieghu u kemm sewa meta ghamel ix-xoghol l-esponenti. Fin-nuqqas ta' dan kollu zgur ma jistax jirrizulta l-valur li kien qed jintalab li jithallas Degabriele minghand Gasan xkien – u dan irrispettivament mic-cifra skoretta li ssemmiet fl-affidavit jew mic-cifra korretta li ssemmiet fl-istqarrija. Konsegwentament, zgur ma jirrizultax pruvat l-aggravanti tal-valur ai termini tal-artikolu 310(1)(a) tal-Kodici Kriminali.

Ghaldaqstant, fid-dawl tal-premess, l-esponenti umilment jissottometti illi subordinatament ghall-ewwel zewgt aggravji, jekk dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tikkonferma li jezisti t-tentattiv ta' frodi ai termini tal-artikolu 308, madanakollu tali reat ghandu biss jigi kkunsidrat minghajr l-aggravanti tal-valur, u l-esponenti ghandu jigi liberat mill-aggravanti taht l-artikolu 310(1)(a) tal-Kodici Kriminali.

4. **<u>It-tentattiv tal-frodi ma jistax jirrizulta minhabba li kien l-esponenti stess li ddezista u volontarjament irtira dak li kien hemm skorrett fl-affidavit li skond l-Ewwel Qorti seta' jwassal ghal frodi</u>**

Illi l-esponenti gie liberat mill-imputazzjoni ta' gurament falz f'affidavit Ii kien ser jintuza fi proceduri civili minhabba d-difiza tar-*retraction*. Din id-difiza sabiex tirnexxi titlob li r-*retraction* trid tkun saret qabel ma jigu terminati l-proceduri li fihom tkun inghatat ix-xiehda, kif ukoll trid tkun wahda volontarja. L-esponenti ovvjament mhuwiex qieghed jikkontesta din il-liberazzjoni, però qieghed jikkontesta l-fatt li nonostante li huwa ressaq il-quddiem id-difiza tar-*retraction* b'success (u allura anke l-Ewwel Qorti stess ikkonfermat li r-ritrattazzjoni saret qabel l-gheluq tal-kawza u b'mod volontarju), huwa spicca xorta wahda ingustament, misjub hati tar-reat tal-frodi meta kien hu stess li bir-*retraction* tieghu ddezista milli jkompli ghaddej u jimxi ghall-ezekuzzjoni tal-allegat reat ta' frodi.

Fis-sentenza appellata jidher li l-Ewwel Onorabbli Qorti cahdet id-difiza li f'dan il-kaz, irrispettivament minn jekk l-fatti specie kienux jinkwadraw taht ir-reat ta' l-frodi jew le, l-esponenti kien waqaf minn rajh milli jikkonsma d-delitt tal-allegat frodi u kwindi l-esponenti lanqas ma kellu jinstab hati ta' tentattiv ta' frodi.

L-Ewwel Qorti fis-sentenza taghha qalet teswalment[13]:

> *"Illi jibqa' l-fatt li l-frodi ma sehhx minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volontà tal-imputat, u cioe` minhabba li s-socjeta` kwerelanta intebhet bil-qerq li kien ser jigi perpetrat fil-konfront taghha u dlonk ghamlet kwerela hmistax wara li sar l-affidavit kontenenti ddikjarazzjoni falza. Id-difiza kkontendiet li*

[13] Pagna 11 tas-sentenza

*Farrugia waqaf minn rajh milli jikkonsma d-delitt ta' frodi izda kif intqal ir-reat prospettat blartikolu 106(3) tal-Kodici Kriminali, tenut kont li hu wiehed ta' natura formali, immaterjalizza malli gie mahluf l-att gudizzjarju u cioe` fit-12 ta' Lulju, 2012, u mhux sussegwentement meta, korrettament, ghazel li ma jikkonfermax l-att inveritjier fil-kawza civili, reat ravvizat bl-artikolu 106(1) tal-Kodici! Ghalhekk malli gie mahluf dak l-att gudizzjarju, immaterjalizza l-artifizju ntiz biex jinganna lill-parte leza."*

L-Ewwel Qorti mbaghad kwotat mis-sentenza ***Il-Pulizija vs Patrick Filletti u Enrico sive Henry Filletti***[14] fejn il-Qorti kienet qalet li:

*"Ir-reat in ezami huwa ovvjament reat formali. Gie indubbjament kommess, bl-elementi kostituttivi tieghu kollha, appena l-imputati, wara li gie lilhom somministrat il-gurament, ghamlu dikjarazzjoni falza lill-perit tekniku."*

U kien a bazi ta' hekk li ddecidiet li *"l-ewwel imputazzjoni ta' komplicita` fi frodi tirrizulta ampjament ippruvata izda biss in kwantu ghat-tentattativ tal-istess delitt."*[15]

B'kull dovut rispett però jidher li l-Ewwel Qorti ghamlet zewgt zbalji f'dan l-argument liema zbalji waslu sabiex iddecidiet erronjament dwar is-sejbien ta' htija ta' tentattiv ta' frodi.

---

[14] Deciza nhar l-24 ta' Novembru 1992 mill-Qorti tal-Appell Kriminali, per Onor. Imhallef Dr. Victor Caruana Colombo
[15] Pagna 12 tas-sentenza.

Fl-ewwel lok, l-Ewwel Onorabbli Qorti qalet li l-frodi ma sehhx minhabba li s-socjetà kwerelanta intebhet bil-qerq li kien ser jigi perpetrat fil-konfront taghha u ghamlet kwerela. B'kull dovut rispett però l-kwerela ma waqqfitx lir-reat tal-frodi milli jigi ikkonsmat. Il-kwerela talbet biss li jkun hemm investigazzjoni. In oltre, ghandu jigi ppuntwalizzat illi jekk wiehed jzomm fuq l-allegazzjonijiet tal-parte civile u l-prosekuzzjoni, tenut kont li hawn si trattava ta' allegat frodi kommess tramite gurament falz f'kawza civile, l-frodi seta' jigi kkunsmat biss fl-ahhar tal-proceduri meta l-proceduri jigu finalment decizi, u biss, jekk il-Qorti taccetta u tabbracja in toto l-affidavit tal-esponenti.

Jidher li mhux kontestat li sal-mument li inbaghtet il-kwerela lill-pulizija sabiex ikun hemm investigazzjoni, l-allegat frodi kien ghadu ma giex ikkunsmat[16]. In oltre, fil-kaz partikolari, jirrizulta mill-provi li kien biss bl-istqarrija tal-esponenti li huwa rrilaxxa lill-ispettur investigattiv u s-sussegwenti *retraction* tieghu fil-Qorti Civili li d-delitt ma sehhx[17]. Kien unikament minhabba dawn iz-zewgt fatturi li r-reat ma kienx ghad fadallu c-cans li jigi kkunsmat u mhux minhabba li inbaghtet il-kwerela. Jigi ribadit bir-rispett li dan l-agir tal-esponenti ma jfisser xejn ghajr dak li jghid it-test tal-ligi fl-artikolu 41(2) tal-Kodici Kriminali, i.e. *waqaf minn rajh milli jikkonsma d-delitt.* Infatti wiehed ma jistax ma jippuntwalizzax li fil-kaz odjern u bil-provi li tressqu jirrizulta ampjament car li li kieku l-esponenti ghazel li ma jwegibx fl-istqarrija tieghu, kieku lanqas biss ma gew istitwiti l-proceduri kriminali odjerni.

Fit-tieni lok, l-Ewwel Qorti filwaqt li gustament rabtet l-allegat frodi mar-reat ta' gurament falz ai termini tal-artikolu 106(3) tal-Kodici Kriminali, però irriteniet, bir-rispett, erronjament li r-reat taht l-artikolu 106(3) huwa wiehed ta' natura formali li immaterjalizza malli gie mahluf l-att gudizzjarju billi kwotat is-sentenza tal-Qorti tal-

---

[16] Kif del resto accetat l-Ewwel Qorti.
[17] Minghajr pregudizzju ghall-aggravji precedenti b'mod specjali rigward l-inammissibilità tal-istqarrija tal-esponenti u x-xiehda tieghu li huwa ta fil-proceduri civili.

Appell ***il-Pulizija vs Patrick Filetti et.***. Din il-kawza kienet iddikjarat li r-reat ta' gurament falza f'dak il-kaz kien wiehed formali u gie kkunsmat "*appena l-imputati, wara li gie lilhom somministrat il-gurament, ghamlu dikjarazzjoni falza lill-perit tekniku*".

Jigi rilevat però bir-rispett illi l-kawza kwotata ta' Filletti ma kinitx titratta r-reat taht l-artikolu 106 izda r-reat taht l-artikolu 108 tal-Kodici Kriminali[18]. Dawn huma zewgt reati distinti minn xulxin. B'mod importanti jigi ppuntwalizzat li filwaqt li d-difiza tar-*retraction* tista' tigi applikata ghall-artikolu 106 tal-Kodici Kriminali, r-*retraction* ma tapplikaz f'kaz ta' gurament falz kontemplat taht l-artikolu 108 tal-Kodici Kriminali. Jirrizulta ghalhekk, bir-rispett, li hawnhekk l-Ewwel Qorti hawdet ir-reat ta' gurament falz fi proceduri civili kontemplat taht l-artikolu 106 ma' dak ta' gurament falz li jinghata f'xi cirkostanzi ohra izda mhux waqt kawza civili.
Infatti, kuntrarjament ghal dak li qalet l-Ewwel Qorti, ir-reat kontemplat fl-artikolu 106 tal-Kodici Kriminali ma jigix kkunsmat malli l-persuna tinghata l-gurament u taghmel dikjarazzjoni, izda jigi kkunsmat biss meta jispiccaw il-proceduri u ma jkunx ghadu aktar possibli ghal dak x-xhud li jirritratta l-verzjoni tieghu. Dan fl-ahhar mill-ahhar huwa konfermat ukoll fis-sentenza fl-ismijiet ***il-Pulizija vs Marzouki Hachemi Beya Bent Abdellatif*** kwotata ukoll mill-Ewwel Qorti stess fejn inghad testwalment li[19]***:***

> *"Fil-fatt, gie ritenut li sakemm ikunu ghadhom ma spiccawx il-proceduri kriminali, u allura hemm dejjem ilpossibilita' li xhud jista' jregga lura x-xhieda falza tieghu, dan* ***id-delitt ta' spergur jimmatura jew jigi kunsmat biss fil-mument meta ma jkunx aktar possibbli li jerga' jissejjah dak ix-***

[18] Infatti l-gurament ma kienx nghata waqt proceduri civili izda quddiem perit tekniku waqt inkjesta mhux fi proceduri kriminali jew civili.
[19] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-22 ta' Ottubru 2001 u citata b'approvazzjoni fis-sentenza ***Il-Pulizija vs Romeo Bone u Sabrina Bone***, deciza nhar it-30 ta' Settembru 2011 mill-Qorti tal-Magistrati.

*__xhud, fil-mument li dawk il-proceduri jkunu intemmu__, u ghalhekk, ma jkunx ghad baqa' l-possibilita' li xhud jirritratta."*

Konsegwentament, ir-ragunament tal-Ewwel Qorti fis-sens li *"malli gie mahluf dak l-att gudizzjarju, immaterjalizza l-artifizju ntiz biex jinganna lill-parte leza."* huwa bir-rispett skorrett.

Il-mument li r-reat ta' gurament ma kienx ghadu kkunsmat u gie sussegwentament newtralizzat bir-ritrattazzjoni volontarja u f'waqtha[20], daqstantiehor l-allegat reat ta' frodi ma dahalx fis-sehh minhabba li l-esponenti volontarjament ikkorega c-cifra indikata fl-affidavit qabel il-konsumazzjoni tad-delitt. Dment li l-proceduri civili kienu ghadhom pendenti, l-esponenti kien ghadu fic-cans li jbiddel il-verzjoni tieghu u kwindi fic-cans ukoll li jirtira volontarjament id-dikjarazzjoni li setghet twassal ghall-frodi.

Fil-kaz odjern ghalhekk ghandu jirrizulta wkoll illi dak li sehh kien propju il-kuntrarju ta' dak indikat fl-artikolu 41(1) tal-Kodici Kriminali. Hawnhekk zgur mhux il-kaz fejn id-delitt ta' frodi ma giex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volontà tal-ħati, izda vice versa, i.e. ma giex esegwit minhabba l-volontà tal-esponenti stess, li ddecieda minn jeddu li ma jkomplix isostni bl-inkorrettezza fl-ammont indikat fl-affidavit u minflok jghid x'kien l-ammont korrett. Kien biss minhabba dan l-agir volontajru tal-esponenti li waqqaf l-ezekuzzjoni tad-delitt.

Fl-ahhar lok, l-esponenti umilment jissottometti, bir-rispett, illi mhux biss dan f'dan il-kaz ghandu jirrizulta l-artikolu 41(1)(b) tal-Kodici Kriminali, izda wkoll li tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, fejn kif digà inghad l-allegat frodi[21] kien intrinsikament marbut mal-gurament falz, una volta l-esponenti gie liberat mill-

---

[20] Skond l-insenjamenti tal-Qrati li jitrattaw b'mod partikolari l-artikoli 105 u 106 kwotati fis-sentenza appellata stess.

[21] Dejjem jekk il-Qorti tiddeciedi li "gibda" hija bizzejjed biex jirrizulta l-frodi taht l-artikolu 308 tal-Kodici Kriminali.

artikolu 106 tal-Kodici Kriminali minhabba ritrattazzjoni, sejbien ta' htija ta' tenattiv ta' frodi ikun, bir-rispett, l-anti-tezi ta' dak li ried l-legislatur. Kif qalet ben tajjeb il-Qorti fil-kaz ***il-Pulizija vs Marzouki Hachemi Beya Bent Abdellatif:***

> *"Din tar-ritrattazzjoni, fil-fatt, hija incentiva li l-ligi taghti lix-xhud sabiex jasal biex jikkoreggi lilu nnifsu biex dak li jkun xehed falz precedentement ma jwassalx ghad-dannu ta'haddiehor u sabiex ukoll l-istess xhud ikollu mohhu mistrieh li l-ligi qed tipproteggih billi jibbenefika minn din irritrattazzjoni tieghu li twassal ghan-newtralizzazzjoni tar-reat ta' spergur. Dan hu ezattament l-iskop wara din id-duttrina, cioe' li tigi zvelata l-verita' li hu wkoll l-iskop ta' kull process kriminali, li bniedem li x-xhieda falza tieghu tista' twassal ghal xi decizjoni hazina, jkun f'posizzjoni li jirrimedja ghal tali sitwazzjoni qabel ma jkun tard wisq. L-effett ta' din l-incentiva hu li tigi eliminata l-possibilita' li l-gustizzja tigi zgwidata w li jsir xi dannu rreversibbli lil xi hadd."*

Fid-dawl tal-premess, l-esponenti umilment jissottometti illi dak li gara f'dan il-kaz, fejn nonostante ir-ritrattazzjoni volontarja u f'waqtha, huwa xorta wahda spicca hati ta' tentattiv ta' frodi u kkundannat 10 xhur prigunerija effettivi, zgur mhuwiex incentiva biex dak li jkun jirremedja s-sitwazzjoni kif ried il-legislatur! Din is-sitwazzjoni, bir-rispett hija semplicement kontro-producenti ghal dak li ried il-legislatur li gharaf li trid tinghata incentiva sabiex tigi eleminata l-possibilità li l-gustizzja tigi zgwidata w li jsir xi dannu rriversibbli lil xi hadd.

Infatti sentenza bhal din, fejn nonostante li kien hemm id-desistenza, xorta wahda instabet htija fit-tentattiv ta' frodi u nghatat piena ta' habs effettiva, kwazi kwazi

twassal il-messagg li jekk xi hadd jiehu gurament falz, allura dan ghandu jibqa' jzomm mal-istess gurament falz ghax ma hemm l-ebda rimedju ghalih.

Ghaldaqstant, fid-dawl ta' dawn l-umili sottomissjonijiet l-esponenti umilment jissottometti illi strettament minghajr pregudizzju ghall-aggravji supra, xorta wahda l-esponenti ma setax jinstab hati tat-tentattiv ta' frodi ai termini tal-artikolu 308 tal-Kodici Kriminali minhabba li kien hemm dezistenza volontarja da parti tal-esponenti stess.

**5. <u>Aggravju dwar Piena</u>**

Sabiex jigi evitat kwalunkwe malintiz l-esponenti jikkjarifika sa mill-bidu nett li dan l-aggravju qed jingieb il-quddiem minghajr pregudizzju ghall-aggravji l-ohra precedenti, u li qed jingieb il-quddiem biss, subordinatament f'kaz li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tikkonferma xi htija.

Maghmula din l-osservazzjoni l-esponenti umilment jissottometti illi tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, l-piena li nghatat kienet wahda, bir-rispett esagerata u minflok kellha tinghata piena iktar miti.

Fl-ewwel lok jigi ribadit li jidher li l-Ewwel Qorti ma tatx wisq piz ghall-fatt li l-parte civile stess iddikjarat li ma kien fadlilha l-ebda interess fil-proceduri odjerni. Huwa minnu li r-reat ta' frodi huwa prosegwibbli ex officio, però f'dan il-kaz, il-proceduri bdew propjament fuq kwerela tal-parti lesa, u kwindi l-fatt li l-parte leza sussegwentament irtirat il-kwerela kellu jinghata iktar piz.

In oltre jigi rilevat bir-rispett illi fil-komputazzjoni tal-piena l-Ewwel Qorti tat piz lill-fatt li mill-fedina penali jirrizulta li l-esponenti qed jiskonta piena ta' prigunerija fit-tul. Madanakollu, din is-sentenza li ghamlet referenza ghaliha l-Ewwel Onorabbli

Qorti ghadha *sub judice* fejn mhux biss l-appell ghadu pendenti, izda wkoll fejn fl-istess appell qieghed *inter alia* jintalab li jsir *re-trial* minhabba irregolaritajiet waqt il-guri. Konsegwentament jigi umilment sottomess illi l-fatt li l-Ewwel Qorti, erronjament, ikkunsidrat sentenza li ghadha *sub judice* fil-komputazzjoni tal-piena, fl-umili fehma tal-esponenti ghandu jimmilita ukoll favur li l-esponenti jinghata piena iktar miti.

L-Ewwel Onorabbli Qorti iddecidiet ukoll illi l-addebitu tar-recidiva jirrizulta pruvat u dan minhabba s-sentenza esebita in atti a folio 57 tal-process et seq. Jigi però bir-rispett sottomess illi bil-prezentazzjoni ta' din is-sentenza ma jfissirx li l-artikolu 50 tal-Kodici Kriminali ghandu awtomatikament japplika. Jekk wiehed jara l-piena li nghatat f'dik is-sentenza, din kienet titratta <u>sentenza sospiza ta' habs</u>, <u>kif ukoll multa</u>. Mis-sentenza u mill-bqija tal-atti ma jirrizultax jekk tali sentenza gietx appellata jew le u jekk tali multa kinitx giet imhallsa jew le sad-data tal-allegat reat mertu ta' dan l-appell. L-artikolu 50 tal-Kodici Kriminali jistipola li:

> *"Meta persuna ikkundannata għal delitt, tagħmel delitt ieħor fi żmien għaxar snin* ***<u>minn dak in-nhar li tkun skontat</u>*** *jew tkun ġiet maħfura l-piena, jekk iż-żmien ta' dik il-piena kien iżjed minn ħames snin, jew fi żmien ħames snin, fil-każijiet l-oħra kollha, tista' teħel piena akbar bi grad wieħed mill-piena stabbilita għal dak id-delitt ieħor."*

Kwindi jidher car li f'dan il-kaz, biex tkun tista' toghla l-piena bi grad wiehed, jehtieg li jkun pruvat li gie kommess reat iehor fi zmien hames snin minn meta <u>tkun giet skontata l-piena</u> ghar-reat precedenti.

Ma gietx però ppezentata l-prova mill-prosekuzzjoni, jekk effettivament thallsitx din il-multa, u jekk thallset, meta thallset. Infatti ma tela l-ebda rapprezentant tal-Qorti

sabiex jixhed u jaghti d-dettalji kollha koncernanti din il-multa. Ghaldaqstant, ma jistax jigi stabbilit liema data ghandha tittiehed in konsiderazzjoni biex jigu kalkulati l-hames (5) snin kontemplati fl-artikolu 50. Johrog mill-ligi stess illi l-Qorti ghandha diskrezzjoni illi taghti lill-hati zmien biex ihallas il-multa. U jekk effettivament ma tithallasx din il-multa, hemm procedura *ad hoc* fejn tali multa tigi konvertita fi prigunerija.

L-esponenti umilment jissottometti illi jekk l-prosekuzzjoni li ghandha l-obbligu li tipprova l-imputazzjonijiet kollha, ma ggibx il-quddiem il-prova ta' jekk gietx skontata l-piena u jekk giet skontata, meta effettivament giet skontata, jsegwi illi l-prova tar-recidiva ai termini tal-artikolu 50 tal-Kodici Kriminali ma tkunx saret.

Dawn is-sottomissjonijiet supra huma wkoll konfortati mill-gurisprudenza tal-Qorti tal-Appell li analizzat id-differenza bejn l-artikolu 49 u 50 tal-Kodici Kriminali.

Hekk per ezempju, fil-kawza fl-ismijiet ***<u>il-Pulizija vs Anthony Borg</u>***, deciza nhar is-16 ta' Novembru 2009 il-Qorti tal-Appell qalet li:

> *"Fil-waqt li ma hemmx dubju li l-appellat hu recidiv ghall-fini tal-artikolu 49 tal-Kap. 9, jibqa' pero' biex jigi verifikat il-periodu li fih gew kommessi r-reati ghall-fini tal-artikolu 50 tal-istess Kap.9. Hu ovvju li fiz-zewg sentenzi l-piena erogata kienet inqas minn hames snin prigunerija w ghalhekk biex ikun hemm ir-recidiva ghall-fini tal-artikolu 50 irid jirrizulta li r-reati mertu tal-kawza odjerna gew kommessi fi zmien hames snin minn dak in-nhar li l-hati jkun skonta l-piena jew minn meta l-piena tkun giet mahfura.*

*Issa r-reati addebitati lill-appellat f' din il-kawza gew allegatament kommessi fil-lejl ta' bejn id-29 u 30 ta' Dicembru, 2006, li ovvjament hi data aktar il-boghod minn hames snin mid-dati tas-sentenzi precedenti rispettivi.* ***<u>Fil-kaz tas-sentenza tas-17 ta' Novembru, 1999, fejn il-kundanna kienet wahda ta' multa li ma jirrizultax meta thallset, ma hemmx il-prova li l-periodu ta' hames snin ma kienx ghadda w ghalhekk l-artikolu 50 zgur ma japplikax fil-konfront taghha."</u>***

Dan l-insenjament gie ukoll ricentament konfermat fis-sentenza ***<u>il-Pulizija vs Alexander Scudamore</u>***, deciza mill-Qorti tal-Appell nhar it-12 ta' Dicembru 2017 fejn il-Qorti qalet testwalment:

*"Kwantu għall-aggravju li jirrigwarda r-reċidiva, l-appellant għandu raġun. Ma jirriżultax mill-atti li huwa ħallas il-multa ta' €175 inflitta bis-sentenza li permezz tagħha ġiet attribwita lilu r-reċidiva. Konsegwentement l-artikolu 50 tal-Kodiċi Kriminali mhux applikabbli."*[22]

*Multo magis* allura jsegwi ukoll f'dan il-kaz li jekk il-prosekuzzjoni ma gabitx il-prova dwar jekk il-multa effettivament thallsitx jew le, u jekk thallset, meta thallset, ghaldaqstant, l-artikolu 50 ma jistax jigi applikat. Dan huwa fattur iehor li ghandu ukoll iwassal necessarjament ghall-riduzzjoni fil-piena.

---

[22] Minhabba f'dan l-argument l-Qorti tal-Appell bidlet sentenza ta' prigunerija effettiva ghal sentenza sospiza ta' habs (ghaliex l-artikolu 28A(7)(b) tal-Kodici Kriminali jipprekludi l-applikazzjoni ta' sentenza sospiza ta' habs biss jekk ikun hemm recidiva skond l-artikolu 50. Jekk ikun hemm recidiva biss skond l-artikolu 49 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta sentenza sospiza tista' tinghata).

In oltre, jigi rilevat ukoll bir-rispett illi f'kaz li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tiddikjara illi kien hemm it-tentattiv ta' frodi taht l-artikolu 308 tal-Kodici Kriminali izda mhux bl-aggravanti tal-valur, ghandu jsegwi wkoll awtomatikament li l-piena tigi ulterjorment ridotta.

Fl-ahhar lok, u minghajr pregudizzju ghall-aggravji supra, anke jekk ghall-grazzja tal-argument u ghall-grazzja tal-argument biss tigi konfermata l-htija, tenut kont il-fatt li **kien biss bl-agir volontarju tal-esponenti** li s-sitwazzjoni giet rimedjata b'hekk li hadd ma sofra l-ebda pregudizzju (tant li l-esponenti sahansitra ibbenefika mid-difiza tar-*retraction* u gie liberat mit-tieni imputazzjoni), l-esponenti ma kellux jinghata piena karcerarja effettiva.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi fis-seduta ta' nhar il-hamsa (5) ta' Gunju tas-sena elfejn u erbatax (2014) xehed Dr. **Louis Bianchi** li spjega li hemm kawza pendenti kontra Gasan Enterprises li giet istitwita minn certu Martin Degabriele u dan fost affarijiet ohra qieghed jitlob kiri ta' transit van waqt li tieghu kien qieghed jissewwa. Kemm Degabriele u Arnold Farrugia ghamlu affidavits u Arnold Farrugia qal li hu kien kera van lil Martin Degabriele u li l-ammont dovut lilu bhala kiri ta' dan il-van kien fl-akkwati ta' xi tnejn u ghoxrin elf Ewro. Spjega li l-kiri kien fl-akkwati ta' tlieta u ghoxrin elf, tnejn u ghoxrin elf ewro u x-xhud dehrlu li dan l-ammont kien esagerat u ma kien hemm l-

ebda *fiscal receipts*, ma kien hemm xejn biex jissostanza din il-kirja. Ghamel rapport mal-pulizija biex jinvestigaw jekk verament harigx din il-kirja jew le. Wara certu zmien irrizuta fil-kawza civili u mill-istatement li ghamel Arnold Farrugia li kien kera xi van fl-istatement tieghu imma l-ammont kien sostanzjalment inqas, kien fl-akwati ta' sitta jew sebat'elef Ewro u mhux tnejn u ghoxrin elf u ghalhekk kellhom isiru dawn il-proceduri talli ghamel affidavit fejn ha gurament falz. Ikkonferma li kien qal li l-ammont li hu kien qed jikri, l-ammont li kellu jithallas minn Degabriele kien ta' sitta u ghoxrin elf, hames mija u hamsa u erbghin u sussegwentement fl-istatement li ghamel lil pulizija qal li l-ammont kien ta' xi sebat'elef biss. Giet prezentata ittra mmarkata bhala MC1 u nota b'vera kopja ta' affidavit immakata bhala Dok MC2.

Fl-affidavit in kwistjoni ta' **Arnold Farrugia** li tidher a fol 21 gie ddikjarat li jaf lil Martin Degabriele peress li t-tnejn li huma kienu involuti fl-istess tip ta' xoghol li jinvolvi l-garr ta' passiggieri bil-mini-buses. Iddikjara li kien ilu f'dan ix-xoghol gha xi tlett (3) snin u li ma ghadux jaghmel dan ix-xoghol. Iddikjara li ghal bidu tas-seena elfejn u disgha (2009) Martin Degabriele kellu problemi b'mini-bus partikolari peress li kellu hsarat fil-makna. Il-vann ta' Martin kien dam ftit mhux hazin bil-hsara u ma setghax juzah biex ilahhaq max-xoghol li kellu ppjanat. Iddikjara li Martin kien kellmu sabiex jara jekk kienx f'pozizzjoni li jghinu billi jaghmillu vi vjaggi bil-van tieghu peress li kien diga’ dahal f'xi ftehim ma' nies ohra sabiex ikun jista' jservihom bil-mini-bus imma dan ma kienx ghadu f'pozizzjoni li jaghmlu peress li kellu l-van bil-hsara. Iddikjara li dak iz-zmien kien ftit hafif mix-xoghol u allura setgha jiehu x-xoghol li ma setax ilahhaq Martin. Jiftakar li kien beda bix-xoghol ta' Martin fis-sebgha (7) ta' Frar tas-sena elfejn u disgha (2009) u baqa' sejjer ilahhaqlu l-vjaggi sat-tnejn (2) ta' Lulju tas-sena elfejn u disgha (2009). Iddikjara li '*B'kollox Martin kellu jtini s-somma ta' sitta u għoxrin elf ħames mija u ħamsa u erbgħin ewro u tmien ċentezmi tal-ewro (EUR 26,545.08). Dan l-ammont għandi rendikont tiegħu kopja ta' liema qed tiġi hawn annessa u mmarkata Dok.A.*'

F'din l-affidavit, iddikjara li eventwalment Martin kien infurmah li Gasan ma ridux jaghmlulu t-tiswijiet necessarji u ghalhekk kellu jiehu hsieb it-tiswija sabiex ikun jista' jkompli bix-xoghol permezz tal-vann li kellu l-hsara. Jaf li kien talbu jekk jafx minn fejn seta' jixtri makna ta' vann Ford Transit *second hand* f'kundizzjoni tajba, u kien qabbdu ma' habib tieghu iehor li jismu Larry Mangion sabiex ikun jista jgib makna mill-Ingilerra. Jghid li ezattament ma jafx kif irranga bil-vann Martin, pero' jaf zgur li f'Lulju kien rega' qabad jahdem bil-van li kellu l-hsara ghax kien f'pozizzjoni li jkompli bix-xoghol hu, u b'hekk waqaf ilahaqqlu vjaggi.

Fis-seduta tal-hamsa (5) ta' Gunju tas-sena elfejn u erbatax (2014) xehed **l-Ispettur Maurice Curmi** li qal li kienet intbaghtet ittra lil Pulizija f'isem il-kumpanija Gasan Enterprises Ltd. fejn talab lil pulizija tinvestiga lil certu Arnold Farrugia l-imputat li gharaf fl-awla minhabba kawza civili fejn prezenta affidavit l-imputat, fil-kawza Martin Degabriele vs Gasan Enterprises Ltd. fejn l-imputat kien allega li ghamel xoghol lil Martin Degabriele bil-minibus li jiswa' madwar sitta u ghoxrin elf ewro u hames mija. Dr. Bianchi allega li dan l-ammont ma setghax kien veritier u allega li setgha kien hemm attentat ta' frodi fil-konfront ta' Gasan Enterprises Ltd. Martin Degabriele kien xtara minibus gdid minghand Gasan u minhabba xi hsarat li garrab, mar biha ghand Gasan, irrangawlu u mid-dehra din il-problema kienet *recurrent* u f'punt Gasan kif spjegalu Martin Degabriele qalu isma ma nistghux inkomplu nhallsu ghall-ispejjez ahna u kellu dan id-dizgwid. Fil-frattemp il-minibus ma kinitx qed tahdem allura kellu jqabbad lil imputat qed jghid biex jaghmillu dawn it-trips li suppost kien qed jaghmel bil-minibus li xtara u l-cost tat-trip li ghamlu l-imputat telghu ghal-sitta u ghoxrin Ewo, hames mija, hamsa u erbghin u Martin Degabriele kien qieghed ifittex lil Gasan Enterprises Ltd. ghal dan l-ammont. L-Ispettur xehed li kien bghat ghall-imputat fejn wara li tah is-solitu twissija kien irrinunzja li jikkonsulta mal-Avukat tieghu qabel l-interrogatorju. Kien irilaxxa stqarija fejn bazikment kien ammetta li ghalkemm kien ghamel xi vjaggi lil Martin Degabriele l-

ammont li kien thallas ma kienx daqshekk pero' kien ta' xi madwar tmint'elef Ewro. Huwa prezenta l-istqarrija bhala MC3 kif ukoll dikjarazzjoni ta' rifjut ta' ghajnuna legali qabel ma gie interrogat bhala MC4. Spjega li sussegwentement kien bghat ghal Martin Degabriele fejn baqa' jinsisti li dak kien l-ammont u l-imputat kien qallu wkoll li kien Martin Degabriele li kien qed jinsisti mal-imputat li dak l-affidavit li kien esebit minn Dr. Bianchi kien filfatt qal li ma riedx jitla' l-Qorti biex jikkonferma dak taht gurament ghax ma kienitx il-verita', l-imputat ma riedx jikkonfermah pero' dan Degabriele baqa' jinsisti mieghu biex imur jitla' jikkonfermah. Xehed li ma jidirlux li kien tela' jixhed biex jikkonferma dak l-affidavit sa dakinhar li kelmu l-Ispettur.

Fis-seduta ta' nhar l-erbgha u ghoxrin (24) ta' Lulju tas-sena elfejn u erbatax (2014) xehdet **Karen Cremona** in rapprezentanza ta' Transport Malta dwar min kienu s-sidien tal-minibus AVY 017 minn Jannar 2008 sal-gurnata ta' llum fejn qalet li hija Ford Transit ta' kulur abjad u prezentat dokument immarkat bhala MC5.[23]

**Joseph Saliba** in rapprezentanza tal-ETC xehed fl-istess seduta, fejn prezenta *employment history* ta' Arnold Farrugia bin-numru tal-karta tal-identita' 471569(M) li giet immarkata bhala dokument MC6. Huwa kkonferma bil-gurament il-kontenut ta' dan id-dokument.

**Yvette Borg** in rapprezentanza tad-Direttorat tac-Civil Qrati Civili prezentat rikors guramentat bin-numru 1177/2009 immarkat bhala dokument MC7.

Skont il-verbal tas-seduta ta' nhar id-disgha (9) ta' Settembru tas-sena elfejn u erbatax (2014), l-Ispettur prezeta sentenza bil-konnotatti kollha 'ghalkemm ma ghandux bzonn xhud ta' identita' kif ukoll kopja tal-fedina penali aggornata tal-imputat. Is-sentenza li tidher a fol 57 hija sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fl-ismijiet 'Il-Pulizija (Spettur Paul Vassallo) vs Arnold

[23] It-traskrizzjoni taqra 'dokument MC7'.

Farrugia' deciza fit-tlieta u ghoxrin (23) ta' Jannar tas-sena elfejn u tmienja (2008).

Fis-seduta ta' nhar l-erbgha (4) ta' Dicembru tas-sena elfejn u erbatax (2014) **Martin Degabriele** gie moghti t-twissija u wara li l-Qorti giet informata li jistghu jittiehdu proceduri kriminali kontrih, ghazel li ma jixhidx.

Fit-tnejn (2) ta' Jannar tas-sena elfejn u hmistax (2015) skont ma jidher a fol 70 l-Avukat Generali prezenta l-arikoli li tahthom tista' tinsab htija

Stante bdil fil-Magistrat sedenti fl-Ewwel Qorti, fis-seduta ta' nhar il-hamsa u ghoxrin (25) ta' Frar tas-sena elfejn u sittax (2016), il-partijiet ezentaw lil Qorti li terga' tisma' l-provi gia mismugha. Filwaqt li fis-seduta tal-hamsa (5) ta' Mejju tas-sena elfejn u sittax (2016) l-imputat ta' l-kunsens tieghu sabiex il-kawza tigi mismugha u deciza mill-Ewwel Qorti.

Fis-seduta tal-hamsa (5) ta' Mejju tas-sena elfejn u sittax (2016) xehdet **WPC 287 Rose Marie Ellul** li b'referenza ghall-istqarrija a fol 25 u d-dikjarazzjoni a fol 28, xehdet li fit-tmienja u ghoxrin (28) ta' Settembru tas-sena elfejn u tnax (2012) Arnold Farrugia li gharfet fl-awla gie msejjah fl-ufficju tal-Ispettur Curmi. Wara li nghata s-solita twissija, rrilaxxja stqarrija u ghazel li ma jiehux il-parir legali u ghalhekk iffirma dikjarazzjoni fejn gharaf il-firma tieghu, ta' PC 878 Reuben Muscat, tal-imputat u tal-Ispettur Curmi. Irilaxxja stqarrija fen wiegeb ghal kull domanda u ffirma l-istess stqarrija. Hija gharfet il-firma taghha fuq kull pagna, tal-Ispettur u tal-imputat.

Fl-istess seduta xehed **PC 878 Jurgen Muscat** li dwar fol 28, xehed li fit-tmienja u ghoxrin (28) ta' Settembru tas-sena elfejn u tnax (2012) kien xhud ta' dritt li nghata l-imputat is-Sur Farrugia li gharaf fl-awla fejn dan irrifjuta li jikkonsulta Avukat. Huwa gharaf il-firma tieghu u tal-kollegi tieghu.

Fis-seduta ta' nhar l-ghaxra (10) ta' April tas-sena elfejn u sbatax (2017) xehed Dr. **Louis Bianchi** fejn qal li s-Sur Farrugia kien ghamel affidavit rigward kiri ta' karozza

u dehrlu u lil kijent tieghu wkoll li l-ammont li kien gie ndikat f'dak l-affidavit kien ezorbitanti u allura talbu lil Pulizija biex jinvestigaw. Lis-Sur Farrugia qatt ma kien kellmu hlief ricentement li iddecieda li jtellghu bhala xhud u rrizulta mix-xhieda tieghu illi dan l-affidavit '*kien gie miktub minn third parties u speci ta' qalulu "dan ikkonferma bil-gurament" u qalulu illi ma ghandux ghalfejn jinkwieta ruhu.*' Xehed li '*He was mislead ha nghid hekk...*' Xehed li vera li kien kera karozza imma l-ammont kien sostanzjarjament inqas minn dak li dahhal fl-affidavit. Mistoqsi mill-Qorti jekk semmiex min ghamiluli l-affidavit, min dahhal dawn il-fatti, wiegeb '*Degabriele. Ma nafx jekk hux hu imma Degabriele li kien kera l-karozza minghandu.*' Mistoqsi mill-Qorti '*Jigifieri dan Degabriele kien qabad u kiteb?*' wiegeb '*Ehe. Dan Degabriele kien, kellu kwistjoni ma Gasan fuq il-karozza tieghu jekk kienitx taht garaanzija jew le. U Gasan irrifjuta li jhallsu. Allura Degabriele sewwa l-karozza hu u gab il-parts hu u kera, jekk niftakar sew kien kera minghand. Ghamillu x-xoghol hu. Ghamllu x-xoghol hu bit-Transit tieghu.*' Arnold Farrugia ghamel ix-xoghol ghal Degabriele ta' '*van, minivan, transport tat-tfal ta' l-iskola.*' Sussegwentement milli setgha jifhem, Degabriele lesta l-affidavit kemm tieghu kemm tas-sur Farrugia '*u qallu "hawnhekk m'ghandekx inkwiet"*, qallu "*tista' tmur tikkonfermah bil-gurament*". Xehed li '*dan skont ix-xhieda tieghu, lanqas qrah dan u kkonfermah.*' Dr. Louis Bianchi xehed li hu kien kieteb lil Pulizija biex jiehdu passi kontra Degabriele u qatt ma ttiehdu.

In kontro-ezami ikkonferma li kien esebixxa kwerela li kien bghat lill-Ispettur Maurice Curmi. Huwa kkonferma li qabel ma bghat il-kwerela, fil-proceduri civili mertu ta' dan il-kaz, kien ghadu ma bghatx ghal Arnold Farrugia in kontro-ezami. Jghid li qatt ma bghatt ghalih ghax dak iz-zmien kienu ghadhom fil-provi tal-attur u kkonferma li minflokk ma bghatt ghalih, qabad u ghamel kwerela mal-ewwel.

Huwa kkonferma li Arnold Farrugia xehed fil-proceduri civili fil-wiehed u ghoxrin (21) ta' Frar tas-sena elfejn u sbatax (2017) fejn Arnold Farrugia xehed f'dik id-data fuq talba li ghamel hu stess tramite l-Avukat difensur. Ikkonferma li kien hemm

seduti qabel li xtaq jixhed, ferm qabel il-wiehed u ghoxrin (21) ta' Frar. Ikkonferma li l-kawza ghadha miftuha sal-lum ghal provi tas-socjeta' konvenuta. Ikkonferma li meta xehed Arnold Farrugia spjega u qal ic-cirkostanzi kollha tal-kaz. Huwa konferma li l-crux principali kien fuq l-ammont u mhux li l-incident ma sehhx. Ikkonferma li Arnold Farrugia kien qed jaghti servizz lil Degabriele u li l-qbil ma kienx fuq l-ammont ta' servizzi. Xehed li '*U jekk niftakar sew, meta staqsejtu ghaliex allura kien nizzel il-hamsa u ghoxrin elf ewo (€25,000), Arnold Farrugia spjega illi Degabriele kien qallu bihom u Degabriele qallu speci ta' "halli f'idejja. Naf x'qed naghmel". That sort of attitude.*' Ma jiftakarx li semma xi tip ta' notebook li Arnold kien ghadda lil Degabriele. Ikkonferma li Arnold Farrugia acceta li c-cifra vera effettiva mhijiex dik fl-affidavit. Xehed li fl-affidavit jekk jiftakar sew kienet xi hamsa u ghoxrin elf (25,000) u llum il-gurnata jghid xi sebat'elef. Mistoqsi mill-Qorti '*Pero' hu he went along with it ghaliex Degabrile kien hu li qallu "halli f'idi"?*' wiegeb '*Iva. Definitely.*' Ikkonerma li Arnold kien spjega li hu kien ta' izjed servizzi lil Degabriele ghal diversi snin ghalhekk kien jaf bih. Mistoqsi '*U li along the years jista' jkun li telghet din ic-cifra ta' twenty six thousand (26,000), pero' definitely f'dawn ix-xhud illi l-vettura ta' Degabriele kienet bil-hsara, zgur m'ghamilx twenty six thousand (26,000)?*' wiegeb '*Le*'. Mistoqsi '*Hux hekk kienet l-ispjegazzjoni li ta Arnold?*', mit-traskrizzjoni ta' dan ix-xhieda ma tirrizultax twegiba ghal din il-mistoqsija.

Fis-seduta tal-ghaxra (10) ta' April tas-sena elfejn u sbatax (2017) id-difiza ssollevat il-fatt li tixtieq li jigu prodotti t-traskrizzjonijiet tax-xhieda tal-imputat mehuda fil-wiehed u ghoxrin (21) ta' Frar tas-sena elfejn u sbatax (2017) fil-proceduri fl-ismijiet **<u>'Degabriele ve Gasan Ent.</u>**" numru 1177/2009 JRM differita ghat-tletin (30) ta' Mejju tas-sena elfejn u sbatax (2017).

Fis-seduta tal-erbatax (14) ta' Gunju tas-sena elfejn u sbatax (2017) xehdet **Eunice Grech Fiorini** in rapprezentanza tar-Registratur Qrati Civili u Tribunali li esebiet xhieda moghtija minn Arnold Farrugia fil-wiehed u ghoxrin (21) ta' Frar tas-sena elfejn u sbatax (2017) quddiem l-Imhallef Joseph R Micallef fil-kawza 1177/2009 fl-

ismijiet <u>**'Martin Degabriele vs Gasan Enterprises Ltd'**</u>. Din giet esebita bhala Dok.EF.

Skont ma jirrizulta mit-transkrizzjoni esebita a fol 102 et seq, **Arnold Farrugia** xehed quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili in kontro-ezami fil-wiehed u ghoxrin (21) ta' Frar tas-sena elfejn u sbatax (2017) fl-atti tar-rikors mahhlud 1177/2009JRM fl-ismijiet **'Martin Degabriele Vs Gasan Enterprises Ltd'** fejn wara li gie infurmat mid-dritt li ma jwiegibx jekk jista' b'xi mod jew iehor jinkrimina ruhu, b'referenza ghall-affidavit tieghu li skont dik it-traskrizzjoni tinsab a fol 71 tal-process ta' dik il-kawza quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili, xehed li kien kera vann biex jahdem bih tat-turisti, minibus kellu negozju qablu tar-restaurant li ghalaq u kien beda dan ix-xoghol u Martin tal-Oasis jaf li ghandu ufficju Hal-Luqa u mar ifittxu '*ghidtlu isma' jekk ikollok xi ftit xoghol qalli mhux problema. L-ewwel kien tani xoghol bit-tfal tal-iskola, kont naghmel Gerindin School u St Albert u kien jaghtini xi xoghol tat-turisti imma ma kienx daqshekk hafna ghax kellu l-vannijiet tieghu u ghandu hafna vannijiet hu.*' Spjega li kien imur jiehu l-karta tax-xoghol biex ikun jaf x'irid jaghmel, qisha roster, u darba qallu '*isma' ghandi vann marritlu l-magna qalli trid taghmel ix-xoghol tieghu inti? U jien kont ghidtlu isma' jekk tara li x-xoghol inlahhqu, jien fil-verita tieghu biss kont naghmel xoghol ghidtlu naghmlu u kont bdejt naghmel dan ix-xoghol u ghamilt erba' xhur jew hamsa ghaddej il-hin kollu kwazi ghax irrid inlahhaq ix-xoghol tal-vann tieghi u x-xoghol tal-vann tieghu.*' Spjega li imbaghad kien qallu li l-vann kien irranga u li x-xoghol '*ha nehodlok minnu bhal speci*' u kien gharfu li Gasan Enterprises ma riedux ihallsuh ghax il-vann kien ghadu bil-garanzija u qallu '*ha mmorru ha naghmlu l-affidavit u gejna l-qorti konna u meta konna ghand l-avukat qabel fuq kona tlajna ghand l-avukat kien werieni din il-karta li hawn hawn u jien il-karta ma qrajtiex dakinhar sinceramment qed nghidlek, imma malli rajt l-ammont hawn, ghidtlu dak x'inhu qed narah hafna*'. Il-Qorti skont it-traskrizzjoni rrimarkat li x-xhud qieghed jirreferi ghat-tieni paragrafu tal-affidavit.

Kompla jispjega li '*Jien rajtha sitta u ghoxrin elf, ghidtlu dak x'inhu? U hu qalli le halli f'idi qalli l-ktieb ghandi, ghax jien ghidtlu tini l-ktieb ha nara qalli le le kollox sew hemm u*

*jien nahilfilkom jien dan ir-ragel qatt ma ttradieni, dejjem hallasni fil-hin u puntwali, gieli tani gheni fil-fuel u hekk bhal speci ghax kont xoghol gdid ghalija ma kont naf xejn u bhal speci qalli f'idi, mhux problema, kollox sew hemm. Qalli issa mmorru l-qorti, u jien hallejt f'idu ghax jien anke l-ktieb kont intihulu. Kieku ried ifottini meta kont intih il-ktieb setgha ma hallasnix kollox dan imma qatt ma naf li, dejjem sewwa mexa mieghi.'* Dwar il-ktieb, spjega li kien jikteb id-data, l-iskola, postijiet fejn gabarhom u filghaxija jaghmlu lura u jerga jikteb dak il-vjagg u kuljum ikollu pagna. Jghid li kien jaghtih il-ktieb, u *'jghidli ara ghamilt dan ix-xoghhol kollu int, ghandek daqshekk dawn tieghek ezempju.'* Spjega li meta l-imputat kellu hsara fil-vann kien tah xi part u qatahulu mix-xoghol. Spjega '*u kien jghidli, kien jiktibli, ghax hu kien jiktibli imbaghad ara dawn dawn, u jien bhal speci emmint l-ammont ghax jien kont ilni nahdimlu imma imbaghad meta baghat ghalija l-Ispettur u beda jghidli le, le qalli inti f'dawn l-erba' xhur trid tara kemm hdimtu, ghidtlu jien ma nahsibx li hdimt dak l-ammont f'dawn l-erba' xhur. Ghidtlu jien f'dak iz-zmien nahseb xi tmint elef u xi haga, ghidtlu imma l-ktieb mhux qieghed ghandi u ma nafx*'. Jghid li Ewro qieghed jitkellem. Spjega '*imbaghad qalli l-Ispettur ghidli ghidtlu jien m'ghandix x'nahbi, ghidtlu nghidlek il-verita kollha ghax ghamilt xoghol. Jien suppost mort naghmillu affidavit biex nghidu u mhux biex idahhalni fi problema. Dawn l-affarijiet m'ghandix x'nambihom. Imbaghad l-Ispettur qalli dan ha nifthulek kaz hawnhekk ghax ghandek gurament falz, ghidtlu gurament falz ghalxiex? Ghidtlu qed nghidlek ezatt x'ghamilt*'.

Mistoqsi dwar li jekk jistax jikkonferma dak li kien qal fl-istqarrija u mistoqsi dwar"*Jiena mill-ewwel indunajt li ma konx qed naqbel mal-ammont ta' flus li tnizzlu fl-affidavit ghaliex jien kont naf li bejn wiehed u iehor kont ghamilt madwar tmint elef u mitejn Ewro x'jiswa' fil-vjaggi*" u xehed li '*Jien kelli d-dubju li ma kontx cert jekk dak l-ammont ghax jien meta rjat l-ammont hu ma qallix dak il-hin isma' dawn t'erba' xhur, u jien forsi zbaljajt li ma qrajtx il-karta, imma jien xoghol ghamilt hafna ma Martin u bl-amment kemm ghamilt xoghol nahseb li dik ic-cifra ghamiltha u nahseb jekk ma qbiztiex ukoll forsi, ma nafx, imma f'erba' xhur zgur ma ghamiltx dak l-ammont ta' xoghol.*'

Fis-seduta ta' nhar l-erbgha (4) ta' Lulju tas-sena elfejn u sbatax (2017) Dr. **Louie Bianchi** riprodott in kontro-ezami in rapprezentanza ta' Gasan Enterprises u mistoqsi jekk ghadtx ghandhom interess f'dawn il-proceduri in vista tax-xhieda li ta' fic-Civili wiegeb li '*In vista' tax-xhieda li taha fic-Civil le m'ghandniex iktar interess.*' Il-Qorti qalet li '*Gasan qed jirrinunza gal kwalunkwe haga li hija rinunzjabbli*' u x-xhud wiegeb iva.

Fis-seduta tal-erbgha u ghoxrin (24) ta' Ottubru tas-sena elfejn u sbatax (2017) gie esebit dokument mibghut mill-Prison Medical Officer fejn hemm iddikjarat li l-imputat jinsab indispost.

Ikkunsidrat;

Illi in breve, il-fatti kienu s-segwenti:

1. Illi waqt li Martin Degabriele kellu vann bil-hsara, l-imputat Arnold Farrugia kien kopra lil Martin Degabriele billi ha xoghol ta' trasport b'mini bus li ma setghax ilahhaq Martin Degabriele;

2. Illi stante li kien hemm nuqqas ta' qbil bejn Martin Degabriele u Gasan Enterprises Ltd. dwar il-vann allegatament bil-hsara, Martin Degabriele fetah kawza kontra Gasan Enterprises Ltd. nhar is-sebgha u ghoxrin (27) ta' Novembru tas-sena elfejn u disgha (2009) u dan skont ma jirrizulta minn vera kopja tar-rikors guramentat prezentat a fol 44;

3. Illi sussegwentement fit-tnax (12) ta' Lulju tas-sena elfejn u tnax (2012), Martin Degabriele ha gurament fuq affidavit fejn kien hemm dikjarat li Martin Degabriele kellu jaghtih is-somma ta' sitta u ghoxrin elf, hames mija u hamsa u erbghin ewro u tmien centezmi (€26,545.08) biex lahhaqlu l-vjaggi mis-sebgha (7) ta' Frar tas-sena elfejn u disgha (2009) sat-tnejn (2) ta' Lulju tas-sena elfejn u disgha (2009). Liema affidavit jirrizulta li gie prezentat fl-atti tar-rikors guramentat numru 1177/2009 fl-

ismijiet 'Martin Degabriele vs Gasan Enterprises Ltd' nhar is-sbatax (17) ta' Lulju tas-sena elfejn u tnax (2012) skont ma jidher fin-nota esebita a fol 20 u mmarkata bhala Dok MC2;

4. Illi sussegwentement l-Avukat Dr. Louis Bianchi kieteb ghan-nom ta' Gasan Enterprises Limited lil-Ispettur Angelo Gafa' u dan peress li b'referenza ghal din l-affidavit, allega li s-servizzi allegatament rezi mill-imputat setghu kienu frawdolenti fejn spjega li '*Indeed if it results that Mr. Degabriele did not use the services of Mr. Arnold Farrugia and that the claim for payment is a fictitious one, this could ultimately result in my clients having to pay for damages when thsee are not due should the lawsuit be decided against my client. This could result in a fradulent gain.*

*Mr. Degabriele in his affidavit states that he has seven minibuses and that he employs nine drivers. This being the case why did he need to enter into an agreement with Mr. Farrugia to carry out the work on his behalf. Please also note that the schedule of payments attached to the affidavit is not sustantiated by any fiscal receipts.*'

5. Illi sussegwentement ittiehdet stqarrija mill-imputat u nhargu l-imputazzjonijiet fil-konfront tal-imputat;

6. Illi jirrizulta a fol 102 et seq li l-imputat Arnold Farrugia xehed in kontro-ezami f'dawk il-proceduri civili fil-mori ta' din il-kawza, senjatament fil-wiehed u ghoxrin (21) ta' Frar tas-sena elfejn u sbatax (2017) fejn ikkonferma li l-ammont indikat fl-affidavit kien ferm aktar minn dak li verament kien ghax-xhur in kwistjoni[24].

Ikkunsidrat;

Illi din il-Qorti tibda billi taghmel referenza ghal parti dispositiva taas-sentenza appellata fejn l-Ewwel Qorti fost artikoli ohra rriferiet ghall-artikolu 42(1)(d) tal-

---

[24] Fl-affidavit tnizzel li x-xoghol kien mis-7 ta' Frar, 2009 sat-2 ta' Lulju, 2009 filwaqt li fix-xhieda tieghu fil-proceduri Civili skonnt ma jidher a fol 105 jghid 'imma f'erba' xhur zgur li mghamiltx dak l-ammont ta' xoghol.'

Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, meta jirrizulta li ma hemm l-ebda subartikolu (1) fl-artikolu 42 izda hemm subartikoli minn (a) sa (d) u ghaldaqstant l-Ewwel Qorti ccitat artikolu inezistenti. Din il-Qorti sejra ghalhekk tikkunsidra jekk dan l-izball iwassalx ghan-nullita' tas-sentenza appellata.

Illi l-**artikolu 382** tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jaqra:

'*Il-qorti, meta tagħti s-sentenza kontra l-imputat, għandha tgħid il-fatti li tagħhom dan ikun ġie misjub ħati, tagħti l-piena u ssemmi l-artikolu ta' dan il-Kodiċi jew ta' kull liġi oħra li tkun tikkontempla r-reat*'.

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spettur Kevin Borg) vs Edward Chatlani'**[25] ġie kkunsidrat li:

'*Hawn pero' din il-Qorti tirrileva li b' lapsus evidenti, l- Ewwel Qorti, fis-sentenza appellata, meta kienet qed telenka l-artikoli li tahthom sabet htija, ghamlet riferenza ghall-artikolu 288 (B), li ma jezistix fil-Kodici Kriminali, minnflok ghall-artikolu 298B li kien gie indikat lilha fic-citazzjoni mill-Prosekuzzjoni.*

*Dan l-izball jirrendi s-sentenza nulla ghall-inqas f' din il-parti taghha ghaliex, kif dejjem gie ritenut skond l- artikolu 382 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tal- Magistrati, meta taghti s-sentenza kontra l-imputat, ghandha tghid l-fatti li taghhom dan ikun gie misjub hati, taghti l-piena w ssemmi l-artikolu tal-Kodici Kriminali jew ta' kull ligi ohra li tkun tikkontempla r- reat; (App. Krim. "**Il-Pulizija vs. Daniel Lanzon**"*[26] *u ohrajn)* (Emfazi u sottolinear mizjud u data tas-sentenza citata tinstab aktar l-isfel fin-noti ta' qiegh il-pagna)

L-istess Qorti fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spettur Kevin Borg) vs Edward**

---

[25] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-4 ta' Awissu, 2006 (Appell Kriminali numru 97/2006)
[26] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-20 ta' Ottubru, 2005

**Chatlani'**[27] ukoll:

*'Illi gie ukoll ritenut li l-indikazzjoni tal-artikolu hazin jew addirittura l-indikazzjoni tal-ligi skorretta hu ekwiparat ma n-nuqqas ta' citazzjoni tal-artikolu tal- ligi li tahtu tkun instabet htija. (ara "**Il-Pulizija vs. Mario Agius**"[28] u ohrajn)* (Emfazi u sottolinear mizjuda u data tas-sentenza citata tinstab aktar l-isfel fin-noti ta' qiegh il-pagna)

L-istess sentenza kkunsidrat:

*'Illi gie ukoll ritenut li l-Qorti tista dejjem tirrileva tali nuqqas "ex officio", ghalkemm ma jkun hemm ebda aggravju dwar dan. (ara. App.Krim. "**Il-Pulizija vs. Anthony Zahra**"[29] ; "**Il-Pulizija vs. Vincent Cucciardi**"[30] ; "**Il-Pulizija vs. Stefan Abela**[31]" u ohrajn)* (Emfazi u sottolinear mizjud u dati tas-sentenzi citati jinstabu aktar l-isfel fin-noti ta' qiegh il-pagna)

Il-Qorti fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spt. J. Mifsud) (Spt. A. Portelli) vs Christopher Scerri'**[32] ikkunsidrat:

> *'Illi jikkoncedi x' jikkoncedi l-appellant dwar l-izball li ttiehed mill-Ewwel Qorti meta giet biex ticcita l-artikolu tal-ligi li tahtu kienet qed issib htija, huwa fatt li l-Ewwel Qorti erronjament iccitat artikolu ta' Kapitolu tal-Ligijiet ta' Malta hazin ghax minnflok iccitat il-Kapitolu 9, cioe' l-Kodici Kriminali, ccitat il-Kapitolu 12 u cioe' l-Kodici tal-Organizzazzjoni w Procedura Civili.*
>
> *Illi dan skond gurisprudena ormai stabilita jgib in-nullita' tas-sentenza appellata w ghalkemm ma hemm ebda aggravju dwar dan fir-rikors tal-*

---

[27] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-4 ta' Awissu, 2006 (Appell Kriminali numru 97/2006)
[28] Deciza nhar it-3 ta' Frar, 1995
[29] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-26 ta' Mejju, 1994
[30] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-6 ta' Jannar, 2005
[31] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-2 ta' Frar, 2006
[32] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-1 ta' Novembru, 2007 (Appell Kriminali numru: 322/2007)

*appell, din il-Qorti "ex officio" ma tistax thalli dan l-izball ghaddej qiesu ma kien xejn u - tikkonferma, tvarja jew tirrevoka sentenza appellata li tkun nulla ghax ticcita Kapitolu tal-ligi zbaljat bi ksur ta' dak li jiddisponi l-artikolu 382 tal-Kap. 9. Dan l-izball jammonta ghal nuqqas ta' formalita' sostanzjali li jwassal ghan-nullita' tas-sentenza appellata w l-Qorti tal-Appell ghandha tannulla w thassar dik is-sentenza w tisma l-kawza mill-gdid fil-mertu. (Ara App. Krim. "**Il- Pulizija vs. Joseph Muscat**"*[33] *, "**Il-Pulizija vs. Anthony Zahra** "*[34]*; "**Il-Pulizija vs. Charles Micallef**"*[35] *u ohrajn.)* (Emfazi mizjuda u dati tas-sentenzi citati jinstabu aktar l-isfel fin-noti ta' qiegh il-pagna)

Kif ikkunsidrat fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spettur Carmelo Bartolo) vs Stephen Bonsfield'**[36]:

*'...l-aggravju tal-appellant dwar in-nullita' tas-sentenza ghandu jigi akkolt mhux biss ghaliex l- Ewwel Qorti naqset li ssemmi l-fatti li taghhom l- appellant instab hati, imma ukoll ghaliex, kif irriskontrat din il-Qorti "ex officio", fis-sentenza appellata l-Ewwel Qorti ccitat artikoli li mhux biss ma gewx indikati lilha mill-Avukat Generali fin-Nota tieghu, imma artikoli li jew huma inezistenti jew manifestament zbaljati.'*

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spt R. Vella) Vs Dennis Farrugia Omissis'**[37] intqal li:

*'Skond l-artikolu 382 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tal-Magistrati, meta taghti s- sentenza kontra l-imputat, ghandha tghid l-*

[33] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-10 ta' Gunju, 1994
[34] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-26 ta' Mejju, 1994
[35] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-23 ta' Gunju, 1995
[36] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-27 ta' April, 2006 (Appell Kriminali numru: 327/2005)
[37] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-30 ta' April, 2009 (Appell Kriminali Numru. 85/2009)

*fatti li taghhom dan ikun gie misjub hati, taghti l-piena w* <u>*ssemmi l-artikolu tal-Kodici Kriminali jew ta' kull ligi ohra li tkun tikkontempla r-reat;*</u>

*Illi skond gurisprudenza kostanti ta' din il-Qorti n-nuqqas li jigi rispettat strettament il-vot tal-ligi fl-artikolu 382 jimporta n-nullita' tas-sentenza appellata. Dan ghaliex dan-nuqqas jammonta ghal nuqqas ta' formalita' sostanzjali fis-sens tal-artikolu 428 (3) tal-Kodici Kriminali.*'

Illi l-izball mqajjem *ex officio* minn din il-Qorti irendi s-sentenza tal-Ewwel Qorti nulla stante kif hawn fuq kkunsidrat l-artikolu 382 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi li sentenza kontra l-imputat ghandha fost rekwiziti ohra ssemmi l-artikoli tal-ligi li jikkontemplaw r-reat. La darba l-Ewwel Qorti erronjament indikat l-artikolu 42(1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta meta fil-Kodici Kriminali ma hemm l-ebda subartikolu (1) fl-artikolu 42, trendi s-sentenza appellata bhala nulla stante li dak rikjest *ad validitatum* skont l-artikolu 382 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ma giex osservat.

Illi f'dan ir-rigward, din il-Qorti taghmel referenza ghall-artikolu 428(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jaqra:

'*Jekk il-qorti superjuri ssib li l-qorti inferjuri, għad li kompetenti biex tisma' l-każ, iddikjarat li ma kinitx hekk kompetenti, għandha tħassar is-sentenza, u tiddeċidi l-kawża fuq il-mertu. L-istess isir meta l-qorti superjuri ssib li nkisret jew li ma saritx xi formalità li trid il-liġi taħt piena ta' nullità, jew li tkun xort'oħra sostanzjali.*'

Din il-Qorti sejra ghalhekk tghaddi biex tannulla s-sentenza appellata u wara li rat l-artikolu 428(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta sejra tiddeciedi l-kaz mill-gdid fil-mertu u l-aggravji tal-appellant sejrin jigu kkunsidrati bhala sottomissjonijiet in difeza.

Ikkunsidrat;

Illi din il-Qorti sejra tibda billi tikkunsidra l-ammissibilta' o meno tal-istqarrija rilaxxata mill-appellant. Skont ma jirrizulta mill-atti, senjatament a fol 25, l-appellant irrilaxxa stqarrija wahda mmarkata bhala MC3 u datata t-tmienja u ghoxrin (28) ta' Settembru tas-sena elfejn u tnax (2012). Fuq din l-istqarrija tirrizulta t-twissija li taqra:

''*M'intix obligat li titkellem sakemm ma tkunx tixtieq titkellem, imma dak li tghid jista' jingieb bi prova. Inti ghandek il-jedd, jekk inti titlob, li qabel ma ssirlek xi interrogazzjni, tithalla kemm jista jkun malajr tikkonsulta privatament ma' avukat jew prokuratur legali, wicc im' wicc jew bit-telefon ghal mhux aktar minn siegha zmien. Inti qieghed tigi mgharraf ukoll li jekk inti tezercita d-dritt li tikkonsulta l-avukat jew prokuratur legali kif spjegat aktar 'l fuq u waqt l-interrogatorju inti ma tkunx trid tghid xejn jew tonqos milli ssemmi xi fatt, jekk ikun il-kaz li l-quddiem jittiehdu proceduri kriminali fil-konfront tieghek, il-Qorti jew il-gudikant jistghu jaslu ghal regola ta' inferenza li tammonta ghal prova korraborattiva, jekk matul il-process inti tessaq xi difiza li tkun ibbazata fuq xi fatt li ma tkunx semmejt matul l-interrogazzjoni. Finalment qieghed tigi nfurmat ukoll li jekk ikun hemm kawzi ragonevoli, jista' jigi awtorizzat li t-twettiq ta' l-ezercizzju tal-jedd tieghek ghal parir legali jigi mdewwem ghal mhux aktar minn 36 siegha kif sipulat fl-Artikoli 355AT/355AU tal-Kodici Kriminali.*'

Fuq din l-istqarrija jirrizultaw l-firem tal-Ispettur Maurice Curmi, l-imputat Arnold Farrugia u WPC 287 Rose Marie Ellul. Filwaqt li skont ma jirrizulta mid-dikjarazzjoni a fol 28 u mmarkata bhala MC4, l-imputat Arnold Farrugia ghazel li ma jkollux ghajnuna legali qabel ma gie interrogat mill-pulizija rigward affdavit li hu halef u gie esebit fil-kawza 'Martin Degabriele vs Gasan Enterprises Limited'. Liema dikjarazzjoni giet iffirmata mill-Ispettur Maurice Curmi, PC 878 Jurgen Muscat, WPC Rose Marie Ellul u l-imputat Arnold Farrugia.

L-Ispettur Maurice Curmi quddiem l-Ewwel Qorti fis-seduta ta' nhar il-hamsa (5) ta' Gunju tas-sena elfejn u erbatax (2014) xehed li '*Jien kont bghatt ghall-imputat sussegwentement fejn wara li tajtu s-solitu twiissija kien irrinunzja li jikkonsulta mal-avukat tieghu qabel l-interrogatorju.*' WPC Rose Mary Ellul li xehdet fil-hamsa (5) ta' Mejju tas-sena elfejn u sittax (2016) spjegat li l-imputat '*Wara li nghata s-solitu twissija, u rrilaxxja stqarrija ghazel li ma jiehux il-parir legali u ghalhekk iffirma dikjarazzjoni fejn qed ngharaf il-firma tieghi, ta' PC 878 Reuben Muscat, tal-imputat hawnhekk u tal-Ispettur Curmi. Irrilaxxja stqarrija fejn wiegeb ghal kull domanda u ffirma l-istess stqarrija, ngharaf il-firma tieghi fuq kull pagna, tal-Ispettur u tal-imputat.*'

PC 878 Jurgen Muscat li xehed ukoll fis-seduta ta' nhar il-hamsa (5) ta' Mejju tas-sena elfejn u sittax (2016) b'referenza ghal fol 28 xehed li '*Fit-28 ta' Settembru, 2012 jiena kont xhieda ta' dritt li nghatalu l-imputat is-sur Farrugia li jiena ngharaf hawnhekk fejn dan irrifjuta illi jikkonsulta Avukat u ngharaf il-firma tieghi u tal-kollegi tieghi.*'

Illi jirrizulta li fiz-zmien ta' meta l-appellant irrilaxxa l-istqarrija tieghu, il-ligi ghalkemm kienet tipprovdi ghad-dritt li suspettat jikkonsulta ma' Avukat jew Prokuratur Legali qabel ir-rilaxx tal-istqarrija, ma kinitx taghti d-dritt sabiex persuna li tkun qieghda tigi interrogata ikollha l-prezenza fizika ta' Avukat matul l-interrogatorju. Naturalment, la darba l-ligi fiz-zmien tar-rilaxx tal-istqarrija in kwistjoni ma kinitx tipprovdi ghal dan id-dritt, l-appellant ma nghatax dan id-dritt. Abbazi ta' dan, din il-Qorti sejra tikkunsidra jekk l-istqarrija rilaxxata mill-appellant hijiex ammissibli f'dawn il-proceduri.

Ikkunsidrat;

Din il-Qorti tibda billi taghmel referenza ghal sentenzi moghtija ricentement, fosthom is-sentenza moghtija mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fl-ismijiet '**Mario Borg vs Malta**'[38] fejn gie ikkunsidrat li:

---

[38] Deciza fit-12 ta' Jannar, 2016 u reza finali fit-12 ta' April 2016 (Application no. 37537/13)

*'56. Early access to a lawyer is one of the procedural safeguards to which the Court will have particular regard when examining whether a procedure has extinguished the very essence of the privilege against self-incrimination. These principles are particularly called for in the case of serious charges, for it is in the face of the heaviest penalties that respect for the right to a fair trial is to be ensured to the highest possible degree by democratic societies (see* Salduz v. Turkey *[GC], no. 36391/02, § 54, ECHR 2008).*

*57. The Court reiterates that in order for the right to a fair trial to remain sufficiently "practical and effective" Article 6 § 1 requires that, as a rule, access to a lawyer should be provided as from the first interrogation of a suspect by the police, unless it is demonstrated in the light of the particular circumstances of each case that there are compelling reasons to restrict this right. Even where compelling reasons may exceptionally justify denial of access to a lawyer, such restriction – whatever its justification – must not unduly prejudice the rights of the accused under Article 6. The rights of the defence will in principle be irretrievably prejudiced when incriminating statements made during police interrogation without access to a lawyer are used for a conviction (see Salduz, cited above, § 55).*

*58. Denying the applicant access to a lawyer because this was provided for on a systematic basis by the relevant legal provisions already falls short of the requirements of Article 6 (ibid., § 56).*

*(ii) Application to the present case*

*59. The Court observes that the post-Salduz case-law referred to by the Government (paragraph 53 in fine) does not concern situations where the lack of legal assistance at the pre-trial stage stemmed either from a*

*lack of legal provisions allowing for such assistance or from an explicit ban in domestic law.*

*60. The Court notes that it has found a number of violations of the provisions at issue, in different jurisdictions, arising from the fact that an applicant did not have legal assistance while in police custody because it was not possible under the law then in force (see, for example, Salduz, cited above, § 56; Navone and Others v. Monaco, nos. 62880/11, 62892/11 and 62899/11, §§ 81-85, 24 October 2013; Brusco v. France, no. 1466/07, § 54, 14 October 2010; and Stojkovic v. France and Belgium, no. 25303/08, §§ 51-57, 27 October 2011). A systemic restriction of this kind, based on the relevant statutory provisions, was sufficient in itself for the Court to find a violation of Article 6 (see, for example, Dayanan v. Turkey, no. 7377/03 §§ 31-33, 13 October 2009; Yeşilkaya v. Turkey, no. 59780/00, 8 December 2009; and Fazli Kaya v. Turkey, no. 24820/05, 17 September 2013).*

*61. In respect of the present case, the Court observes that no reliance can be placed on the assertion that the applicant had been reminded of his right to remain silent (see Salduz, cited above, § 59); indeed, it is not disputed that the applicant did not waive the right to be assisted by a lawyer at that stage of the proceedings, a right which was not available in domestic law. In this connection, the Court notes that the Government have not contested that there existed a general ban in the domestic system on all accused persons seeking the assistance of a lawyer at the pre-trial stage (in the Maltese context, the stage before arraignment).*

*62. It follows that, also in the present case, the applicant was denied the right to legal assistance at the pre-trial stage as a result of a systemic restriction applicable to all accused persons. This already falls short of*

*the requirements of Article 6 namely that the right to assistance of a lawyer at the initial stages of police interrogation may only be subject to restrictions if there are compelling reasons (see Salduz, cited above, §§ 52, 55 and 56).*

*63. There has accordingly been a violation of Article 6 § 3 (c) taken in conjunction with Article 6 § 1 of the Convention.'*

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Ir-Repubblika ta' Malta v. Martino Aiello'**[39] gie kkunsidrat:

*'Ghandu jinghad li t-trattazzjoni tal-partijiet marret oltre l- meritu tas-sentenzi hawn fuq imsemmija li jirrigwardaw li fis-sistema taghna qabel l-ghaxra ta' Frar, 2010 il-persuna ndagata jew akkuzata ma kellha ebda dritt li tkellem lill-avukat ta' l- ghazla taghha. Dan ghaliex l-istqarrija li giet rilaxxata minn Martino Aiello ggib id-data tad-19 ta' Ottubru, 2014 u dak in-nhar Martino Aiello rrifjuta li jkellem avukat ta' fiducja tieghu.*

*Illi l-avukati tar-rikorrenti qajmu l-punt li Martino Aiello ma kellhux avukat prezenti mieghu meta hu rrilaxxa l-istqarrija tieghu fid-19 ta' Ottubru, 2014. It-tratazzjoni tal-partijiet kien dwar dan il-punt.*

*Illi dan il-punt gie finalment deciz mill-legislatur bil-promulgazzjoni ta' l-Att numru LI ta' l- 2016. Dan l-att gie operattiv fit-28 ta' Novembru, 2016 permezz ta' l-A.L. 401 ta' l-2016.*

*Illi l-artikolu li hu rilevanti ghall-ezercizzju in ezami hu l-artikolu 355AUA li jaghti id-dritt ta' access ghal avukat fi proceduri kriminali.*

*Illi t-tezi tar-rikorrenti hi semplici u lineari. Meta giet rilaxxata l-istqarrija dik il-persuna ma kellhiex id-dritt tal-prezenza ta' l-avukat. Il-konkluzjoni allura hi li tali stqarrija ghandha tkun inammissibli.*

---

[39] Sentenza preliminari moghtija mill-Qorti Kriminali nhar id-9 ta' Mejju, 2017 (Att ta' Akkuza numru 13/2015)

*Illi t-tezi tal-Avukat Generali hi daqstant lineari. Ir-rikorrenti gie moghti d-dritt li jikkonsulta avukat ta' fiducja tieghu. Hu rrifjuta tali dritt, ma kkonsulta lil hadd u liberament u volontarjament irrilaxxa l-istqarrija hawn fuq imsemmija.*

*Illi din il-Qorti josserva li s-sentenza Borg v. Malta (hawn fuq citata) ma kinitx biss jitkellem fuq id-dritt li wiehed ikollu l-jedd li jikkonsulta ma avukat qabel tigi rilaxxat stqarrija. Dik is-sdentenza tghid illi f'kull stadju ta' l-investigazzjoni l-persuna susspettata jew akkuzata jrid ikollha d-dritt ta' l-avukat. Kien ghalhekk li gie promulgat l-Att numru LI ta' l-2016.*

*Illi fil-fehma ta' din il-Qorti l-istess principji li gew applikati fis-sentnezi hawn fuq imsemmija ghandhom japplikaw f'dan il-kaz ukoll. Dan ifisser li anki jekk r-rikorrenti rrifjuta d-dritt li jikkonsulta avukat ma jfissirx li hu kien ser jirrifjuta l-prezenza ta' avukat fl- istess kamra ta' l-interrogatorju, tenut kont tal-fatt li l-artikolu fuq citat isemmi li l-avukat prezenti ghall-interrogatorju "...jippartecipa b'mod effettiv fl-interrogazzjoni...". Kif wiehed jista' japprezza din hi sitwazzjoni kompletament differenti. Logikament, ma tistax tipenalizza persuna li ghamel ghazla fuq parametri kompletament differenti minn dawk li huma in vigore llum.*

*Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet din il-Qorti tilqa l-eccezzjoni tar-rikorrenti. Tiddikjara l-istqarrija tad-19 ta' Ottubru, 2014 rilaxxat mir-rikorrenti bhala nammissibbli. Tali stqarrija ma tistax tigi prodotta waqt il-guri jew kopja taghha moghtija lill-gurati.'*

Dik is-sentenza kienet giet appellata fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali[40] ikkunsidrat u ddeciediet is-segwenti:

*'18. Ghalhekk, il-kwistjoni sollevata fl-eccezzjoni tal-akkuzat appellat, arginata kif inhi esklussivament fuq id-dispozizzjonijiet tal-artikolu 6(1) u (3) tal- Konvenzjoni Ewropea dwar Drittijiet tal-Bniedem (u l-artikolu korrispondenti tal-Kostituzzjoni, l-artikolu*

[40] Deciza fit-9 ta' April, 2018 (Att ta' Akkuza Numru 13/2015)

*39(1)(6)) hi wahda li, minkejja dak sottomess mill- appellat waqt it-trattazzjoni, taqa' biex tigi regolata skont l-artikolu 46(3) tal- Kostituzzjoni u l-artikolu 4(3) tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea, li jipprovdu li l-Qorti li quddiemha tqum il-kwistjoni ghandha tibghat il-kwistjoni quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili kemm-il darba fil-fehma taghha t-tqanqil tal- kwistjoni ma tkunx semplicement frivola jew vessatorja. Il-kwistjoni sollevata fl-eccezzjoni tal-akkuzat appellat, ghalhekk, ma tistax tigi deciza a priori minn din il-Qorti, u lanqas setghet tigi hekk deciza mill-Qorti Kriminali qabilha.*

*19. Illi gjaldarba l-kwistjoni imqanqla la hija wahda frivola u lanqas vessatorja, din il-Qorti, wara li rat l-artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 4(3) tal- Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta, qed tibghat lil-Prim'Awla tal-Qorti Civili, l- kwistjoni dwar* ***jekk bl-uzu fil-guri kontra l-akkuzat appellat Martino Aiello tal- istqarrija rilaxxjata minnu lill-pulizija fid-19 ta' Ottubru 2014 jigix lez id-dritt tal-istess Martino Aiello ghal smigh xieraq sancit bl-artikolu 39(1)(3) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6(1)(3) tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad- Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali.***

*20. Tiddiferixxi dan l-appell sine die sakemm tigi deciza definittivament il- kwistjoni fuq riferita.'*

Ir-referenza Kostituzzjonali[41] ghada sal-lum il-gurnata pendenti.

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Christopher Bartolo (KI 390981M) VS Avukat Generali Kummissarju tal-Pulizija'**[42], il-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) kienet ikkunsidrat li:

*'Fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom, l-intimati jargumentaw illi l-ilment tar-rikorrent fil-meritu huwa nfondat peress illi huwa kien inghata d-dritt li jikkonsulta ma' avukat qabel l-interrogazzjoni, u filfatt kien ezercita dan id-dritt, u illi s- sentenza*

---

[41] Fl-ismijiet 'Ir-Repubblika ta' Malta Vs Aiello Martino' pendenti quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) bir-referenza 38/2018.
[42] Deciza nhar it-23 ta' Novembru, 2017 (Rikors Numru: 92/2016 JPG)

*citati minnu fir-rikors promotur ma huma ta' l-ebda sostenn ghal l-ilment tar-rikorrent peress illi dawn jipprospettaw sitwazzjoni fejn l-interrogat ma thalliex ikellem avukat qabel ma ttehdulu l-istqarrija.*

*Il-Qorti rat pero' illi l-ilment tar-rikorrent fir-rikors promotur tieghu m'huwiex illi ma thalliex jikkonsulta ma' avukat qabel ma ttehdietlu l-istqarrija (hlief fir-rigward tat-tieni wahda), izda proprju illi l-assistant legali tieghu ma kienx prezenti* ***waqt*** *it-tehid tal-istqarrija, kif jidher per ezempju minn paragrafu 8 u 13 tar-rikors promotur.* ***M'huwiex ikkontestat illi r-rikorrent ma giex interrogat fil-presenza tal-avukat tieghu, anke ghaliex wara kollox, f'dak iz-zmien il-ligi stess ma kienitx tippermetti dan.***

*Fis-sentenza fl-ismijiet* ***Panovits v. Cyprus*** *deciza mill-Qorti ta' Strasbourg fl-11 ta' Dicembru 2008 intqal illi:*

*"...the Court observes that the concept of fairness enshrined in Article 6 requires that the accused be given the benefit of the assistance of a lawyer already at the initial stages of police interrogation.* ***The lack of legal assistance during an applicant's interrogation would constitute a restriction of his defence rights in the absence of compelling reasons that do not prejudice the overall fairness of the proceedings."***

*Fuq l-istess linja ta' hsieb, fis-sentenza fl-ismijiet* ***Dayanan v. Turkey*** *deciza mill- Qorti ta' Strasbourg fit-13 ta' Ottubru 2009 u citata fir-rikors promour tar-rikorrent:*

*"In accordance with the generally recognised international norms, which the Court accepts and which form the framework for its case- law,* ***an accused person is entitled, as soon as he or she is taken into custody, to be assisted by a lawyer, and not only while being questioned*** *(for the relevant international legal materials see Salduz, cited above, §§ 37-44). Indeed, the fairness of proceedings requires that an accused be able to obtain the whole range of services specifically associated with legal assistance. In this regard, counsel has to be able to secure without restriction the*

*fundamental aspects of that person's defence: discussion of the case, organisation of the defence, collection of evidence favourable to the accused, preparation for questioning, support of an accused in distress and checking of the conditions of detention."*

*Il-fatt illi l-gurisprudenza tal-Qorti ta' Strasbourg evolviet sussegwentement ghas-sentenza ta'* ***Salduz*** *b'mod illi l-interpretazzjoni tad-dritt ghal smiegh mill-Qorti bdiet tikkonsidra li huwa necessarju li l-arrestat jithalla jkollu l-assistenza ta' avukat waqt l-interogattorju hija kkonfermata bl-aktar mod car fis-sentenza fl- ismijiet* ***Brusco v. France*** *deciza fl-14 ta' Ottubru 2010, fejn il-Qorti ta' Strasbourg ibbazat il-konkluzjoni taghha mhux biss fuq l-fatt illi Brusco ma thalliex ikellem avukat qabel ma gie interrogat izda anke ghaliex ma kellux access ghal avukat waqt l-ewwel interogazzjoni tieghu u l-interogazzjonijiet l-ohra kollha ta' wara dik, u dan a kuntrarju ta' dak li jezigi l-Artikolu 6:*

*"L'avocat n'a donc été en mesure ni de l'informer sur son droit à garder le silence et de ne pas s'auto-incriminer avant son premier interrogatoire ni de l'assister lors de cette déposition et lors de celles qui suivirent, comme l'exige l'article 6 de la Convention."*

*Konferma terga aktar cara ta' dan, tinsab fis-sentenza fl-ismijiet* ***Navone and others v. Monaco*** *deciza mill-Qorti ta' Strasbourg fl-24 ta' Ottubru 2013, fejn il- Qorti ikkonkludiet illi l-ligi ta' Monaco, li kienet tippermetti biss konsultazzjoni ma' avukat qabel l-interrogatorju, u ma kienitx tippermetti illi l-avukat ikun prezenti waqt l-interogazzjoni*[43], ***kienet leziva tad-dritt ta' smiegh xieraq****:*

*"Or, en l'espèce, nul ne conteste qu'à l'époque des faits, le droit monégasque ne permettait pas aux personnes gardées à vue de bénéficier d'une assistance d'un avocat pendant les interrogatoires : une telle assistance était donc automatiquement exclue en raison des dispositions légales pertinentes. La Cour relève en effet que le droit interne ne*

[43] Bhas-sistema Maltija f'dak iz-zmien. (Din ir-referenza tinsab fin-nota ta' qiegh il-pagna enumerata tnejn (2) fis-sentenza citata)

*prévoyait qu'une consultation avec un avocat au début de la garde à vue ou de la prolongation de celle-ci, pendant une heure maximum, l'avocat étant en tout état de cause exclu des interrogatoires dans tous les cas.*

*(...)*

*Par conséquent, la Cour ne peut que constater que les requérants ont été automatiquement privés de l'assistance d'un conseil au sens de l'article 6 lors de leur garde à vue, la loi en vigueur à l'époque pertinente faisant obstacle à leur présence durant les interrogatories."*

*Il-Qorti rat ukoll illi anke l-Qrati ordinarji Maltin diga' bdew jesprimu d-dubbji taghhom rigward jekk, il-ligi, kif kienet dak iz-zmien, kienetx tiggarantixxi adegwatament d-dritt ta' smiegh xieraq konsiderat illi ma kienetx tippermetti illi suspettat jkollu assistenza legali waqt l-interrogatorju, u dan kif jidher fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali deciza fis-6 ta' Ottubru 2016 fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija (Spetur Jesmond J. Borg) vs Jason Cortis</u>** fejn intqal illi:*

***"...jista' jkun hemm lok ghal-dibattitu dwar kemm il-provvedimenti tal-Kap 9 jirrispekkjaw d-dritt ghall-assistenza legali moghti lill- arrestat tenut kont ukoll illi dan id-dritt, kif ezistenti llum taht il-ligi taghna, huwa ristrett ghal siegha qabel l-interoggatorju u b'hekk jeskludi l-jedd tal-presenza tal-avukat waqt l-istess interrogatorju.** F'dak l-istadju l-arrestat huwa soggett ghal mistoqsijiet diretti u suggestivi bir-risposti taghhom, anke jekk jghazel li ma jwegibx, bit-traskrizzjoni tieghu tkun eventwalment esebita fil-proceduri kontrih fejn ikun meqjus innocenti sakemm pruvat mod iehor."*

*Huwa car ghalhekk illi skont il-gurisprudenza kostanti tal-Qorti ta' Strasbourg, hekk kif zviluppat u evolviet sussegwentement ghas-sentenza ta' Salduz, il- garanzija u protezzjoni ta' smiegh xieraq tirikjedi illi l-arrestat jinghata l-possibilita li jkollu mieghu avukat tal-fiducja tieghu waqt, u mhux biss qabel, l-interogazzjoni. Ghalhekk jidher illi l-argument tal-intimati illi dan l-ilment tar-rikorrent huwa nfondat ghaliex*

*kienet inghata l-possibilita li jkellem avukat qabel l-ewwel interrogatorju huwa nsostenibbli ghaliex mill-gurisprudenza appena citata, jidher car illi l-arrestat ghandu jinghata l-possibilita li jkollu avukat prezenti waqt l- interogazzjoni.*

*M'huwiex kontestat, illi fiz-zmien in kwistjoni* ***kien hemm restrizzjoni sistematika*** *li kienet timpedixxi lill-arrestat milli jkollu avukat tal-fiducja tieghu prezenti waqt l-interrogazzjoni. M'huwiex ikkontestat ukoll illi r-rikorrent ma thalliex ikollu avukat prezenti waqt l-ewwel interogazzjoni, u illi ma inghatax access ghall-avukat tieghu qabel jew waqt it-tieni interogazzjoni. Dan il-fatt wahdu, skont il-gurisprudenza tal-Qorti ta' Strasbourg, huwa bizzejjed biex tinstab lezjoni tad-dritt ta' smiegh xieraq.*

*Il-Qorti pero' ma tistghax ma tirrilevax illi dan huwa kaz gravi u partikolari, fejn ir-rikorrent huwa afflitt minn marda serja u terminali, tant li fi zmien tal- interogazzjoni kien ikollu jaghmel sitt sieghat dialysis, fi granet alternattivi u filfatt kien gie arrestat hekk kif kien ghadu hareg minn sitt sieghat dialysis. Il-Qorti tinsab mhassba mmens illi l-pulizija ma zammew ebda record tal-kondizzjoni ta' sahha tar-rikorrent, b'mod illi ma jistghux jikkonfermaw jekk kienux taw cans lir- rikorrent jiekol u jixrob bejn sitt sieghat dialysis u l-interogazzjoni tieghu jew le, skont kif qed jallega r-rikorrent. Il-Qorti tfakkar illi sakemm ir-rikorrent kien fil- kustodja tal-pulizija, il-pulizija kienet responsabbli ghal sahhtu u ghalhekk kellha tara li jkollha informazzjoni sufficjenti dwar il-kondizzjoni medika tar-rikorrent sabiex tigi salvagwardjata sahhtu u li r-rikorrent ma jithalliex bil-guh u bil-ghatx wara sitt sieghat dialysis.*

*Il-Qorti hija tal-fehma illi mill-provi prodotti rrizulta l-kondizzjoni medika tar-rikorrent, li kienet tikkawzalu ugiegh kbir, ansjeta u depressjoni, dana kollu jirrendi r-rikorrent persuna vulnerabbli, specjalment ikkonsidrat illi l-ewwel interogazzjoni segwit sitt sieghat dialysis. Barra minn hekk, skont it-testimonjanza mhux kontradetta tal-psikologu Nicholas Briffa, a fol 128 – 129, ir-rikorrent huwa persuna suxxettibbli, u reza vulnerabbli minhabba l-kondizzjoni medika u d- depressjoni li minnha kien jbaghti. Di piu' l-fatt illi r-rikorrent ma kellu l-ebda esperjenza ta' interrogatorju, tirrendih aktar vulnerabbli.*

*Il-Qorti rat ukoll illi l-intimati ma ressqu l-ebda prova li kien hemm xi ragunijiet impellanti - "compelling reasons" - sabiex ir-rikorrent ma jithalliex ikollu avukat prezenti waqt l-interogazzjonijiet tieghu. Ghalhekk, ikkonsidrat li dak iz-zmien kien hemm restrizzjoni sistematika ghad-dritt ta' assistenza legali waqt l-interrogazzjoni, l-effetti ta' liema kienu aggravati f'dan il-kaz minhabba l-vulnerabbilita tar- rikorrent, u galadarba l-intimati ma ressqu l-ebda prova li kien hemm ragunijet serji u mpellenti li jistghu jiggustifikaw ir-restrizzjoni tad-dritt ta' assistenza legali sofferta mir-rikorrent, il-Qorti tikkonkludi illi l-ilment tar-rikorrent illi d-dritt tieghu ghal smiegh xieraq gie lez, huwa fondat.*

*Ghalhekk, il-Qorti tiddikjara illi r-rikorrent sofra lezjoni tad-dritt tieghu ghal smiegh xieraq minhabba restrizzjoni mhux gustifikata ghad-dritt tieghu ta' access ghal avukat.*'

L-Avukat Generali u l-Kummissarju tal-Pulizija appellaw din is-sentenza, fejn il-Qorti[44] fost numru ta' kunsiderazzjonijiet, ikkunsidrat:

'*35. Fil-kaz odjern jirrizulta car li fl-istqarrijiet tieghu r-rikorrent, minkejja li qabel ma irrilaxxja l-ewwel stqarrija, l-avukat tieghu kien tah il-parir li f'dak l-istadju ma jghid xejn lill-pulizija, huwa xorta wahda iddecieda li jirrispondi ghad-domandi waqt l-interrogazzjoni, bir-rizutlat li stqarr certu fatti inkriminanti ghalih in kwantu ammetta li kien jixtri l-blokkok tal-cannabis, kemm ghall-konsum personali tieghu kif ukoll sabiex ibiegh lil terzi. Fil-fatt stqarr li kien ibiegh minnha lill-barranin li kienu Ghawdex. B'dan il-mod huwa kien ammetta li kien jittraffika dik id-droga. L-istess ammissjoni kienet giet ripetuta fit-tieni stqarrija fejn ir-rikorrent amplifika wkoll dwar minn ghand min kien jixtri d-droga.*

*36. Mill-premess jirrizulta manifest li l-istqarrijiet rilaxxjati mir-rikorrent ser ikollhom kif fil-fatt gja` kellhom quddiem il-Qorti Kriminali impatt fil- proceduri kriminali, mhux in kwantu ghall-ammissjonijiet, izda in kwantu l- kontenut taghhom*

[44] Sentenza fl-ismijiet 'Christopher Bartolo v. (1) Avukat Generali; u (2) Kummissarju tal-Pulizija' deciza mill-Qorti Kostituzzjonali nhar il-5 ta' Ottubru, 2018 (Rikors numru 92/16 JPG)

*kien ittiehed in konsiderazzjoni fil-quantum tal-piena imposta fuqu mill-Qorti Kriminali, u issa huwa car li anke l-Qorti tal-Appell Kriminali ser tiehu konsiderazzjoni tal-kontenut tal-istqarrijiet f'dan ir- rigward. Ghalhekk, ghalkemm il-proceduri kriminali ghadhom pendenti u ghalhekk ma jistax f'dan l-istadju jigi determinat jekk kienx hemm lezjoni ta' smigh xieraq f'dawk il-proceduri, jekk l-istqarrijiet jithallew fil-process tal- proceduri kriminali, dawn wisq probabbilment ser isir uzu minnhom mill- Qorti tal-Appell Kriminali bi pregudizzju jew vantagg ghall-akkuzat fil- kwantifikazzjoni tal-piena, kemm dik karcerarja kif ukoll ghal dak li tirrigwarda l-multa li tista' tigi imposta.*

*37. Fid-dawl tal-premess it-tehid tal-istqarrijiet zgur li ser ikollhom impatt fuq l-ezitu tal-process kriminali u, ladarba dan isir, x'aktarx ser isir ksur tad- dritt tal-rikorrent ghal smigh xieraq tenut kont tal-fatt li dawn gew rilaxxjati mir-rikorrent fl-assenza ta' avukat li jassistih. Ghalhekk huwa xieraq li, filwaqt li f'dan l-istadju ma jistax jinghad jekk kienx hemm lezjoni ta' dan id- dritt fundamentali tar-rikorrent peress li l-proceduri kriminali ghadhom pendenti, dawn ma jithallewx jibqghu fl-inkartament tal-process kriminali*'

Il-Qorti Kostituzzjonali kienet laqghet l-appell tal-Avukat Generali u l-Kummissarju tal-Pulizija, irrevokat is-sentenza appellata u minflok, laqghet l-eccezzjoni tal-intimati in kwantu l-proceduri odjerni huma intempestivi, u ordnat, minflok, li biex ma jsehhx ksur tad-drittijiet tar-rikorrent ma jsirx aktar uzu miz-zewg stqarrijiet rilaxxati mir-rikorrent fil-proceduri kriminali.

Fis-sentenza moghtija minn din il-Qorti, kif preseduta fl-ismijiet **<u>'Il-Pulizija Spettur Dennis Theuma Spettur Spiridione Zammit Vs Claire Farrugia</u>**[45]' gie kkunsidrat li:

*'Il-kliem uzati f'dik it-twissija hija 'int ghazilt li ma tixtieqx tikkonsulta jew tigi assistit', ma jirrizultax jekk il-kliem 'tigi assistit' jirreferix ghal qabel l-istqarrija jew matul. Madankollu tenut kont tal-fatt li l-ligi fiz-zmien li l-appellanta ghamlet iz-*

[45] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-20 ta' Novembru, 2018 (Appell Numru: 259/2018)

*zewg stqarrijiet ma kinitx tiprovdi d-dritt li tkun assistita waqt it-tehid tal-istqarrija jikkonferma li l-kliem 'tigi assistit' f'dik it-twissija qieghed jirreferi ghal qabel l-ghoti tal-istqarrija. Din il-Qorti tikkunsidra wkoll li l-fatt li l-appellanta irrifjutat id-dritt li tikkonsulta ma Avukat qabel l-istqarrija kif kellha kull dritt li taghmel, ma jfissirx li hi kienet ser tirrifjuta li tkun assistita matul l-interrogazzjonijiet li kieku kellha d- dritt. Ghalhekk din il-Qorti, kuntrarjament ghal dak li stqar l-Avukat Generali fin- nota tieghu ma tistax tintepreta' r-rinunzja tal-appellanta milli tikkonsulta ma' Avukat qabel it-tehid tal-istqarrija bhala rinunzja tacita ghad-dritt li jkun hemm prezenza ta' Avukat waqt it-tehid tal-istqarrijiet u dan stante li fiz-zmien tat-tehid tal- istqarrijiet, il-ligi ma kinitx tipprovdi ghal dan id-dritt u ghalhekk l-appellanta ma kellha l-ebda ghazla x'taghmel rigwardanti l-prezenza o meno ta' Avukat waqt l- interrogatorju.*

*Tenut kont ta' dan, din il-Qorti sabiex ma jigux lezi d-drittijiet tal-appellanta sejra tiskarta iz-zewg stqarrijiet maghmulha mill-appellanta u tiddikjarahom inammissibli.'*

Fis-sentenza fl-ismijiet '**Il-Pulizija (Spettur Malcolm Bondin) kontra Aldo Pistella'**[46] fejn fost numru ta' kunsiderazzjonijiet, gie kkunsidrat li:

*'Riferibbilment ghall-kaz in ezami, jirrizulta illi Aldo Pistella nghata dritt li jkellem lill-avukat ta` ghazla tieghu qabel irrilaxxja l-istqarrija lill-Ispettur Malcolm Bondin. L-ispettur koncernat ikkonferma li hekk kien il-kaz, kemm meta xehed fil-kors ta` dan il-procediment, kif ukoll meta xehed fil-kawza kriminali. In partikolari, fis-seduta tal-kawza kriminali tal-20 ta` Ottubru 2014 stqarr illi :-*

*"Minn hemm hekk komplejna bl-investigazzjonijiet mas-sur Aldo Pistella fejn jien tajtu d-drittijiet tieghu u fejn tajtu d-dritt tal-parir legali fejn xtaq li jkellem avukat u fil-fatt kien tkellem ma` l-avukat tieghu Dr. Sarah Sultana personalment, kien tkellem l-ghada filghodu fejn kienet giet tkellmu gewwa l-kwartieri tal-Pulizija. Wara li ha l-parir legali kont komplejt bl-investigazzjonijiet mieghu...." (ara fol 19 u 20 tal-process*

[46] Deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Gurisdizzjoni Kostituzzjonali) nhar is-27 ta' Gunju, 2017 (Refereza Kostituzzjonali Numru: 104/16JZM).

*kriminali).*

*Mill-istqarrija rrizulta wkoll illi Pistella kkonferma li fehem it-twissija moghtija lilu mill-pulizija u li kien kellem lil avukat tieghu qabel ma rrilaxxja l- istqarrija. Insibu a fol 29 :*

*"M: Fhimtha t-twissija li ghadni kif tajtek?*

*T: Iva.*

*M: Tikkonferma li kellimt lil avukat tieghek Dr. Sara Sultana u gejt moghti dokument bid-drittijiet kollha tieghek bil-lingwa taljana?*

*T: Iva."*

*Madanakollu rrizulta wkoll illi Pistella ma kienx assistit mill-avukat ta` ghazla tieghu waqt it-tehid tal-istqarrija. Gara hekk ghaliex fiz-zmien meta Pistella kien qed jigi nvestigat, ma kienx hemm dritt li min kien qed jigi nvestigat jitlob li jkun assistit minn konsulent legali waqt it-tehid ta` l- istqarrija.*

*Din hija propju l-kwistjoni mertu tar-referenza kostituzzjonali odjerna, ossija jekk il-kaz ta` persuna li ma jkollhiex assistenza legali fl-istadju meta tkun giet arrestata u interrogata jikkostitwix ksur tal-jedd ghal smigh xieraq kif tutelat bl-Art 6 tal-Konvenzjoni.*

*Il-Qorti hadet nota tal-fatt li Aldo Pistella ddikjara li talab l-assistenza ta` avukat izda dak l-avukat ma kienx prezenti waqt l-interrogatorju.*

*Irrizulta wkoll mix-xiehda tal-Ispettur Bondin fil-proceduri kriminali illi waqt li kien qed jaghti l-istqarrija, Pistella kkopera izda kellu problema bejn li ried jikxef il-persuni involuti u bejn li ma riedx ; ghalhekk kien rega` nsista li jkellem lill-konsulent legali izda din it-talba kienet michuda.*

*L-ispettur xehed hekk a fol 25 :-*

*"Is-sinjur ikkopera maghna bis-shih. Il-problema li kellu s-sinjur qisu bejn jixtieq jikkopera mal-pulizija u jghid verament min huma nvoluti n-nies u minn ghand min kien qed jixtri u jassistina f'dawk l- affarijiet u bejn qed jibza` minn dawn l-affarijiet. Ghax f'hin minnhom xtaq li jghinna u f'hin minnhom rega` talab biex jitkellem fil-fatt ma` l-avukat, ghidtlu li ma jistax."*

*Ghal din il-Qorti, il-fatt li persuna ma kinitx assistita minn avukat waqt l-interrogazzjoni jwassal ghal sitwazzjoni fejn l-uzu ta` l-istqarrija mehuda minghajr l-assistenza legali tammonta ghal lezjoni tad-dritt ghal smigh xieraq tal-imputat skont l-Art 6 tal-Konvenzjoni.*

*Din il-Qorti tqis li ghall-kaz odjern ghandha tapplika l- gurisprudenza l-aktar ricenti tal-ECHR u tal-qrati taghna fejn inghad kjarament li d-dritt ta` l-applikant jigi rrimedjabbilment ippregudikat meta hu jirrilaxxa stqarrijiet waqt l-interrogazzjoni meta ma kienx assistit minn avukat u in segwitu dawk l-istqarrijiet jintuzaw kontra tieghu.* '

Dik il-Qorti ddeciediet li:

'*Fil-fehma ta` din il-Qorti, il-fatt li persuna ma kinitx assistita minn avukat waqt l-interrogazzjoni u waqt l-istess interrogazzjoni talbet li terga` tkellem lill-avukat u tali talba giet michuda, iwassal ghal sitwazzjoni fejn id- dritt ta` dik il-persuna, fil-kaz tal-lum Aldo Pistella, kien irrimedjabbilment ippregudikat stante illi huwa rrilaxxja stqarrijiet waqt l-interrogazzjoni meta ma kienx assistit minn avukat u in segwitu dawk l-istqarrijiet jintuzaw kontra tieghu.*

*Issa rrizulta wkoll illi l-kawza kriminali ghadha pendenti.*

***Ghalkemm il-qorti ta` gurisdizzjoni kriminali eventwalment taghti decizjoni fil-mertu wara li jkun inghalaq il-gbir tal-provi, tenut kont tal-konsiderazzjonijiet kollha premessi, m`ghandux ikun illi l-kawza kriminali titkompla bl-istqarrija ta` Aldo Pistella lill-Ispettur Malcolm Bondin tkun***

***taghmel prova ladarba rrizulta li waqt it-tehid tal- istqarrija ma kienx prezenti l-avukat ta` Aldo Pistella.***

***Del resto l-Avukat Generali u l-Kummissarju tal-Pulizija t-tnejn sostnew illi l-kaz tal-pulizija kontra Aldo Pistella mhuwiex fondat biss fuq l-istqarrija ta` l-akkuzat izda fuq provi ohra wkoll.***

***Ghalkemm jibqa` l-principju li procediment gudizzjarju ghandu jitqies fit-totalita` tieghu sabiex jigi determinat kienx hemm ksur tal- jedd ghal smigh xieraq, tibqa` l-konsiderazzjoni li m`ghandu jsir ebda uzu mill-istqarrija ta` Aldo Pistella fil-process kriminali sabiex meta jintemm il-process kriminali, ma jkunx mittiefes b`irregolaritajiet.***'

Il-Qorti Kostituzzjonali[47] fis-sentenza deciza ricentement ikkonfermat is-sentenza tal-Ewwel Qorti, fejn fost kunsiderazzjonijiet ohra dwar l-appell prezentat mill-Avukat Generali u l-Kummissarju tal-Pulizija kkunsidrat li:

13. *Għalkemm, bħall-ewwel qorti, taqbel mal-appellanti illi f'dan l- istadju għadu ma seħħ l-ebda ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, madankollu, kif osservat fil-każ ta' Malcolm Said[48], il-qorti xorta hija tal-fehma li ma jkunx għaqli li l-proċess kriminali jitħalla jitkompla bil-produzzjoni tal-istqarrija tal-akkużat Pistella ladarba din, għallinqas f'parti minnha, ittieħdet mingħajr ma Pistella kellu l-għajnuna ta' avukat. Għalhekk, għalkemm għadu ma seħħ ebda ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, fiċ-ċirkostanzi huwa għaqli illi, kif qalet l-ewwel qorti, ma jsir ebda użu mill-istqarrija fil- proċess kriminali sabiex, meta l-proċess kriminali jintemm, ma jkunx tniġġes b'irregolarità – dik li jkun sar użu minn stqarrija li ttieħdet mingħajr ma l-interrogat kellu l-għajnuna ta' avukat – li tista' twassal għal konsegwenzi bħal tħassir tal-proċess kollu.*

---

[47] Fil-kawza fl-ismijiet 'Il-Pulizija (Spettur Malcolm Bondin) v. Aldo Pistella' deciza fl-14 ta' Dicembru, 2018 (Rikors numru: 104/2016/1 JZM)
[48] 24 ta' Gunju 2016. (Din ir-referenza tinsab fin-nota ta' qiegh il-pagna enumerata tnejn (2) fis-sentenza citata)

14. *Il-fatt li, kif josservaw l-appellanti, hemm xiehda oħra fil-proċess barra l-istqarrija li tista' ssaħħaħ il-każ tal-prosekuzjoni ma huwiex argument kontra din il-konklużjoni. Ifisser biss li l-każ tal- prosekuzzjoni ma jiddgħajjifx bit-tneħħija tal-istqarrija waqt li jista' jinġieb fix-xejn jekk l-istqarrija titħalla fil-proċess u dan possibilment iwassal għal sejbien, eventwalment, ta' ksur tal-jedd għal smigħ xieraq.'*

Ikkunsidrat;

Illi d-Direttiva 2013/48/UE[49] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2013 dwar id-dritt ta' aċċess għas-servizzi ta' avukat fi proċedimenti kriminali u fi proċedimenti ta' mandat ta' arrest Ewropew, u dwar id-dritt li tiġi infurmata parti terza dwar iċ-ċaħda tal-libertà u d-dritt għal komunikazzjoni ma' partijiet terzi u mal-awtoritajiet konsulari, matul iċ-ċaħda tal- libertà fl-artikolu 3 tiprovdi:

***'Id-dritt ta' aċċess għas-servizzi ta' avukat fi proċedimenti kriminali***

*1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-persuni suspettati u akkużati jkollhom id-dritt ta' aċċess għas-servizzi ta' avukat f'ħin u b'mod li l-persuni konċernati jkunu jistgħu jeżerċitaw d- drittijiet tagħhom ta' difiża b'mod prattiku u b'mod effettiv.*

*2. Il-persuni suspettati jew akkużati għandu jkollhom aċċess għas-servizzi ta' avukat mingħajr dewmien żejjed. Fi kwalunkwe każ, il-persuni suspettati jew akkużati għandu jkollhom id-dritt ta' aċċess għas-servizzi ta' avukat mill-mument l-aktar qrib minn dawn li ġejjin:*

*(a) qabel ma jiġu interrogati mill-pulizija jew minn awtorità oħra tal-infurzar tal-liġi jew ġudizzjarja;*

*(b) mat-twettiq minn awtorità ta' investigazzjoni jew awtorità kompetenti oħra ta' att investigattivi jew att ieħor ta' ġbir ta' provi skont il-punt (c) tal-paragrafu 3;*

---

[49] Din id-Direttiva ma kinitx fis-sehh meta l-appellant irrilaxxa l-istqarrija tieghu

*(c) mingħajr dewmien żejjed wara ċ-ċaħda tal-libertà;*

*(d) fejn ġew imħarrka biex jidhru quddiem qorti li għandha ġurisdizzjoni f'materji kriminali, fi żmien debitu qabel ma jidhru quddiem dik il-qorti.*

*3. Id-dritt ta' aċċess għas-servizzi ta' avukat għandu jimplika dan li ġej:*

*(a) L-Istati Membri għandhom jiżguraw li persuna suspettata jew akkużata jkollha d-dritt li tiltaqa' fil-privat u tikkomunika mal-avukat li jirrappreżentaha, inkluż qabel interrogazzjoni mill-pulizija jew minn awtorità oħra tal-infurzar tal-liġi jew awtorità ġudizzjarja;*

*(b**) L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-persuna suspettata jew akkużata jkollha d-dritt li l-avukat tagħha jkun preżenti u jipparteċipa b'mod effettiv meta hija tiġi interrogata. Tali parteċipazzjoni għandha tkun konformi mal-proċeduri taħt il-liġi nazzjonali, dment li tali proċeduri ma jippreġudikawx l-eżerċizzju effettiv u l-essenza tad-dritt konċernat. Fejn avukat jipparteċipa matul interrogazzjoni, il-fatt li saret tali parteċipazzjoni għandu jiġi rreġistrat bl-użu tal-proċedura ta' reġistrar f'konformità mal-liġi tal-Istat Membru konċernat;***

*(c) għandhom, minn tal-inqas, ikollhom id-dritt li l-avukat tagħhom jattendi għall-avvenimenti investigattivi jew l-attita' ġbir ta' provi li ġejjin,fejn dawk l-atti huma previsti fil-liġi nazzjonali u jekk il-persuna suspettata jew akkużata hija meħtieġa jew permessa li tattendi l-att konċernat:*

*(i) ringieli ta' persuni għall-identifikazzjoni;*

*(ii) konfrontazzjonijiet;*

*(iii) rikostruzzjonijiet sperimentali tax-xena tar-reat kriminali.*

*4. L-Istati Membri għandhom jimpenjaw ruħhom li jagħmlu l-informazzjoni ġenerali disponibbli biex jagħmluha faċli għall- persuni suspettati jew akkużati li jsibu avukat.*

*Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-liġi nazzjonali dwar il-preżenza obbligatorja ta' avukat, l-Istati Membri għandhom jagħmlu l- arranġamenti meħtieġa biex jiżguraw li l-persuni suspettati jew akkużati li jinċaħdu mil-liberta taghhom ikunu f'pożizzjoni li jeżerċitaw b'mod effettiv id-dritt tagħhom ta' aċċess għas- servizzi ta' avukat, sakemm ma jkunux irrinunzjaw dak id- dritt f'konformita mal-Artikolu 9.*

*5. Huwa f'ċirkostanzi eċċezzjonali u biss fl-istadju ta' qabel il- kawża li l-Istati Membri jistgħu jidderogaw temporanjament mill-applikazzjoni tal-punt (c) tal-paragrafu 2 fejn id-distanza ġeografikament 'il bogħod ta' persuna suspettata jew akkużata tagħmilha impossibbli li jiġi żgurat id-dritt ta' aċċess għas- servizzi ta' avukat mingħajr dewmien żejjed wara li persuna tkun inċaħdet mil-liberta tagħha.*

*6. F'ċirkostanzi eċċezzjonali u biss fl-istadju ta' qabel il- kawża, l-Istati Membri jistgħu jidderogaw temporanjament mill-applikazzjoni tad-drittijiet previsti fil-paragrafu 3 sakemm dan ikun iġġustifikat fiċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, abbażi ta' waħda mir-raġunijiet konvinċenti li ġejjin:*

> *(a) fejn hemm ħtieġa urġenti li jkunu evitati konsegwenzi negattivi serji għall-ħajja, il-liberta jew l-integrita fiżika ta' persuna;*
>
> *(b) fejn l-azzjoni immedjata mill-awtoritajiet investigattivi tkun essenzjali biex jiġu evitati li l-proċedimenti kriminali jiġu pperikolati b'mod sostanzjali.'* (Emfazi u sottolinear mizjud)

Fil-kaz odjern, l-appellant kien irrinunzja ghad-dritt ta' ghajnuna legali qabel l-interrogatorju. L-artikolu 9 ta' din id-Direttiva 2013/48/UE dwar ir-rinunzja jiprovdi li:

*'1. Mingħajr preġudizzju għal-liġi nazzjonali li teħtieġ il- preżenza jew l-assistenza obbligatorja ta' avukat, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li, fir-rigward ta' kwalunkwe rinunzja ta' dritt imsemmi fl-Artikoli 3 u 10:*

*(a) il-persuna suspettata jew akkużata tkun ingħatat, bil-miktub jew bil-fomm, informazzjoni ċara u suffiċjenti b'lingwaġġ sempliċi u li jinftiehem dwar il-kontenut tad-dritt konċernat u l-konsegwenzi possibbli tar-rinunzja għalih; u*

*(b) ir-rinunzja tingħata volontarjament u b'mod inekwivoku.*

*2. Ir-rinunzja, li tista' ssir bil-miktub jew bil-fomm, għandha tiġi rreġistrata, kif ukoll iċ-ċirkostanzi li fihom tkun ingħatat ir- rinunzja, bl-użu tal-proċedura ta' reġistrar f'konformità mal-liġi tal-Istat Membru konċernat.*

*3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-persuni suspettati jew akkużati jistgħu jirrevokaw ir-rinunzja sussegwentement fi kwalunkwe stadju matul il-proċedimenti kriminali u li huma jiġu infurmati b'dik il-possibbiltà. Tali revoka għandu jkollha effett mill-mument li ssir.* '

It-trasposizzjoni ta' din id-Direttiva fil-ligi ta' Malta sehhet permezz tal-Att Nru LI tal-2016[50]. Illum il-gurnata, l-legislazzjoni Sussidjarja 9.24 bl-Avviz Legali 102 tal-2017 tiprovdi ghal Regolamenti dwar il-procedura waqt l-interrogazzjoni ta' persuni suspettati u persuni akkuzati. Prezentament, is-subartikoli (1) u (2) tal-artikolu 355AUA tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdu li:

'*(1) Il-persuna suspettata jew akkużata għandu jkollha d-dritt ta' aċċess għal avukat fil-ħin u b'tali mod li jħalliha teżerċita d-drittijiet ta' difiża tagħha b'mod prattiku u effettiv.*

*(2) Il-persuna suspettata jew akkużata għandu jkollha aċċess għal avukat mingħajr ebda dewmien. Fi kwalunkwe eventwalità, il-persuna suspettata jew akkużata għandu jkollha aċċess għal avukat mill-mument li sseħħ l-ewwel waħda minn dawn il-ġrajjiet:*

*(a) qabel ma tkun interrogata mill-Pulizija Eżekuttiva jew minn awtorità oħra għall-infurzar tal-liġi jew awtorità ġudizzjarja fir-rigward tat-twettiq ta' reat kriminali;*

*(b) mat-twettiq minn awtoritajiet investigattivi jew awtoritajiet kompetenti oħra ta' xi att ta' natura investigattiva jew att ta' kollezzjoni ta' evidenza oħra skont is-subartikolu (8)(e);*

---

[50] Senjatament permezz tal-artikolu 355AT(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta

*(ċ) mingħajr ebda dewmien wara li tkun ġiet imċaħħda l-libertà;*

*(d) meta tkun ġiet imħarrka sabiex tidher quddiem qorti ligħandha ġurisdizzjoni f'materji kriminali, f'qasir żmien qabel ma titressaq quddiem dik il-qorti.'*

Filwaqt li l-artikolu 355AUA(8) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jaqra:

*'Id-dritt ta' aċċess għal avukat għandu jfisser dan li ġej:*

*(a) il-persuna suspettata jew akkużata, jekk tkun għażlet li teżerċita d-dritt tagħha għall-assistenza legali, u l-avukat tagħha, għandhom ikunu infurmati bl-allegat reat li għalih il-persuna suspettata jew akkużata ser tkun interrogata. Dik l-informazzjoni għandha tingħata lill-persuna suspettata jew akkużata qabel ma tibda l-interrogazzjoni, liema ħin m'għandux ikun inqas minn siegħa qabel ma tibda l-interrogazzjoni;*

*(b) il-persuna suspettata jew akkużata għandu jkollha d-dritt li tiltaqa' u tikkomunika fil-privat mal-avukat li jirrappreżentaha, inkluż interrogazzjoni minn qabel mill-pulizija jew minn awtorità oħra ta' infurzar tal-liġi jew awtorità ġudizzjarja;*

*(ċ**) il-persuna suspettata jew akkużata għandu jkollha d-dritt li l-avukat tagħha jkun preżenti u jipparteċipa b'mod effettiv fl-interrogazzjoni. Dik il-parteċipazzjoni tista' tiġi regolata skont proċeduri li l-Ministru responsabbli għall-Ġustizzja jista' jistabbilixxi permezz ta' regolamenti, hekk iżda li dawk il-proċeduri ma jippreġudikawx l-eżerċizzju effettiv u l-essenza ta' dak id-dritt konċernat. Meta avukat jipparteċipa fl-interrogazzjoni, il-fatt li kien hemm dik il-parteċipazzjoni għandu jkun irreġistrat permezz tal-użu fejn, fl-opinjoni tal-intervistatur, hu possibbli ta' mezzi awdjoviżwali skont il-paragrafu (d):***

*Iżda d-dritt tal-avukat li jipparteċipa b'mod effettiv ma għandux jinftiehem bħala dritt tal-avukat li jostakola l- interrogazzjoni jew li jissuġġerixxi tweġibiet jew reazzjonijiet oħra għall-interrogazzjoni u kull mistoqsija jew rimarka oħra mill-avukat għandha, ħlief f'ċirkostanzi eċċezzjonali, issir wara li l-Pulizija Eżekuttiva jew awtorità oħra investigattiva jew awtorità ġudizzjarja jkunu ddikjaraw li ma għandhomx aktar mistoqsijiet;*

*(d) l-interrogazzjoni, it-tweġibiet kollha li jingħataw għaliha u l-proċeduri kollha relatati mal-interrogazzjoni tal-persuna suspettata jew akkużata, għandhom fejn, fl-opinjoni tal-intervistatur, hu possibbli jkunu rrekordjati b'mezzi awdjoviżwali u f'dak il-każ għandha tingħata kopja tagħhom lill-persuna suspettata jew akkużata wara li tkun intemmet l-interrogazzjoni. Kwalunkwe recording għandu jkun ammissibbli bħala prova, sakemm il-persuna suspettata jew akkużata ma tallegax u ma tagħtix prova li r-recording mhuwiex ir-recording oriġinali u li dan ġie mbagħbas. M'hemmx għalfejn issir traskrizzjoni tar-recording meta tkun użata fi proċeduri fil-qorti tal-ġustizzja ta' ġurisdizzjoni kriminali, lanqas ma hemm bżonn tal-firma tal-persuna suspettata jew akkużata f'dikjarazzjoni bil-miktub li tkun saret wara l-konklużjoni tal-interrogazzjoni ġaladarba l-mistoqsijiet u t-tweġibiet kollha, jekk hemm, ikunu ġew irrekordjati fuq mezzi awdjoviżwali;*

*(e) il-persuna suspettata jew akkużata għandu jkollha d-dritt li l-avukat tagħha jattendi għall-atti investigattivi jew ġbir ta' evidenza jekk il-persuna suspettata jew akkużata jeħtiġilha jew ġiet permessa li tattendi għall-att konċernat:*

*(i) ringiela ta' persuni suspettati għal finijiet ta'identifikazzjoni;*

*(ii) konfrontazzjonijiet;*

*(iii) rikostruzzjonijiet tax-xena tad-delitt.*'

L-artikolu 355AUG tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta rigwardanti r-rinunzja jaqra:

'*(1) Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet ta' dan is-Sub-titolu li jeħtieġ il-preżenza mandatorja jew assistenza ta' avukat, fir-rigward ta' kwalunkwe rinunzja ta' dritt imsemmi fl-artikoli 355AUA u 355AUH:*

*(a) il-persuna suspettata jew akkużata għandha tingħata, verbalment jew bil-miktub, informazzjoni ċara u suffiċjenti b'lingwa sempliċi u li tinftiehem dwar il-kontenut tad-dritt ikkonċernat u l-konsegwenzi possibbli f'każ li ssir rinunzja għalih;*

*(b) ir-rinunzja għandha tingħata volontarjament u b'mod inekwivoku.*

*(2) Ir-rinunzja, li tista' ssir bil-miktub jew verbalment, għandha tkun reġistrata kif ukoll iċ-ċirkostanzi li fihom tkun saret ir-rinunzja, bl-użu ta' kwalunkwe proċedura ta' rekordjar permessa bil-liġi.*

*(3) Il-persuna suspettata jew akkużata tista' tirrevoka r-rinunzja sussegwentement fi kwalunkwe stadju waqt il-proċeduri kriminali, u għandha tkun infurmata dwar din il-possibilità. Dik ir-revoka għandu jkollha effett biss mill-mument li tkun saret.*'

Illi kif ikkunsidrat, l-appellant kien irrinunzja ghad-dritt li jkollu ghajnuna legali qabel ma gie interrogat. Din il-Qorti temfasizza li dan il-fatt ma jistax jigi interpretat bhala rinunzja tacita ghad-dritt li l-appellant ikollu prezenti Avukat waqt it-tehid tal-istqarrija u dan stante li fiz-zmien li ttiehdet l-istqarrija, l-appellant ma kellux il-jedd illi jaghzel li jkollu l-prezenza ta' Avukat matul l-interrogatorju. Ghalhekk, din il-Qorti sejra in linea mad-Direttiva 2013/48/UE u tal-izvillup gurisprudenza sabiex id-drittijiet tal-appellant ma jigux lezi, tiddikjara l-istqarrija tal-appellant bhala inammissibli u ghalhekk kwalunkwe referenza ghall-istqarrija fl-atti sejra tigi skartata.

L-appellant fl-appell tieghu issottometta ukoll li l-linji difensjonali li ttiehdu fil-proceduri odjerni kienu b'rizultat tal-istess stqarrija u li skont l-appellant ghalhekk ghandu jinghata wkoll l-opportunita' li jirtira jew li jitlob li ma tigix ikkunsidrata, jekk ikun il-kaz, it-testimonanza li huwa ta' fil-proceduri civili li tinsab esebita f'dawn il-proceduri kriminali. Dan flimkien ma' kwalsiasi referenza ghall-istess testimonjanza li tirrizulta fl-atti. Din il-Qorti filwaqt illi taqbel mal-appellant li kwalunkwe referenza ghall-istqarrija inkluz partijiet tax-xhieda li l-appellant ta' fil-wiehed u ghoxrin (21) ta' Frar tas-sena elfejn u sbatax (2017) fl-atti tar-rikors mahluf 1177/2009JRM fl-ismijiet 'Martin Degabriele vs Gasan Enterprises Ltd' huma ukoll inammissibli u ghandhom jigu skartati. Biss' pero, din il-Qorti tissottolinea li mhux ix-xhieda fit-totalita' taghha inkluz dik tal-appellant hija inammissibli, izda biss il-partijiet fl-istess xhieda li jaghmlu referenza ghall-istqarrija.

L-appellant ghamel referenza ghas-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonal) fl-ismijiet **'Christopher Bartolo (KI 390981M) VS Avukat Generali Kummissarju tal-Pulizija'**[51] fejn il-Qorti kienet mhux biss ordnat l-isfilz tal-istqarrijiet rilaxxati mir-rikorrent lil pulizija u kwalunkwe xhieda tal-pulizija li taghmel referenza ghal kontenut ta' dawn l-istqarrijiet izda ordnat ukoll li r-rikorrent jinghata l-possibilta li jirtira jew jikkonferma l-ammissjoni maghmula minnu quddiem il-Qorti. In oltre, dik il-Qorti ordnat ukoll li fil-kaz li r-rikorrent jirtira l-ammissjoni maghmula minnu, jigu sfilzati r-rapport tal-Probation Officer u kwalunkwe referenza ghal ammissjoni maghmula mir-rikorrent. Din is-sentenza giet appellata u l-Qorti Kostituzzjonali[52] biss pero', fis-sentenza taghha fost numru ta' kunsiderazzjonijiet, ikkunsidrat li:

> *'...anke jekk jigi kkonsidrat li huwa minnu li qabel ma ttiehdet l-ewwel stqarrija huwa kien ghadu gej mill-isptar fejn kien qed jiehu trattament mediku u anke jekk l-istqarrijet jitiqiesu bhala vjolattivi tal-artikolu konvenzjonali fuq citat, dan il-fatt ma jistax idghajjef l- effetti legali tal-ammissjonijiet quddiem il-qrati kriminali meta allura r-rikorrent kien legalment assistit matul dawk il-proceduri. Fil-fehma ta' din il-Qorti jirrizuta car li l-ghazla tar-rikorrent li jammetti ghall-akkuzi kienet ittiehdet meta kien legalment assistit u meta wkoll il-qorti kienet tatu zmien sabiex jahsibha sewwa, fatt li jindika li dik il-qorti kienet qed taghtih l- opportunita` li jirtira l-ammissjoni tieghu; izda ir-rikorrent baqa' jinsisti fuq l- ammissjoni tieghu, ovvjament bi skop li jottjeni mitigazzjoni tal-piena. Dawn il-konsiderazzjonijiet huma sorretti ukoll mill-fatt li, meta r-rikorrent kien deher quddiem il-Qorti tal-Magisrati, huwa naqas milli jattakka l-validita` tal-istqarrijiet maghmula minnu u kkonfermati minnu bil-gurament quddiem il-magistrat inkwirenti. Li kieku r-rikorrent verament hass li l- istqarrijiet ittiehdu b'lezjoni tad-drittijiet fondamentali tieghu, kien mistenni li mill-bidu tal-proceduri*

[51] Deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) nhar it-23 ta' Novembru, 2017 (Rikors Numru: 92/2016 JPG)
[52] Fis-sentenza fl-ismijiet 'Christopher Bartolo v. (1) Avukat Generali; u (2) Kummissarju tal-Pulizija' deciza mill-Qorti Kostituzzjonali nhar il-5 ta' Ottubru, 2018 (Rikors numru 92/16 JPG)

*kriminali meta allura kien legalment assistit, huwa jew jattakka l-validita` tal-istqarrijiet bi proceduri kostituzzjonali jew ma jammettix ghall-akkuzi, izda huwa ghazel it-triq li jammetti, u ma hemm xejn li jsostni t-tezi tieghu li l-ghazla li jammetti ma kinitx wahda libera. Fid- dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet din il-Qorti tqis bhala gratuwita u mhux sorretta mill-provi l-osservazzjoni tal-ewwel qorti li l-ghazla li r-rikorrent jammetti saret meta huwa kien "kompletament vulnerabbli ghall-poter tal-Istat", anzi din tinsab kontradetta mill-fatt pacifiku li matul il-proceduri kriminali u allura meta ammetta ghall-akkuzi ghal diversi drabi huwa kien dejjem assistit minn avukat.*

*29. Fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet premessi din il-Qorti tosserva li l- intimati ghandhom ragun li jsostnu li l-ammissjonijiet tieghu u l-istqarrijiet lill-pulizija huma elementi ta' prova separati u m'humiex, fi kliem l-ewwel Qorti, "instrinsikament konnessi."[53] Tant hu hekk li quddiem il-Qorti tal- Appell Kriminali, ir-rikorrent, allura akkuzat, filwaqt li talab il-konferma tal- htija tieghu kkontesta l-quantum tal-piena.'*

Il-Qorti Kostituzzjonali laqghet l-appell tal-intimati, irrevokat s-sentenza appellata u minflok laqghet l-eccezzjoni tal-intimati in kwantu l-proceduri odjerni huma intempestivi u ordnat minflokk li biex ma jsehhx ksur tad-drittijiet tar-rikorrent ma jsirx aktar uzu fil-proceduri kriminali miz-zewg stqarrijiet rilaxxjata mir-rikorrent.

Din il-Qorti filwaqt li mhijiex sejra tikkunsidra partijiet ta' xhieda fejn issir referenza ghal kontenut tal-istqarrija, qieghda tichad it-talba tal-appellant li jinghata l-opportunita' li jirtira dak kollu li segwa b'rizultat ta' din l-istqarrija b'mod patikolari t-testimonjanza moghtija mill-appellant fil-proceduri Civili u li giet esebita f'dawn il-proceduri u dan tenut kont tal-fatt li l-appellant kien assistit minn Avukat fil-

---

[53] Sent. Pga. 26 (Din ir-referenza tinsab fin-nota ta' qiegh il-pagna enumerata ghaxra (10) fis-sentenza citata)

proceduri u filwaqt li kif kellu dritt li jaghmel ghazel li ma jixhidx fil-proceduri penali, wara li xehed in kontro-ezami fil-kawza fl-ismijiet 'Martin Degabriele Vs Gasan Enterprises Ltd' fl-atti tar-rikors mahluf 1177/2009JRM nhar il-wiehed u ghoxrin (21) ta' Frar tas-sena elfejn u sbatax (2017), id-difiza fis-seduta ta' quddiem l-Ewwel Qorti ta' nhar l-ghaxra (10) ta' April tas-sena elfejn u sbatax (2017) issollevat il-fatt li tixtieq li jigu prodotti t-traskrizzjoniiet tax-xhieda tal-imputat mehuda fil-proceduri Civili imsemmija, u kienet fuq dik it-talba, li wara li l-Qorti qieset il-prova indispensabbli, ordnat lir-Registratur tal-Qorti sabiex tali traskrizzjonijiet jigu prezentati in Atti.

Ikkunsidrat;

Illi tenut kont tal-fatt, li kif aktar kmieni f'din is-sentenza, il-Qorti ordnat in-nullita' tas-sentenza tal-Ewwel Qorti, din il-Qorti sejra tghaddi biex tikkunsidra l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-appellant Arnold Farrugia.

Illi l-ewwel imputazzjoni taqra '*Billi int akkużat talli f'Novembru 2012 u fix-xhur u s-snin ta' qabel, sirt kompliċi fir-reat ta' frodi magħmula minn Martin Degabriele detentur tal-karta ta' l-identita' numru 226254(M), billi għamilt użu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi qdejt b'qerq iehor, ingann, jew billi urejt ħaġa b'oħra sabiex iġġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex tqanqal tama jew biża dwar ġrajja kimerika, għamilt qligħ ta' aktar minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu* (€2*,329.37), għad-detriment tas-soċjeta' Gasan Enterprises Limited, ai terminu ta' l-artikoli* ***42, 308, 309 u 310*** *tal-Kodiċi Kriminali , Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;*'

Illi l-Avukat Generali fin-nota datata it-tnejn (2) ta' Jannar tas-sena elfejn u hmistax (2015) li tinsab a fol 70 fost artikoli ohra indika l-artikoli 43(d), 44, 308, 309 u 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Din il-Qorti tibda biex tissottolinea li f'din in-nota, l-Avukat Generali indika l-artikolu 43(d), liema artikolu huwa zbaljat stante li ma hemm l-ebda subartikolu (d) fl-artikolu 43 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. F'dan

ir-rigward, din il-Qorti xorta tista' tikkunsidra jekk hemmx l-elementi tal-komplicita' tar-reat in kwistjoni u dan in vista tal-artikolu 525(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jappplika l-artikolu 467 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **<u>'Il-Pulizija v. Emanuel Camilleri u Manweli sive Manwel Farrugia'</u>**[54] fejn fost kunsiderazzjonijiet ohra, gie kkunsidrat li:

> *'Huwa veru li fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju (fol. 101) l-Avukat Generali ma indikax espressament l-Artikolu 41(1)(a) tal-Kodici Kriminali izda biss l-artikoli l-ohra li jsemmu l-appellanti. Pero` huwa wkoll principju elementari li meta persuna tkun akkuzata b'reat bhala awtur ta' dak ir-reat, qorti ta' gustizzja kriminali tista` ssib lil dik il-persuna hatja mhux bhala awtur izda bhala komplici f'dak ir-reat, jew inkella flok hatja tar-reat ikkunsmat hatja biss ta' tentattiv ta' dak ir-reat. Ir-regoli imsemmija fis-subartikoli (2) u (4) tal- Artikolu 467 tal-Kodici Kriminali gew dejjem ritenuti li japplikaw ghall-Qrati ta' Gustizzja Kriminali kollha. Ghalhekk ma kienx hemm ghalfejn li l- Avukat Generali, fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju, jindika l-artikolu tat- tentattiv.'*

Ghalhekk sejra tghaddi biex tikkunsidra l-ewwel imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-appellant u l-provi prodotti u ammissibli.

Din il-Qorti tibda billi taghmel referenza ghal dak li jipprovdi l-artikoli 308 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Liema artikolu jaqra:

> *'Kull min, b'mezzi kontra l-liġi, jew billi jagħmel użu ta'ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi jinqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi juri ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqal tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika,*

[54] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-23 ta' Novembru, 2001 (Appell Nru 104/2001)

*jagħmel qligħ bi ħsara ta' ħaddieħor, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn sena sa seba' snin.'*

Din il-Qorti sejra tghaddi sabiex tirreferi ghal kazistika rigwardanti l-elementi ta' dan ir-reat.

Fis-sentenza fl-ismijiet '**Il-Pulizija (Spettur Yvonne Farrugia) Vs Aaron Mizzi**[55]' gie kkunsidrat li:

> '*Din il-Qorti taqbel mal-argument tal-Avukat Generali fir-rikors tal-appell tieghu meta jghid, "... l-agir frawdolenti tal-imputat ma kienx maghmul b'semplici menzione izda akkumpanjat minn apparat estern li sahhah il-kredibilità tas- sitwazzjoni fabbrikata mill-imputat sabiex jirraggira lill-vittma. Il-messa in scena appuntu, kienet konsistenti fil-fatt li l-imputat iddepozita l-karta tal-identità tieghu mal-vittma u ftiehem mieghu biex izommhielu ghandu bhala garanzija illi kien se jhallas lura l-flus illi kien issellef." Dan l-agir tal-appellat jaqa' nettament taht il- kamp penali u l-ewwel Qorti ma kellhiex twarrab dawn il-fatti biex tghid illi din kienet kwistjoni civili bejn l-appellat u Cardona.*'

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija versus George Manicolo'**[56], gie kkunsidrat li:

*"Illi l-ġurisprudenza nostrali dejjem kienet illi sabiex jissussisti r-reat ta' truffa mhix biżżejjed is-sempliċi gidba, il-kliem menzjonier, izda hu neċessarju u essenzjali li jkun hemm ukoll l-apparat estern li jagħti fidi u kredibilita' lil dik il-gidba. Dan l-att estern jista' jiehu diversi forom, kultant anke att teatrali. Irid ikun att, jew atti, li jimpressjonaw bniedem ta' intelligenza u prudenza ordinarja u normali, għandhom ikunu atti frawdolenti li neċessarjament iqajmu sentimenti kif indikat fl-artikolu 308 tal-Kap. 9. Irrid ikun hemm il-messa in xena u ghalhekk, kif intqal, il-gideb waħedhom mhumiex suffiċjenti. Iridu jkunu atti, inkluż kliem ħelu u perswassiv, li jwasslu lil xi ħadd jemmen l-eżistenza ta' xi ħaġa*

[55] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-15 ta' Jannar, 2015 (Appell Kriminali Numru: 225/2014)
[56] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-31 ta' Lulju, 1998

*msemmija mil-frodatur, liema ħaġa, in realta', ma teżistix. Minbarra l-gideb ghalhekk, irid ikun hemm l-ingann, ir-raġġiri jew is-simulazzjoni li jwasslu sabiex il-vittma jemmen jew ikollu fidi f'dak li qed jiġi lilu mwiegħed mill-frodatur. Dan l-ingann, għalhekk, għandu jkun akkumpanjat b'artifizji kwazi teatrali, u mhux sempliċement wegħdiet, promessi u kliem sempliċi. Dan hu element ferm importanti fir-reat ta' frodi. Biex ikun hemm dawn l-artifizji, mhux biżżejjed il-kliem waħdu, iżda dan il-kliem għandu jkun elokwenti, studjat u perswassiv; ma' dan it-tip ta' kliem għandu jkun hemm xi ħaġa esterna li apparentement tikkonferma u tipprova l-fatti assenti, ċjoe' apparat estern li jirrivesti bi kredibilita' l-affermazzjoni menzjoniera tal-frodatur;*

*Din il-messa in xena hi magħmula minn dawn l-artifizji jew raġġiri idonei li jinduċu u fil-fatt ikunu induċew lill-vittma fi żball li bħala riżultat ta' dan l-iżball, il-vittma tagħmel jew tonqos li tagħmel xi ħaġa li ġġibilha telf patrimonjali bil-korrispondent qligħ għall-aġent frodatur;*

*Kif ġie stabbilit u riaffermat fil-Qrati tagħna, ikun ħati ta' truffa minn jagħmel użu minn kwalita' falza sabiex jaghmel qligħ għad-dannu ta' haddieħor;'*

Filwaqt li fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija [Spettur Maurice Curmi] vs Anthony Fountain u Stephen k/a Steve Abela'**[57] gie kkunsidrat:

*'Illi d-differenza bejn r-reati ipotizzati f'l-artikoli 308 u 309 tal-Kodici Kriminali, kif ukoll l-elementi rikjesti biex jissussistu dawn ir-reati, hija ben stabbilita fil- gurisprudenza taghna.*

*Fil-Ligi taghna biex ikun hemm it-truffa jew il-frodi innominata irid ikun gie perpetrat mill-agent xi forma ta' ingann jew qerq, liema ingann jew qerq ikun wassal lill- vittma sabiex taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-konsegwenti qligh ghall-agent ... jekk l-ingann jew qerq ikun jikkonsisti f'raggiri jew artifizi - dak li fid-dottrina*

[57] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fil-15 ta' Dicembru, 2011 (Numru: 688/2009)

*jissejjah ukoll mis en scene - ikun hemm it-truffa; jekk le ikun hemm hemm ir-reat minuri ta' frodi innominata (jew lukru frawdolenti innominat)*[58].

*Illi x'jikostitwixxi r-raggiri u l-artifizji ukoll huwa ben stabbilit fil-gurisprudenza taghna. Fi kliem Antolisei*[59]

*artifizio e' ogni studiata trasfigurazione del vero, ogni camuffamento della realta effetuato sia simulando cio che non esiste, sia dissimulando ... cioe che esiste. Il raggiro d'altra parte e un avvolgimento ingenioso di parole, destinate a convincere: piu precisamente una menzogna corredata da ragionamenti idonei a farla scambiare per verita. .... E certo che l'espressione del codice di per se' richiama l' idea di una certa astuzia o di un sottile accorgimento nel porre l'inganno in opera.*

***Antolisei** jkompli jghid pero' li*

*nell'applicazione pratica della legge questa idea e' andata sempre piu affievolendosi, fin quasi a scomparire del tutto. Per tal modo si e' finito con l'ammettere che anche la semplice menzogna puo bastare per dare vita alla truffa*[60].

*Illi f'dan is-sens anke l-Qorti ta' l-Appell Kriminali qalet hekk dwar il-messa in xena:*

*Il-Ligi taghna ma tirrikjediex li l-messa in xena, cioe dawk l-artifizji jew raggiri, ikunu xi haga kkumplikata jew arkittetta b'hafna pjanijiet*[61].

---

[58] Ref Pulizija ve Carmela German AK deciza 30.12.2004 u l-gurisprudenza hemm kwotata. (Din ir-referenza tinsab fin-nota ta' qiegh il-pagna enumerata sebgha (7) fis-sentenza citata)

[59] Manuale Di Diritto Penale (Giuffre) pagna 356. (Din ir-referenza tinsab fin-nota ta' qiegh il-pagna enumerata tmienja (8) fis-sentenza citata)

[60] Op cit pagna 357(Din ir-referenza tinsab fin-nota ta' qiegh il-pagna enumerata disgha (9) fis-sentenza citata)

[61] Ref Pulizija vs Emanuel Ellul deciza 20.06.1997. (Din ir-referenza tinsab fin-nota ta' qiegh il-pagna enumerata ghaxra (10) fis-sentenza citata)

*Illi fil-kaz in ezami jirrizulta li l-imputati verament kienu diretturi tas-socjeta Bahia Estates Limited liema socjeta verament kienet akkwistat propjeta biex tizvilluppaha f'binja gdida. Jirrizulta wkoll li fil-fatt din il-propjeta giet zvilluppata bil-mod kif kellha tigi zvilluppata. Huwa pacifiku li s-socjeta Bahia Estates Limited kellha diffikoltajiet biex tottjeni il-kancellamenti minghand l-APS Bank Limited biex tkun tista' tbiegh parti mill-binja zvilluppata lill-parte civile. pero' huwa pacifiku ukoll li l-parte civile kienu jafu b'dawn id-diffikoltajiet u xorta baqghu iggeddu l-konvenju. F'dan il- kwadru ta' fatti ma tirrizulta l-ebda messa in xena, u lanqas ma jirrizulta xi ingann perpetrat da parti tas-socjeta Bahia Estates Limited li permezz tieghu induciet lill-parte civile biex jaghmlu l-pagamenti li fil-fatt ghamlu.*

*Illi tenut kont ta' dan, fid-dawl tal-provi kollha prodotti, fil- fehma tal-Qorti r-reati kontemplati f'l-artikoli 308, 309 u 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta lanqas ma gew pruvati.'*

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija Spettur Chris Pullicino Vs Joseph Incorvaja'**[62] gie kkunsidrat li:

*'Fir-raba' akkuza l-imputat gie akkuzat bir-reat ta' frodi, kif kontemplat fl-**artikolu 308**. Din il-Qorti, ghal kull bon fini, taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal- Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Mark Schembri** fejn hemm dettaljatament deskritt l-origini ta' dan r-reat fis-sistema nostrana, kif ukoll dettalji estensivi dwar l-elementi rikjesti mil-ligi taghna ghal biex jigi ntegrat r-reat ta' truffa.*

*Id-disposizzjonijiet tal-Kodici taghna, kienu gew mehuda minn **Sir Adrian Dingli** mill-paragrafu 5 tal-**artikolu 430** tal-Codice delle due Sicilie li hu identiku, hlief ghal xi kelmiet insinifikanti, ghal Kodici Franciz (**artikolu 405)**, avolja dan, il-Codice delle due Sicilie, it-truffa kien jsejhilha frodi - del resto anke llum dan d-delitt fil-Kodici taghna, hu indikativ bhala 'frodi b'ghemil qarrieqi'.*

---

[62] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fis-27 ta' Gunju, 2011 (Numru: 107/2006)

*Skond il-gurisprudenza kostanti li din il-Qorti kif presjeduta taqbel maghha, l-ingredjenti tal-element materjali ta' dan id-delitt ta' truffa huma dawn li gejjin:*

*Fl-ewwel lok bhala suggett attiv ta' dan id-delitt jista' jkun kulhadd inkluz l-imputat.*

*Fit-tieni lok il-Legislatur, aktar mill-interess socjali tal- fiducja reciproka fir-rapport patrimonjali individwali, hawn qed jittutela l-interess pubbliku li jimpedixxi l-uzu tal-ingann u tar-raggiri li jinducu bniedem jiddisponi minn gid fil-kors normali tan-negozju ma kienx jaghmel.*

*Fit-tielet lok hemm l-element materjali tat-truffa, w jikkommetti d-delitt ta' truffa kull min -*

a. *b'mezzi kontra l-ligi, jew*

b. *billi jaghmel uzu ta' ismijiet foloz, jew*

c. *ta' kwalifiki foloz,*

d. *billi jinqeda b'qerq iehor, u*

e. *ingann, jew*

f. *billi juri haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l- esiztenza ta' intraprizi foloz,*

g. *jew ta' hila*

h. *setgha fuq haddiehor, jew*

i. *ta' krediti mmaginarji, jew*

j. *sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, jaghmel qliegh bi hsara ta' haddiehor.*

*Fis-sentenza tas-sebgha w ghoxrin ta' Mejju, 1895 moghtija mill-Qorti Kriminali fil-kawza fl-ismijiet* ***<u>Rex v Vittorio Azzopardi</u>*** *(vol.XXIX - IV -pg. 398) dik il-Qorti ccitat estensivament minn* ***Chaveau et Helie*** *u anke minn sentenzi tal-Corte di Cassazzione ta' Parigi biex tispjega li hu necessarju, biex ikun hemm r-reat ta' truffa, li l-manuvri jridu jkunu ta' natura li jimpressjonaw bniedem ta' prudenza w sagacja ordinarja, li jridu jikunu frawdolenti w li hu necessarju li jkunu impjegati biex jipperswadu bl- assistenza ta' fatti li jqajjmu sentimenti kif hemm indikat fil- ligi. F'dik is-sentenza ssemmiet wkoll is-sentenza* ***<u>Regina v Giuseppe Galea</u>*** *tat-tnax ta' Mejju, 1887 fejn gie stabbilit li :-*

*"che per costituire la frode sotta la disposizione di quel articolo 282 (illum 308) non e' necessario la concorrenza di ambedue i mezzi menzjonati nell'atto di accusa essendo sufficiente l'impiego di inganno o di simulazione per persuadere l'esistenza din un credito immaginario anche senza un artifizio contrario ai regolamenti"*

*Dwar l-artifizji hemm diversi sentenzi tal-Qrati taghna.* ***L- Imhallef William Harding*** *fil-kawza fl-ismijiet* **Il-Pulizija v Nikola Bonnici** *deciza fis-sebgha w ghoxrin ta' Mejju, 1944 jghid:-*

*"il-Qorti t'isfel fis-sentenza taghha...waslet ghal konkluzzjoni li hemm bzonn biex ikun reat taht l-artikolu 309 (illum 308) illi dak il-kliem jkun akkumpanjat minn apparat estern li jsahhah il-kelma stess fil-merti tal- iffrodat. Din it-tezi hija dik accettata fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti anke kolleggjalment komposta fil-kawza* ***<u>Regina v Francesco Cachia u Charles Beck</u>*** *deciza fit- tnejn ta' Jannar, 1896 li fiha intqal li 'quel articolo non richiede solamente una asserzione menzoniera e falza ma richiede inoltre che siano stato impegnate inganno, raggire o simulazione ed e necessario quindi che la falza assertiva sia accompagnata da qualche atto diretto a darla fede."*

*L-**Imhallef Guze Flores*** *fil-kawza fl-ismijiet* ***<u>Il-Pulizija v Carmelo Cassar Parnis</u>*** *deciza minn din il-Qorti fil- wiehed u tletin ta' Ottubru, 1959, segwa l-istess interpretazzjoni u esprima ruhu hekk:*

*"Ghar-reati ta' truffa kontemplat fl-artikolu 322 (illum 308) tal-Kodici Kriminali kif*

*jidher mid-dicitura partikolari deskrittiva adoperata hemm bzonn li tirrizulta materjalita' specifika li sservi ta' supstrat ghal verosimiljanza tal- falsita' prospettata bhala vera u b'hekk bhala mezz ta' qerq. Ma huwiex bizzejjed ghal finijiet ta' dak l-artikolu affermazzjonijiet luzingi, promessi, minghajr l-uzu ta' apparat estern li jirrivesti bi kredibilita' l-affermazzjonijiet menzonjeri tal-frodatur".*

*Il-ligi taghti protezzjoni specjali kontra l-ingann li jkun jirrivesti dik il-forma tipika, kwazi teatrali li tissupera l- kawtela ordinarja kontra s-semplici u luzingi, u li taghti lil dawk l-esterjorita' kif tirrendi l-idea l-espressjoni felici fid- dritt Franciz mis en scene. L-istess interpretazzjoni l- Imhallef Flores irrepetiha fis-sentenza tieghu fil-kawza fl-ismijiet* ***Police v Schreiner*** *tat-tlieta ta' Mejju, 1956 u fil- kawza fl-ismijiet* ***Il-Pulizija v Gerald Parretti*** *deciza fis- sebgha ta' April, 1950.*

*Kwantu jirrigwarda l-element formali, cioe' kwantu jirrigwarda d-dolo ta' dan r-reat ta' truffa, jinghad illi jrid jkun hemm qabel xejn l-intenzjoni tal-frodatur li jipprokura b'ingann il-konsenja tal-flus jew oggett li jkun fi profitt ingust tieghu. L-ingustizzja tal-profitt tohrog mill-**artikolu 308** tal-Kodici Kriminali fejn il-kliem "bi hsara ta' haddiehor" ma jhallux dubju dwar dan. Jigifieri biex ikun hemm l-element intenzjonali tar-reat ta' truffa hemm bzonn li s-sugett attiv tar-reat fil-mument tal- konsumazzjoni tieghu ikun konxju tal-ingustizzja tal-profitt u b'dan il-mod il-legittima produttiva tal-profitt hija bizzejjed biex teskludi d-dolo.*

*Ghal dak li hi definizzjoni jew tifsira x'inhuma akkuzi jew raggiri (mise en scene), id-definizzjnoi moghtija mill-* ***Antolisei*** *fil-ktieb tieghu* ***Manuale di diritto penale*** *( vol 1 - pg. 280) hija bizzejjed :*

*"nel suo significato letterale artifizio e' ogni studiato trasfigurazione del vero, ogni cammufamento della realta affettuate sia simulando cio che non esiste ( per ezempio, richezze, titoli, nome, qualita ecc. ) sia dissimulando vale a dire, nascondendo cio che esiste ( per ezempio il proprio stato di insolvenza.)"*

*Issa f'dan il-kaz l-imputat kien jaf li ma kienx intitolat ghal flus li kien qed jippretendi*

*minghand l-insurance, izda dan nonostante kkreja c-cirkostanzi biex jiddefroda lill-istess insurance, u ghalhekk huwa bizzejjed li nqeda b'qerq u ngann kif imsemmi fl-artikolu fuq imsemmi 308, u dan billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' kreditu mmaginarju. Il-mis en scene f'din il-kawza jammonta ghal dak l-apparat estern li gieghel lill-ufficjal tas-socjeta' assikuratrici jemmen li kollox kien miexi regolari w ghalhekk una volta kkrejata din il-mis en scene billi ghamel rapport ghand il-pulizija ha sehem f'inkjesta magisterjali u, una volta kkreja dan l-apparat estern, intiz proprju biex jinganna, r-reat in kwistjoni jkun integru.*'

Ikkunsidrat;

Illi stante li kif ikkunsidrat aktar il-fuq f'din is-sentenza, l-istqarrija rilaxxata mill-appellant u kwalunkwe referenza ghal kontenut tal-istqarrija sejra tigi skartata, din il-Qorti sejra tistharreg jekk mill-provi rimanenti, jissustix ir-reat kontemplat bl-ewwel akkuza, fl-ewwel lok taht l-artikolu 308 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi skont ma jirrizulta mill-affidavit li tinsab a fol 21, vann ta' Martin Degabriele dam ghal perjodu bi hsara u ghalhekk l-appellant kien ghamel xoghol peress li jghid li Martin Degabriele kien diga' dahal fi ftehim ma' nies sabiex ikun jista' jservihom bil-minibus. Fl-affidavit, l-appellant qal '*Niftakar li kont bdejt bix-xoghol ta' Martin fis-7 ta' Frar 2009 u kont bqajt sejjer inlaħħaqqlu l-vjaġġi sat-2 ta' lulju 2009. B'kollox Martin kellu jtini s-somma ta' sitta u għoxrin elf ħames mija u ħamsa u erbgħin ewro u tmien ċenteżmi tal-ewro (EUR 26,545.08). Dan l-ammont għandi rendikont tiegħu kopja ta' liema qed tiġi hawn annessa u mmarkata Dok.A.*' Din l-affidavit giet prezentata fil-kawza li Martin Degabriele kienet fetah fil-konfront ta' Gasan Enterprises Limited nhar is-sebgha u ghoxrin (27) ta' Novembru tas-sena elfejn u disgha (2009) u dan kif jirrizulta mill-kopja tar-rikors guramentat a fol 44. L-affidavit in kwistjoni skont in-nota a fol 20 u mmarkata bhala Dok MC2 giet prezentata fis-sbatax (17) ta' Lulju tas-sena elfejn u tnax (2012) filwaqt li skont l-isess affidavit, il-gurament fuq l-affidavit ittiehed fit-tnax (12) ta' Lulju tas-sena elfejn u tnax (2012).

Illi sussegwenti ghal dan, Dr. Louis Bianchi ghan-nom ta' Gasan Enterprises Limited permezz tal-ittra li tidher a fol 19 u mmarkata bhala MC1 irraporta li '*My clients have reason to suspect that this affidavit and the reference to a payment of €26545.08 by Mr. Martin Degabriele (ID No. 226254M) to Mr. Arnold Farrugia for services rendered by him may be fradulent. Indeed if it results that Mr. Degabriele did not use the services of Mr. Arnold Farrugia and that the claim for payment is a fictitious one, this could ultimately result in my clients having to pay for damages when these are not due should the lawsuit be decided against my client. This could result in a fradulent gain.*

*Mr. Degabriele in his affidavit states that he has seven minibuses and that he employs nine drivers. This being the case why did he need to enter into an agreement with Mr. Farrugia to carry out the work on his behalf. Please also note that the schedule of payments attached to the affidavit is not substantiated by any fiscal receipts.*'

Ghalkemm l-affidavit li tinstab a fol 21 tipprovdi ghal rendikont immarkat bhala Dok.A dwar l-ammont imsemmi f'dak l-affidavit, ma gie prezentat l-ebda rendikont f'dawn il-proceduri penali. Sussegwentement, meta rega xehed Dr. Louis Bianchi quddiem l-Ewwel Qorti fis-seduta tal-ghaxra (10) ta' April tas-sena elfejn u sbatax (2017) spjega li '*U veru li hu kien kera karozza imma l-ammont kien sostanzjarjament inqas minn dak li dahhal fl-affidavit.*' Ikkonferma li servizzi kien qed jaghtih izda l-qbil ma kienx fuq l-ammont ta' servizzi. Ghalhekk skont ma jirrizulta mill-atti ma giet prezentata ebda prova li turi li s-servizz in kwistjoni ma nghatax izda kienet kwistjoni purament ta' ammont li gie indikat ferm aktar minn dak li realment kien u li konsegwenza ta' hekk is-socjeta' intimata f'dik il-kawza kienet f'riskju li ssofri telf ingust. Liema affidavit a fol 21 ghalkemm immarkata bhala 'kopja vera' fejn tirrizulta data u firma ma gietx prezentata kopja awtentikata taghha ai termini tal-artikolu 636(2) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, izda it-traskrizzjoni tax-xhieda moghtija mill-appellant quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili giet prezentata a fol 101 minn Eunice Grech Fiorini ghan-nom tar-Registratur Qrati Civili u Tribunali.

F'dan ir-rigward, dil-Qorti sejra ukoll tqis il-parti tax-xhieda tal-appellant moghtija quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civli nhar il-wiehed u ghoxrin (21) ta' Frar tas-sena elfejn u sbatax (2017) fl-atti tar-rikors mahluf 1177/2009JRM fl-ismijiet 'Martin Degabriele Vs Gasan Enterprises Ltd' fejn spjega '*Imbaghad kien qalli li l-vann kien irrangah u qalli isma' issa x-xoghol ha nehodlok minnu bhal speci u kien gharrafni wkoll illi li Gasan Enterprises ma riedux ihallsuh ghax il-vann kien ghadu bil-garanzija u qalli ha jkolli bzonnok tehodli affidavit li inti veru hdimtli x-xoghol tal-vann. ghidtlu jien ma nsibx oggezzjoni ghax jien veru hdimtu x-xoghol, ghamiltu. Imbaghad kien hadni kont mort mieghu l-Belt ghand l-avukat tieghu u qalli ha mmorru ha naghmlu l-affidavit u gejna l-qorti konna u meta konna ghand l-avukat qabel fuq konna tlajna ghand l-avukat kien werieni din il-karta li hawn hawn u jien il-karta ma qrajtiex dakinhar sincerament qed nghidlek, imma malli rajt l-ammont hawn, ghidtlu dak x'inhu qed narah hafna*'. Spjega '*Jien rajtha sitta u ghoxrin elf, ghidtlu dak x'inhu? u hu qalli le halli f'idi qalli l-ktieb ghandi, ghax jien ghidtlu tini l-ktieb ha nara qalli le le kollox sew hemm u jien nahlifilkom jien dan ir-ragel qatt ma ttradieni, dejjem hallasni fil-hin u puntwali, gieli tani gheni fil-fuel u hekk bhal speci ghax kont xoghol gdid ghalija ma kont naf xejn u bhal speci qalli f'idi, mhux problema, kollox sew hemm. Qalli issa mmorru l-qorti, u jien hallejt f'idu ghax jien anke l-ktieb kont intihulu.*' L-imputat provda aktar informazzjoni fix-xhieda tieghu quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili pero' stante li din si tratta ta' dak li ntqal lis-Spettur u ghalhekk din il-qorti qieghda tinterpreta dan bhala dak l-intqal fl-interrogatorju, din il-Qorti in linea ma dak deciz aktar il-fuq f'din is-sentenza mhijiex sejra tikkunsidrah.

Fl-ahhar tax-xhieda tieghu quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civli xehed li '*Jien kelli d-dubju li ma kontx cert jekk dak l-ammont ghax jien meta rjat l-ammont hu ma qallix dak il-hin isma' dawk t'erba' xhur, u jien forsi zbaljajt li ma qrajtx il-karta, imma jien xoghol ghamilt hafna ma Martin u bl-amment kemm ghamilt xoghol nahseb li dik ic-cifra ghamiltha u nahseb jekk ma qbiztiex ukoll forsi, ma nafx,* ***<u>imma f'erba' xhur zgur li m'ghamiltx dak l-ammont ta' xoghol</u>***.' (Emfazi u sottolinear mizjud minn din il-Qorti.) L-ammont indikat fl-affidavit kien jitratta perjodu partikolari skont l-istess affidavit u cioe' mis-sebgha (7) ta' Frar tas-sena elfejn u disgha (2009) sat-tnejn (2) ta' Lulju tas-sena elfejn

u disgha (2009) li ghalkemm huma aktar minn erba' (4) xhur, din il-Qorti qieghda tifhem li meta fix-xhieda tieghu l-appellant semma' l-'erba xhur' huwa kien qieghed jirreferi ghal dan il-perjodu.

Dr Louis Bianchi fis-seduta ta' quddiem l-Ewwel Qorti fl-erbgha (4) ta' Lulju tas-sena elfejn u sbatax (2017) ikkonferma li l-klijenti Gasan Enterprises ma ghandhomx aktar interess f'dawn il-proceduri tenut kont tax-xhieda moghtija fil-proceduri Civili.

Illi ghalhekk mill-atti ammissibli jirrizulta li l-ammont dikkjarat fl-affidavit in kwistjoni kien wiehed ferm aktar minn dak li verament kien. Din il-Qorti biss pero' hija tal-fehma li minkejja li dak dikjarat fl-affidavit setgha kellha konsegwenzi serji fuq il-vittma ossia Gasan Enterprises Limited stante li setghet twassal lil Qorti sabiex tordna hlas ta' ammont aktar minn dak li verament kien allegatament dovut, biss pero' ma jirrizultax li dan kien tali kkunsidrat bhala '*att, jew atti, li jimpressjonaw bniedem ta' intelligenza u prudenza ordinarja u normali, għandhom ikunu atti frawdolenti li neċessarjament iqajmu sentimenti kif indikat fl-artikolu 308 tal-Kap. 9.*'[63] F'kaz li din il-Qorti kellha quddiemha s-schedule of payments li l-affidavit taghmel referenza ghaliha, il-kaz jaf kien ikun wiehed differenti peress li din il-Qorti setghet tqis sa fejn l-allegat frodatur kien lest li jasal pero' bil-provi li ghandha quddiemha din il-Qorti ma tirrizulta l-ebda messa in scena fl-ambitu ta' dak provdut fl-artikolu 308 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ikkunsidrat;

Illi stante li l-elementi taht l-artiklu 308 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ma jirrizultax, din il-Qorti sejra ghalhekk tqis l-artikolu 309 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jaqra:

---

[63] 'Il-Pulizija vs George Manicolo' deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-31 ta' Lulju, 1998

'*Kull min, bi ħsara ta' ħaddieħor, jagħmel xi qligħ ieħor b'qerq, mhux imsemmi fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-sub-titolu, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena tkun ta' priġunerija minn xahrejn sa sentejn jew il-multa.*'

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija v. Carmela German'**[64] gie kkunsidrat li:

'*Kwantu ghall-kwistjoni mqajjma mill-appellanti u cioe` jekk il-"gidba semplici" – a differenza tal-artifizji u raggiri – tistax tammonta ossia twassal ghar-reat ta' frodi innominata, ir-risposta hija certament fl-affermattiv, basta li tali gidba tkun effettivament tammonta ghal "qerq", cioe` tkun intiza jew preordinata sabiex il-persuna l-ohra (il- vittma) taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-konsegwenti arrikkiment ghal min jghid dik il-gidba, u basta, s'intendi, li tkun effettivament waslet ghal dan it-telf minn naha u arrikkiment min-naha l-ohra.*'

Filwaqt li fil-kawza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spettur Bernard Charles Spiteri) vs. Mario Cardona'**[65] gie kkunsidrat li:

'*Illi l-Artikolu 309 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, imbaghad jikkontempla r-reat minuri tal-frodi innominat. Illi ghar-rigward ta' dana r-reat, ghalkemm l-element tar-"raggiri" jew l-"artifizji" huwa nieqes u allura anke gidba semplici hija bizzejjed ghall-kummissjoni ta' dana r-reat, izda dana jrid bilfors iwassal sabiex il-vittma u cioé is-suggett passiv ta' dana r-reat isofri xi telf patrimonjali.*'

Illi din il-Qorti sejra qabel ma tqis jekk l-prosekuzzjoni irnexxielix tipprova il-komplicita' ossia l-'*common design*' f'tentattiv ta' frodi taht l-artikolu 309 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta sejra tikunsidra jekk il-fatt li l-appellant xehed fil-proceduri Civili fejn kienet prezentata l-affidavit fejn stqarr li l-ammont indikat fl-affidavit kien inveritier u ghalhekk jekk id-difiza tar-'retraction' li normalment tapplika ghar-reat

[64] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-30 ta' Dicembru, 2004 (Appell Kriminali Numru. 130/2003)
[65] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Bhala Qorti Istruttorja nhar is-17 ta' Mejju, 2016 (Numru: 85/2015)

ta' spergur, tapplikax ukoll ghal din l-imputazzjoni.

Ghaldaqstant, din il-Qorti sejra tikkunsidra it-tieni imputazzjoni li taqra '*Talli fl-istess żmien, lok u ċirkostanzi tajt xhieda falza f'materja ċivili , jew ghamilt affidvait falz waqt li kont taf li dak l-affidavit kien meħtieġ jew maħsub għal proċeduri ċivili f'Malta, ai termini ta' l-artikolu 106 tal-Kodiċi Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;*'

Illi kif irrizulta mill-atti, wara li l-imputat halef l-affidavit in kwistjoni, fil-mori ta' dawn il-proceduri huwa xehed quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-atti tal-kawza fejn giet prezentata l-affidavit, fejn stqarr li l-ammont riklamat fl-affidavit ma kienx veritier. Id-difiza issottometiet quddiem l-Ewwel Qorti li b'mod volontarju l-imputat Arnold Farruia u waqt li l-prceduri Civili kienu ghadhom ma gewx definittivament decizi, xehed u li skont id-difiza saret ir-retracton li tinnewtralizza l-effetti tar-reat ikkontemplat taht l-artikolu 106 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Din il-Qorti sejra ghalhekk taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija Spettur James Grech vs Romeo Bone Sabrina Bone'**[66] fejn gie kkunsidrat li:
*'Fir-rigward ta' dak li qalet Sabrina Bone id-Difiza tikkontendi li dak li xehdet Sabrina Bone ma jammontax ghal spergur izda semmai hija xhieda inkorretta u fi kwalunkwe kaz hija kkoregiet ruhha meta qalet li il-fatti li xehdet dwarhom setghu graw fis-sajf 2005 u ghalhekk dan jammonta ghal retraction u ghalhekk din ir-retraction tinnewtralizza l-ispergur. Dwar id-dottrina tar-retraction il-Qorti ser taghmel ampja referenza ghal dak li qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza citata aktar 'il fuq fil-kawza fl-ismijiet* ***'Pulizija vs Marzouki Hachemi Beya Bent Adbellatif'*** *fejn saret esposizzjoni dettaljata dwar id-dottrina tar-ritrattazzjoni u fejn inghad is-segwenti :-*

> *'Jinghad mal-ewwel li ma hemm ebda dubju li din id- duttrina, ghalkemm ma tirrizultax daqstant cara mill-Kodici Kriminali, fil-prattika giet accettatha mill-Qrati taghna f'kazijiet ta'spergur. L-Artikolu 522 (1) tal-Kodici Kriminali jaghti s-setgha*

[66] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fit-30 ta' Settembru, 2011 (Numru: 453/2009)

*lill-Qorti sabiex fid-diskrezzjoni taghha tmexxi lejn is-sewwa kull xhud li jhawwad fix-xhieda tieghu, dan billi twissih, twarrbu, eccetera. L-Artikolu 104 (3) tal-Kap. 9, moqri flimkien mal-proviso tas-subartikolu (2) ta' l-istess Artikolu 104, juri bic-car l-intenzjoni tal- legislatur li meta xhud jerga' lura mix-xhieda falza li jkun ta, b'mod li tali ritrattazzjoni tibbenfika xi persuna akkuzata u misjuba hatja in bazi tax-xhieda falza tieghu, u qabel ma tigi esegwita dik is-sentenza, allura tali ritrattazzjoni tibbenefika wkoll lil dak ix-xhud li jregga' lura x-xhieda falza tieghu, dan ghal dak li jirrigwarda l-piena anqas li hu soggett ghaliha f'tali kaz a differenza tal-piena akbar soggett ghaliha meta jinstab hati ta' dak l-ispergur minghajr ma jkun reggha lura x-xhieda falza tieghu. Moqrija flimkien dawn iz-zewg Artikoli separati fil-Kodici Kriminali kjarament juru li l-legislatur ried jaghti l- opportunita' jew incentiv lix-xhud li xehed falz sabiex iregga' lura dik ix-xhieda tieghu. Ried jaghti l-opportunita' lil dak ix-xhud li jregga' lura x-xhieda falza tieghu w b'hekk jevita li tigi kagunata xi hsara rreparabbli lil xi persuna jew anke lis-socjeta' in generali. Ta' min izid ma' dawn iz- zewg Artikoli tal-Kodici Kriminali, dak li jiddisponi il-Kap.12 fl-Artikolu 602 (1), maghmul applikabbli ghall-procedimenti kriminali bl-Artikolu 645 tal-Kap. 9, fejn xhud, f'kull zmien qabel l-eghluq tas-smigh tal-kawza, jkun jixtieq jaghmel xi zieda jew korrezzjoni ghal dak li jkun xehed qabel, u l- Qorti tippermetti tali zieda jew korrezzjoni. Dawn huma tlett Artikoli tal-Ligi li kjarament juru li din id-duttrina ta'ritrattazzjoni kienet f'mohh il-legislatur. Din tar- ritrattazzjoni, fil-fatt, hija incentiva li l-ligi taghti lix-xhud sabiex jasal biex jikkoreggi lilu nnifsu biex dak li jkun xehed falz precedentement ma jwassalx ghad-dannu ta'haddiehor u sabiex ukoll l-istess xhud ikollu mohhu mistrieh li l-ligi qed tipproteggih billi jibbenefika minn din ir- ritrattazzjoni tieghu li twassal ghan-newtralizzazzjoni tar- reat ta' spergur. Dan hu ezattament l-iskop wara din id- duttrina, cioe' li tigi zvelata l-verita' li hu wkoll l-iskop ta' kull process kriminali, li bniedem li x-xhieda falza tieghu tista' twassal ghal xi decizjoni hazina, jkun f'posizzjoni li jirrimedja ghal tali sitwazzjoni qabel ma jkun tard wisq. L- effett ta' din l-incentiva hu li tigi eliminata l-possibilita' li l- gustizzja tigi zgwidata w li jsir xi dannu rreversibbli lil xi hadd.*

*Issa pero', mhux kull tip ta' ritrattazzjoni hija accettabbli fis-sens li din dejjem tibbenefika lix-xhud li jregga lura mix- xhieda falza tieghu. Hemm certi rekwiziti li jridu jigu sodisfatti sabiex din il-linja difensjonali tirnexxi. Ta'min ifakkar li kif jirrizulta mill-gurisprudenza, l-effett tar- ritrattazzjoni hu li din tinnewtralizza ghall-kollox ir-reat ta' spergur. Assumendo li jezistu r-rekwiziti kollha necessarji sabiex tirnexxi din il-linja difensjonali, l-effett taghha hu li min ikun xehed falz u volontarjament iregga' lura dik ix- xhieda falza tieghu fil-mument opportun, hu jkun ezonerat minn kull responsabilita' kriminali. U dan hu propju l- incentiv li taghti l-ligi lil kull min jirritratta lura minn xi xhieda falza li jkun ta, purche' huma sodisfatti r-rekwiziti mehtiega. Dan hu incentiv intiz biex iwassal lix-xhud biex jerga' jahsibha, jiddispjacih minn dik ix-xhieda falza li jkun ta, u jasal jghid il-verita' minghajr ma jinkorri f'responsabilita' kriminali. Hu l-premju li l-ligi taghti lil dak ix-xhud talli ghen u ta l-kontribut tieghu siewi sabiex issir gustizzja jew sabiex ma ssirx ingustizzja in bazi ta' xhieda falza.*

*Issa sabiex tali '**retraction**' tinnewtralizza d-delitt ta'spergur, hu ovvju li tali ritrattazzjoni necessarjament ghandha **issir qabel ma l-proceduri kriminali jkun gew decizi**. Dan ghaliex ritrattazzjoni hija intiza biex twassal ghal xi beneficcju, kif intqal qabel, anzi ghar-retta amministrazzjoni tal-gustizzja. Issa jekk din issir wara li l-proceduri kriminali jkunu intemmu w gja' hemm decizjoni, allura dik ir-ritrattazzjoni ma tiswa xejn u ma tibbenefika lill-hadd. Ix-xhud li jregga lura x-xhieda falza tieghu f'dak l-istadju tardiv, ghalhekk, jibqa' kriminalment responsabbli ghad delitt ta'spergur. Fil-fatt, gie ritenut li sakemm ikunu ghadhom ma spiccawx il-proceduri kriminali, u allura hemm dejjem il-possibilita' li xhud jista' jregga lura x- xhieda falza tieghu, dan id-delitt ta'spergur jimmatura jew jigi kunsmat **biss** fil-mument meta ma jkunx aktar possibbli li jerga' jissejjah dak ix-xhud, fil-mument li dawk il-proceduri jkunu intemmu, u ghalhekk, ma jkunx ghad baqa' l-possibilita' li xhud jirritratta. Fil-fatt il-**Pessina** (Elementi di Diritto Penale, Vol. 7, p.730) jghid hekk : " Il testimonio il quale facesse una testimonianza falsa, ancorche', cio' avvenga nel corso del giudizio, ritrattandosi prima che si chiudesse il dibattimento, non sarebbe soggetto ad azione*

*penale per falsa testimonianza siccome fino a tale momento si tratta di un conato che vien esente da pena per il sopraggiunto pentimento del colpevole."*

*Issa apparti dan ir-rekwizit li r-ritrattazzjoni trid issir qabel ma jigu terminati l-proceduri kriminali, ix-xhud li jiddispjacih u jregga' lura ix-xhieda falza tieghu, irid jaghmel hekk b'mod* ***volontarju****, cioe' ma jigi mgieghel jew kostrett minn hadd. Mhux essenzjali li jaghmel hekk b'mod spontaneu ukoll. L-awturi u gurisprudenza jghidu li jkun bizzejjed li x-xhud jiddeciedi li jmur lura mix-xhieda falza tieghu volontarjament, ghaliex hekk irid hu. Fil-fatt, gie ritenut li xhud ghandu kull dritt li jregga' lura dak li jkun qal u b'hekk jinnewtralizza l-ispergur, basta li jaghmel hekk fil-kors tal-proceduri w qabel ma dawn jispiccaw. Il- Professur Mamo filwaqt li jirreferi ghad-diskrezzjoni tal- Qorti, fuq imsemmija, rizultanti mill-Kap. 12, li tregga' lura lix-xhud li jkun qed ihawwad billi twissih li jista' jigi arrestat, jinzamm appartat, eccetera, jghid li ghalkemm f'cirkostanzi bhal dawn ix-xhud jiddeciedi li jregga' lura x- xhieda tieghu, tali ritrattazzjoni xorta tibqa' wahda volontarja li tinnewtralizza d-delitt ta'spergur.*

*Issa apparti li r-ritrattazzjoni trid tkun wahda volontarja u maghmulha qabel ma jispiccaw il-proceduri, huwa essenzjali wkoll li din tkun* ***esplicita****,* ***kompleta*** *w* ***inkondizzjonata****. Dan kif jghid il-Manzini (Manuale di Diritto Penale, Vol 5. Para. 1671, at p. 789).'*

*Fil-fehma tal-Qorti fil-kaz odjern il-korrezzjoni maghmula minn Sabrina Bone tista' titqies li tammonta ghal retraction ghaliex saret qabel ma gew terminati l-proceduri li kienet qed tixhed fihom u ghaliex saret b'mod volontarju u nkondizzjonat fejn wara li saritilha id-debita domanda in kontro-ezami Sabrina Bone accettat li l-fatti li kienet qed tixhed dwarhom setghu graw fis-sajf tat-2005 u mhux f'dak tat-2006 kif kienet qalet precedentement. Il-Qorti ghalhekk jidrilha li fic-cirkostanzi x-xhieda ta' Sabrina Bone ma tistghax titqies li tammonta ghar-reat ta' spergur kontemplat fl-Artikolu 104 jew 105 tal-Kodici Kriminali.'*

Fis-sentenza **'Il-Pulizija ( Spettur Neil Harrison) Vs Marzouki Hachemi Beya Bent**

**Abdellatif'**[67] gie kkunsidrat ukoll li:

> '*Issa wiehed ghandu jara jekk il-fatti rizultanti f'dan il-kaz jinkwadrawx f'dawn ir-rekwiziti. Pero', qabel kollox ghandu jigi kkjarat u puntwalizzat ghal darb'ohra li din id- duttrina tar-"**retraction**" tapplika **biss** ghar-rigward ir-reat ta'spergur taht l-Artikoli 104 (1) u 105 tal-Kap. 9, u ma tapplikax ghar-rigward ir-reat ta'gurament falz taht l-Artikolu 108 (1) tal-Kap. 9. Dan hu hekk anke logikament. Huma biss l-imsemmija Artikoli 104 (1) u 105 li jitkellmu fuq proceduri kriminali pendenti li matulhom issir it-testimonjanza falza. Hu ovvju ghalhekk, li r-"**retraction**" tista' issir biss waqt li tali proceduri kriminali ghadhom ghaddejjin biex jigi evitat xi dannu jew hsara rreparabbli. Fir-reat kontemplat fl-Artikolu 108 (1), dak tal-gurament falz, ghad ma hemmx l-istadju tal-proceduri kriminali in ezistenza, u ghalhekk, gja' la darba hu wiehed mir- rekwiziti essenzjali tar-"**retraction**" li din issir waqt proceduri kriminali w qabel ma dawn jigu decizi, allura, isegwi logikament li din id-duttrina ta' "**retraction**" ma tistghax tapplika f'dawk il-kazijiet li jinkwadraw ruhom fl-imsemmi dispost ta' dan l-Artikolu 108 (1) tal-Kap. 9. Ir-"**retraction**" ma tapplikax, per ezempju, fil-kaz ta'gurament falz mehud waqt xi Inkjesta Magisterjali.*'

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija versus Patrick Filletti u Enrico sive Henry Filletti**[68]', l-Avukat Generali fl-appell tieghu kien talab lil Qorti tirriforma dik is-sentenza billi filwaqt li tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabet liz-zewg imputati mhux hatja tal-akkuza tat-tentattiv ta' truffa, tirrevokaha fil-bqija, cioe' fejn sabithom mhux hatja ta' gurament falz u minflok issibhom hatja ta' dan ir-reat u tinfliggi l-piena skond il-ligi. Il-Qorti tal-Appell Kriminali kkunsidrat li:

> '*4. L-ewwel Qorti aċċettat it-teżi sottomessa mid-difiża li dak il-fatt ta' l-imputati ma għandux jiġi kkunsidrat li jikkostitwixxi r-reat kontemplat fl-istess artikolu billi dan ir-reat ġie "newtralizzat" bir-ritrattazzjoni tax-xhieda tagħhom mill-imputati. Din*

[67] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-22 ta' Ottubru, 2001 (Appell Nru: 128/2001)
[68] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-24 ta' Novembru, 1992

*in-newtralizzazzjoni ma tirriżultax mil-liġi, iżda mid-dottrina u mill-ġurisprudenza anki nostrali;*

*5. Din it-teżi bbażata fuq dawn il-konsiderazzjonijiet. L-artikolu 602(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, magħmul applikabbli għall-proċedimenti kriminali bl-artikolu 645 tal-Kodiċi Kriminali, jiddisponi li l-Qorti tippermetti lil xhud jagħmel xi żieda jew korrezzjoni fid-deposizzjoni tiegħu, u dan f'kull żmien qabel l-għeluq tas-smigħ tal-kawża. Minn jiffurmaw ħaġa waħda indiviżibbli, u li d-deposizzjoni ma tistax titqies kompleta u inevokabbli ħlief meta s-smigħ tal-kawża jkun defenittivament magħluq;*

*It-teorija premessa pero' kjarament tirriferixxi għat-testimonjanza falza prestata f'kawża, mhux għall-ġurament falz kontemplat fl-artikolu 108(1) Kapitolu 9 li bih huma akkużati l-imputati. Dawn pero' ssottomettew fit-trattazzjoni li dan il-ġurament falz ma għandux jiġi kkunsidrat differentement mix-xiehda falza f'kawża. Ir-raison d'etre tat-teorija in kwistjoni fil-każ tax-xhieda falza hija li x-xhud li jirritratta dik ix-xhieda qabel ma din tipproduċi ħsara irreparabbli u hekk volontarjament jiddistruġġi l-effetti tagħha, ma għandux jiġi punit. Fil-każ tal-ġurament falz ir-ritrattazzjoni magħmula mill-individwu, wkoll tevita d-dannu li jkun ser isir permezz ta' dak il-ġurament. Fil-każ odjern, ir-ritrattazzjoni ta' l-imputati evitat il-possibbilita' li l-asskiuratur tagħhom jisborsa sebat elef lira minflok seba' mija. Din hi t-teżi ta' l-imputati;*

6. *Din il-Qorti, bir-rispett mhix konvinta minn dan kollu. Ir-reat in eżami huwa ovvjament reat formali. Ġie indubbjament kommess, bl-elementi kostituttivi tiegħu kollha, appena l-imputati, wara li kien ġie lilhom somministrat il-ġurament għamlu dikjarazzjoni falza lill-perit tekniku. Ir-ritrattazzjoni tagħhom, aktar tard, ma ddisfatx il-fatt kostitwenti r-reat li kienu kkommettew, u ma naqqset ebda wieħed mill-elementi ta' dak ir-reat. Il-liġi ma tiddisponi xejn fis-sens tan- "newtralizzazzjoni" tar-reat f'każ ta' ritrattazzjoni. Din il-Qorti frankament ma tara ebda differenza bejn li tgħid li r-ritrattazzjoni tinnewtralizza r-reat tal-ġurament falz bil-konsegwenti liberazzjoni ta' min ikun ħalef il-falz, u li tgħid li*

*r-restituzzjoni lil sidhom ta' l-oġġetti misruqin tinnewtralizza r-reat tas-serq bil-konsegwenti liberazzjoni tal-ħalliel;'*

Ikkunsidrat;

Illi l-Artikolu 602(1) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li '*Jekk ix-xhud, jew l-interpretu, f'kull żmien qabel l-egħluq tas-smigħ tal-kawża, ikun irid jagħmel xi żjieda jew korrezzjoni, il-qorti tippermetti dik iż-żjieda jew korrezzjoni, u tagħtiha piż skont iċ-ċirkostanzi.*'

Dan l-artikolu maghmul applikabbli ghall-procedimenti kriminali bl-Artikolu 645 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta fejn xhud, f'kull zmien qabel l-eghluq tas-smigh tal-kawza, jkun jixtieq jaghmel xi zieda jew korrezzjoni ghal dak li jkun xehed qabel, u l-Qorti tippermetti tali zieda jew korrezzjoni.

Din ir-ritrattazzjoni hija incentiv li l-ligi taghti lix-xhud sabiex jasal biex jikkoreggi lilu nnifsu biex dak li jkun xehed falz precedentement ma jwassalx ghad-dannu ta' haddiehor u li ghalhekk hekk kif issir ir-'retraction', ir-reat ta' spergur jigi newtralizzat.

Illi mill-atti jirrizulta li l-appellant xehed fil-kawza Civili fejn kien gie prezentat l-affidavit mahluf, liema deposizzjonji ittiehdet qabel ma ntemmu dawk il-proceduri u fil-mori ta' dawn il-proceduri penali. Filfatt Dr. Louis Bianchi fis-seduta ta' nhar l-ghaxra (10) ta' April tas-sena elfejn u sbatax (2017) ikkonferma li x-xhieda moghtija mill-appellant inghatat fl-istadju tal-provi tas-socjeta' konvenuta, ikkonferma ukoll li kien hemm tentattivi qabel da parti tal-Avukat difensur tal-appellant sabiex l-appellant jaghti x-xhieda tieghu qabel dik id-data. Jirrizulta li dik ir-ritrattazzjoni saret b'mod volontarju, saret f'waqtha u tikkonferma li l-ammont imsemmi fl-affidavit huwa inveritier. Tant li xehed li '*Jien kelli d-dubju li ma kontx cert jekk dak l-*

*ammont ghax jien meta rjat l-ammont hu ma qallix dak il-hin isma' dawk t'erba' xhur, u jien forsi zbaljajt li ma qrajtx il-karta, imma jien xoghol ghamilt hafna ma Martin u bl-amment kemm ghamilt xoghol nahseb li dik ic-cifra ghamiltha u nahseb jekk ma qbiztiex ukoll forsi, ma nafx, imma f'erba' xhur zgur li m'ghamiltx dak l-ammont ta' xoghol.'* (Sottolinear mizjud)

Minkejja li f'waqtiet, l-appellant fix-xhieda tieghu fil-proceduri Civili in kwistjoni jaghti l-impressjoni li mal-ewwel ma daqlux l-ammont indikat fl-affidavit u f'waqtiet ohra jaghti l-impressjoni li kellu dubju fuq l-ammont bhal li kieku ma kienx xjenti tal-ammont zbaljat, huwa kkonferma li l-ammont ghal perjodu indikat fl-affidavit ma kienx korrett. Ghalhekk, stante li l-appellant irtira dak li ddikjara fl-affidavit rigwardanti l-ammont, din il-Qorti sejra tilqa' d-difiza tar-'retraction' u sejra ghalhekk tilliberah minn din it-tieni imputazzjoni.

Abbazi ta' dan, din il-Qorti sejra tqis jekk ir-retraction tapplikax ghall-ewwel imputazzjoni, senjatament jekk il-fatt li saret ir-retraction u li ghalhekk innewtralizzat ir-reat taht l-artikolu 106 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, jinnewtralizzax ukoll ir-reat ta' temtattiv ta' frodi taht l-artikolu 309 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi jirrizulta li l-imputazzjonijiet kollha mahruga, inhargu in segwitu tal-halfa u prezentata ta' affidavit fi proceduri civili. Fejn l-imputazzjonijiet kollha jirrigwardaw punt wiehed, ossia li tnizzel ammont li ma kienx minnu. Taht l-artikolu 309 tal-Kapitolu 9, is-semplici gidba li twassal ghal hsara lil haddiehor hi bizzejjed sabiex jissusisti r-reat. F'dan il-kaz partikolari l-ammont imnizzel fl-affidavit setgha wasal ghas-sitwazzjoni fejn sehhet hsara ingusta lis-socjeta' intimata f'dik il-kawza fejn konsegwentement ir-rikorrent Martin Debattista kien jaghmel qliegh b'qerq. Biss pero' jibqa l-fatt li l-hsara ma sehhitx, u ma sehhitx mhux ghax saret il-kwerela izda peress li l-appellant ghazel li volontarjament, anke wara li gie investigat u gew istitwiti dawn il-proceduri, li jixhed f'dawn il-proceduri Civili anke jekk it-traskrizzjoni li tidher a fol 102 et seq tghid in kontro-ezami biex fi kliem semplici isewwi dak li l-affidavit setgha wassal li jigri, ossia li ikkorega u stqar li

f'dawn l-erba' (4) xhur zgur[69] li ma ghamilx dak l-ammont ta' xoghol.

Din il-Qorti thoss li gialadarba, id-difiza tar-retraction qieghda tigi accettata taht it-tieni imputazzjonijiet, stante li l-ewwel imputazzjoni hija intrinsikament marbuta mat-tehid tal-gurament falz taht it-tieni imputazzjoni, ifisser li kif issottometta l-appellant fir-raba' aggravju tieghu anke jekk rigwardanti l-artikolu 308 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, li la darba l-appellant stess iddezista u volontarjament irtira dak li kien hemm skorrett fl-affidavit li seta' jwassal ghal frodi, it-tentattiv tal-frodi ma jistax jirrizulta lanqas taht l-artikolu 309 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Ghaldaqstant, din il-Qorti mhijiex issib lill-appellant hati tal-ewwel imputazzjoni.

Peress li din il-Qorti mhijiex issib htija fl-ewwel imputazzjoni, mhijiex sejra tqis jekk tezistix il-'common design' u l-elementi rigwardanti l-komplicita' o meno.

Ikkunsidrat;

Illi t-tielet imputazzjoni taqra '*Akkużat ukol talli fl-istess data, lok u ċirkostanzi, ħlift il-falz quddiem ufficjal li kellu s-setgħa b'liġi li jagħti l-ġurament, ai termini ta' l-artikolu 108 tal-Kodiċi Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;*'

Fin-nota tar-rinviju tal-Avukat Generali a fol 70 u datata it-tnejn (2) ta' Jannar tas-sena elfejn u hmistax (2015) ma jirrizultax li gie indikat l-artikolu 108 tal-Ligijiet ta' Malta izda minflokk gie indikat l-artikolu 188(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, liema artikolu huwa inapplikabbli stante li si tratta ta' dokument li ma jkunx wiehed intiz ghal xi awtorita' pubblika, meta dan l-affidavit necessarjament kien intiz u filfatt gie prezentat il-Qorti. F'dan ir-rigward, din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **<u>'Il-Pulizija (Spt. Louise Vella) Vs Peter Borg'</u>** [70] fejn gie kkunsidrat li:

---

[69] Ghalkemm kif gia kkunsidrat il-perjodu msemmi fl-affidavit jirreferi ghas-sebgha (7) ta' Frar tas-sena elfejn u disgha (2009) sat-tnejn (2) ta' Lulju tas-sena elfejn u disgha (2009).
[70] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-10 ta' Novembru, 2005 (Appell Kriminali Numru. 196/2005)

*'Illi ma hemmx dubju li r-rinviju ghall-gudizzju li jaghmel l-Avukat Generali ghandu jitqies bhallikieku hu att ta' l-akkuza, u hekk kif fuq att ta' akkuza, skond l-artikolu 467 (4) il-guri (jew il-Qorti) tista' ssib htija ta' reat jew reati izghar, basta li dan jew dawn ir-reati jkunu komprizi w involuti f' xi parti ta' l-att ta' l- akkuza, hekk ukoll il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tista' ma ssibx htija skond l-artikoli ndikati fir-rinviju ghall-gudizzju tal- Avukat Generali imma ssib htija ta' reat jew reati minuri komprizi u involuti. Dan ghaliex ir-regoli imsemmija fis-subartikoli (2) u (4) tal-artikolu 467 tal- Kodici Kriminali gew dejjem ritenuti lli japplikaw ghall-Qrati ta' Gustizzja Kriminali kollha. (Ara. App. Krim. "**Il- Pulizija vs. omissis u Carmelo Agius**"[71], "**Il- Pulizija vs. Emmanuel Camileri et**"[72] "**Il-Pulizija vs. Andrew Ellul Sullivan et**"[73], "**Il-Pulizija vs. Michael Carter**"[74] u ohrajn.)*

*Ghalhekk l-Ewwel Qorti kellha tindaga jekk fil-fatt irrizultax xi reat kompriz w involut qabel ma tillibera ghal kollox lill- appellat kif ghamlet. Dan aktar u aktar meta kienet gja esprimiet ruha li l-appellat kien wettaq xi forma ta' offiza fuq martu Censina Borg tant li, gustament, iccensuratu bil- qawwa kollha .'* (Emfazi u sottolinear mizjud u dettalji dwar sentenzi citata jinsabu aktar l'isfel fin-noti ta' qiegh il-pagna)

La darba l-Avukat Generali fin-nota ma ndikax l-artikolu 108 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta fin-nota li tidher a fol 70, din il-Qorti ma tistax issib htija tat-tielet imputazzjoni;

Ikkunsidrat;

Illi r-raba' imputazzjoni taqra '*U aktar talli fl-istess żmien, lok u ċirkostanzi sabiex tikseb xi vantaġġ jew benefiċċju għalik innifsek jew għal ħaddieħor, f'dokument maħsub għal awtorita' pubblika, xjentement għamilt dikjarazzjoni jew stqarrija, falza, jew tajt tagħrif falz, ai termini ta' l-artikoli 188 u 189 tal-Kodiċi Kriminali, Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;*'

---

[71] Deciza fl-24 ta' Mejju, 2002
[72] Deciza fit-23 ta' Novembru, 2001
[73] Deciza fl-20 ta' Marzu, 2003
[74] Deciza fis-7 ta' Dicembru, 2001

Illi l-Avukat Generali indika l-artikolu 188(2) u 189 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Kif ikkunsidrat, l-artikolu 188(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ma japplikax stante li jirrigwarda dokument kontententi dikjarazzjoni falza li ma jkunx wiehed intiz ghal xi awtorita' pubblika. L-artikolu applikabbli kien l-artikolu 188(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta li baqa' ma giex indikat mill-Avukat Generali fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju. Minn naha l-ohra, l-Avukat Generali indika ukoll l-artikolu 189 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jaqra:

> '*Kull min jagħmel falsifikazzjoni oħra jew xjentement jagħmel użu minn xi dokument ieħor falsifikat, mhux imsemmija fl-artikoli ta' qabel ta' dan it-Titolu, jeħel il-piena ta' priġunerija għal żmien mhux iżjed minn sitt xhur, u jekk ikun uffiċjal jew impjegat pubbliku b'abbuż tal-kariga jew impieg tiegħu, il-piena tkun ta' priġunerija minn seba' xhur sa sena.*'

Fil-kaz in mertu, non si tratta ta' dokument falsifikat izda ta' dokument li fih informazzjoni falza. Il-gurisprudenza taghmel differenza bejn il-falz ideologiku u l-falz materjali. Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija v. Elton George Spiteri'** [75] gie kkunsidrat li:

> '*Fis-sentenza fl-ismijiet* ***Il-Pulizija v. Paul Galea*** *moghtija fis-17 ta' Ottubru 1997 din il-Qorti diversament presjeduta qalet hekk dwar id-differenza bejn il-falz materjali u l-falz ideologiku:*

> *"Id-differenza bejn il-falz materjali u l-falz ideologiku hi spjegata mill-awturi b'dan il-mod: filwaqt li fil-kaz tal-falz materjali d-dokument jigi ffalsifikat fl-essenza materjali tieghu, fil-falz ideologiku d-dokument ikun iffalsifikat biss fis-sustanza u cioe` fil-kontenut ideali tieghu (Antolisei, F., Manuale di Diritto Penale – Parte Speciale II (Giuffre`, Milano, 1986), p. 604). Fi kliem Manzini (Trattato, v. VI, n. 2296, p. 829) ikun hemm falsita` materjali meta d-dokument ikun wiehed mhux genwin (jigifieri jew*

[75] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-23 ta' Marzu, 2007 (Appell Kriminali Numru. 40/2006)

*meta l-awtur apparenti ma jkunx l- awtur reali tad-dokument jew meta d-dokument ikun issubixxa alterazzjonijiet wara l-formazzjoni definittiva tieghu), mentri fil-falz ideologiku, ghalkemm id- dokument ikun genwin "non e` veridico, perche` colui che lo ha formato gli fa dire cose contrarie al vero". Ghall-finijiet tad-dottrina in tema ta' falsita` ikun hemm dokument kull fejn hemm kitba, attribwibbli ghal persuna identifikabbli, liema kitba tkun tikkontjeni esposizzjoni ta' fatti jew dikjarazzjoni ta' volonta` (Antolisei, F., op. cit., p. 594). S'intendi, b'kitba wiehed ma jifhimx biss is-sinjali alfabetici, izda tinkludi dawk numerici, stenografici u anke kriptografici, basta li dik il-kitba tesprimi hsieb li jkun jiftiehem minn kulhadd jew minn certu numru ta' nies. Il-kitba f'dan is-sens tista' ssir kemm bl-id kif ukoll b'mezzi mekkanici, b'mezz indelibbli jew li jista' jithassar u fuq kwalsiasi mezz li jista jiehu, imqar temporaneament, il-messagg – karta, parcmina, injam, gebel, hadid, plastik, etc."'*

Din il-Qorti taghmel referenza ukoll ghal kawza fl-ismijiet **'Il-Pulizija v. Anton Vassallo'**[76] fejn gie kkunsidrat li:

'*Din il-Qorti ma tistax ma tosservax, pero` – ghalkemm m'hemmx aggravju dwaru izda jista' jinfluwixxi fuq il-piena u ghalhekk dan il-punt qed jitqajjem ex officio – illi proprjament l-appellant ma kellux jinstab hati dwar it-tieni u t-tielet imputazzjonijiet. Ir-reat deskritt fl- artikolu 188 tal-Kap. 9 jikkontempla forma ta' falsita` ideologika filwaqt illi dak imsemmi fl-artikolu 189 jikkontempla forma ta' falsita` materjali.*'

Stante li r-reat mertu tal-kawza odjerna huwa il-falz iedeologikku u ghalhekk dak *ai termini* tal-artikolu 188(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tenut kont li l-Avukat Generali ma ccitax dan l-artikolu, izda ccita l-artikolu 188(2) u l-artikolu 189 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, din il-Qorti ma tistax issib lill-appellant hati tar-raba' (4) imputazzjoni.

Illi stante li din il-Qorti mhijiex issib lill-appellant hati tal-erba' (4) imputazzjonijiet migbura kontrih, lanqas ma tista' ssibu hati tal-imputazzjoni tar-recidiva ossia l-

---

[76] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-4 ta' Gunju, 2008 (Appell Kriminali Numru. 183/2006)

hames (5) imputazzjoni.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti qed tiddisponi mill-appell billi, wara li fl-ewwel lok *ex officio* annullat is-sentenza appellata, ma ssibx lill-appellant hati u tilliberah minn kull imputazzjoni u htija.

(ft) Consuelo Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur